# *ARTURO DIMECH U R-RUMANZ TAL-FAXXIKLI*

***Roseanne Fabri***

University of Malta
L-Università ta' Malta

**University of Malta Library – Electronic Theses & Dissertations (ETD) Repository**

The copyright of this thesis/dissertation belongs to the author. The author's rights in respect of this work are as defined by the Copyright Act (Chapter 415) of the Laws of Malta or as modified by any successive legislation.

Users may access this full-text thesis/dissertation and can make use of the information contained in accordance with the Copyright Act provided that the author must be properly acknowledged. Further distribution or reproduction in any format is prohibited without the prior permission of the copyright holder.

# *ARTURO DIMECH U R-RUMANZ TAL-FAXXIKLI*

**ROSEANNE FABRI**

***Dissertazzjoni ppreżentata lill-Fakulta` tal-Arti tal-Universita` ta' Malta għall-grad ta' Baċellerat fl-Arti (bl-Unuri) fil-Malti.***

***Mejju 2011***



**ARTURO DIMECH** ***1907-1981***

*Lill-għeżież ġenituri tiegħi li qatt ma waqfu jemmnu fija sa mill-bidu nett, u lil dawk kollha li dejjem raw fija l-potenzjal li nasal fejn dejjem xtaqt...*

L-UNIVERSITÀ TA' MALTA

FAKULTÀ TAL-ARTI

DIKJARAZZJONI

Kodiċi tal-istudent/a 11BAMAL014

Kunjom u isem l-istudent/a Fabri Roseanne

Kors B.A Malti (Unuri)

Titlu tat-teżina Arturo Dimech u R-Rumanz tal-Faxxikli

Niddikjara li jien l-awtur/l-awtriċi leġittimu/a ta' din it-teżina.

Niddikjara wkoll li dan huwa xogħol oriġinali tiegħi li qatt ma ġie ppubblikat qabel.

| | |
|---|---|
| | FABRI ROSEANNE |
| Firma tal-istudent/a | Isem l-istudent/a (b'ittri kbar) |

Data 2 ta' Mejju 2011

# Werrej


**Radd ta' Ħajr** ........................................................................ **1**

**Daħla** ........................................................................ **2**

**Nota** ........................................................................ **4**

**Taqsiriet** ........................................................................ **5**

***L-EWWEL TAQSIMA:*** ........................................................................ ***6***

***Arturo Dimech bħala Rumanzier tal-Faxxikli*** ........................................ ***6***

**1.1 Il-Produzzjoni tal-Faxxikli u l-Istamperiji Maltin** ...................... **7**

*L-Organizzazzjoni Personali tat-Tqassim tal-Faxxikli* ........................... *8*

*L-Organizzazzjoni Istituzzjonali* ........................................................ *15*

*Dimech u l-Istamperiji* ........................................................................ *17*

**1.2 Ħajjet l-Awtur** ........................................................................ **20**

*Il-Ħajja ta' Dimech fl-'IScouts'* ........................................................ *21*

*Il-Bniedem Arturo Dimech* ........................................................................ *22*

***IT-TIENI TAQSIMA:*** ........................................................................ ***26***

***Dimech, Il-Gotiku u L-Imħabba*** ........................................................ ***26***

**2.1 L-Element Gotiku: Mir-Rumanz Barrani għal dak Malti** ......... **27**

*L-Iżvilupp tar-Rumanz Gotiku* ........................................................ *27*

*Ir-Rumanz Gotiku Malti* ........................................................................ *31*

*Karatteristiċi mil-Letteratura Gotika* ................................................ *33*

*Il-Gotiku bħala Ħażen soċjali* ........................................................ *39*

*Figuri u Karattri Grotteski* ........................................................................ *41*

*Il-Motiv tal-Qtil* ........................................................................ *44*

**2.2 Intriċċi ta' Mħabba ......................................................................48**

*L-Imħabba fl-Aqwa Tagħha............................................................. 49*

*Imħabba li Tweġġa' ......................................................................... 56*

***IT-TIELET TAQSIMA: ......................................................................62***

***Malta, L-Istorja u L-Ġeografija fix-Xogħlijiet ta' Dimech................62***

***3.1 Ir-Rabta ma' Raħal Twelidu u Rħula oħra..............................63***

*Perspettiva Storika u Ambjentali...................................................... 63*

**3.2 Ir-Rabta mal-Istorja u l-Ġeografija ........................................68**

*Il-Ġrajja Maltija ................................................................................ 69*

*Spunti mill-Istorja Barranija ............................................................. 77*

***IR-RABA' TAQSIMA: .......................................................................81***

***Dimech bħala Kittieb u Narratur......................................................81***

**4.1 Il-Karatterizzazzjoni u d-Deskrizzjoni ....................................82**

*Dimech bħala Awtur u Narratur....................................................... 83*

*Id-Dinja tal-Karattri.......................................................................... 85*

*Il-Personalita` Femminili .................................................................. 88*

*L-Eroj ................................................................................................ 91*

*Personaġġi Storiċi Meħudin mid-Dinja Reali ..................................... 93*

***4.2 L-Għan Didattiku ...................................................................96***

*Personaġġi Magħrufa u Dokumenti Storiċi ....................................... 97*

*Attrazzjonijiet Ambjentali u Kulturali ................................................ 99*

**_4.3 L-Influssi Barranin Fil-Kitbiet Ta' Dimech_ ............................ 104**

_L-Influwenza minn Rumanziera Varji_ .............................................. _104_

_L-Influwenza taċ-Ċinema_ ................................................................ _108_

**_Għeluq_ ........................................................................................ _111_**

**_Il-Xogħlijiet ta' Arturo Dimech_ .......................................................... _113_**

**_Biblijografija_ ................................................................................ _117_**

**_Indiċi_ ........................................................................................... I**

**_APPENDIĊI I_ ................................................................................. _IV_**

**_APPENDIĊI II_ ................................................................................. _X_**

**_APPENDIĊI III_ ............................................................................... _XV_**

## Radd ta' Ħajr

Nixtieq nibda billi nirringrazzja lill-Professur Arnold Cassola li għenni ħafna sabiex insawwar u nippreżenta dan ix-xogħol u li, b'dedikazzjoni kbira, segwieni fil-ħidma tiegħi.

Ma nistax ma ngħidx grazzi mill-qalb lis-Sinjura Doris Dimech li tatni l-opportunita` li niskopri lil dan il-kittieb aktar mill-qrib. Li kieku ma kienx għall-informazzjoni imprezzabbli tagħha, ma kontx niskopri dan kollu dwar il-ħajja personali tal-awtur. Nirringrazzja wkoll lis-Sur Lino Bonnici, li tani ħafna tagħrif dwar dak kollu li kellu x'jaqsam mal-awtur u r-rwol tiegħu fl-'iScouts'.

Nixtieq nirringrazzja lil persuni oħra li tawni informazzjoni xierqa flimkien ma' pariri siewja kemm dwar il-kittieb kif ukoll dwar dak kollu li kien relevanti għal dan ix-xogħol. Għalhekk nixtieq nirringrazzja lill-familja Lombardi, lis-Sur Gwido Lanfranco,  lis-Sur Joe Dimech, lis-Sur Salvu Catania u lill-Professur Oliver Friggieri.

Irrid nirringrazzja wkoll lil dawk kollha li għamluli l-kuraġġ, speċjalment lil dawk tal-familja u lill-maħbub tiegħi.

## Daħla

L-għan ewlieni tiegħi f'din id-dissertazzjoni hu li nixħet dawl fuq wieħed mir-rumanziera Maltin li taw kontribut xieraq fil-qasam letterarju. Ċerti rumanziera huma meqjusa bħala kittieba sekondarji frott in-nuqqas ta' informazzjoni li għandna dwarhom iżda, grazzi għar-riċerka, wieħed jista' jiskopri aktar dwar il-ħidma letterarja tagħhom u għalhekk dawn il-kittieba jibdew jieħdu xeħta aktar importanti. Ir-rumanzier li jien qiegħda nistħarreġ hu Arturo Dimech, li ma kienx biss attiv bħala kittieb popolari ta' żmienu, iżda kellu wkoll ambizzjonijiet oħra li jmorru lil hinn mill-ħidma tiegħu ta' awtur.

Il-kontribut ta' Dimech fil-letteratura Maltija ma kienx żgħir għaliex ir-rumanzi tiegħu jammontaw saħansitra għal madwar erbgħajn wieħed u kienu jiġu ppreżentati lill-qarrejja f'faxxikli. Il-produzzjoni tar-rumanz tal-faxxiklu kienet popolari ħafna fi żmien Dimech, u bosta kittieba oħra kienu jinqdew bl-istess sistema. Dan l-aspett ser jiġi ttrattat aktar 'il quddiem, fl-ewwel taqsima.

Mir-rumanzi li analizzajt, ippruvajt noħroġ l-interpretazzjonijiet jew l-intenzjonijiet varji li hu seta' kellu. Hemm bosta temi li jiġu żviluppati f'Dimech, fosthom l-element Gotiku, li jaf jissorprendi u jqanqal kurżita`, kif ukoll l-element sentimentali u ta' mħabba li qatt ma jonqos, tant li jekk

tneżża' r-rumanzi ta' Dimech minn dan, ir-riżultat jaf ikun skars. Fil-kitbiet tiegħu l-ġibda għal raħal twelidu u l-inħawi li hu għex fihom hi evidenti. Dan jagħmlu billi jagħti deskrizzjonijiet preċiżi u billi jqanqal ammirazzjoni lejhom fil-qarrej. Barra minn hekk, fir-rumanzi tiegħu jippreżenta destinazzjonijiet ġeografiċi barra minn Malta u jimmarka fihom l-aqwa postijiet, personaġġi u ġrajjiet storiċi. Pero', l-awtur ma jonqosx milli jagħraf l-importanza tal-ġrajjiet ewlenin fl-Istorja ta' pajjiżu u għalhekk spiss jambjenta n-narrazzjoni tiegħu f'Malta.

L-għan ewlieni ta' Dimech hu li jgħallem u li jġiegħel lill-qarrejja jħobbu l-letteratura. Iżda mhuz biss, għaliex ried ukoll li b'dak li jikteb jogħġob lill-maġġoranza. Biex jistieden aktar nies biex jaqraw, huwa ried li jisimplifika dan it-tagħlim kemm jista' jkun.

Dwar Dimech ftit li xejn kien instab sal-lum iżda jien komplejt napprofondixxi kemm stajt dwar il-ħajja personali tiegħu kif ukoll dwar ix-xogħlijiet letterarji u storiċi tiegħu. Għalkemm kellu limitazzjonijiet ekonomiċi kbar fil-ħajja tiegħu, bl-imħabba u d-dedikazzjoni tiegħu lejn il-ktieb, kompla jagħti sehmu lil-letteratura Maltija u lil dawk kollha li kienu jaqraw, biex fuq kollox jitgħallmu u biex jiskopru affarijiet ġodda mill-kitbiet tiegħu.

## Nota

F’din id-dissertazzjoni l-kwotazzjonijiet huma miktubin skont l-ortografija oriġinali tal-awtur. Iżda, minħabba, in-nuqqas ta’ konsistenza li hemm fl-ortografija tiegħu, għamilt xi modifikazzjonijiet żgħar fil-kitba tal-konsonanti ħ u h, ċ u c jew ġ u g, meta kien jidher biċ-ċar li kien hemm xi żbalji tipografiċi.

Id-dati tal-pubblikazzjonijiet tal-awtur mhux dejjem kienu aċċessibbli għalija, u għaldaqstant ma stajtx niddatahom kollha.

## Taqsiriet

b.d: Bla Data

b.p: Bla Pubblikatur

# *L-EWWEL TAQSIMA:*

## *Arturo Dimech bħala Rumanzier tal-Faxxikli*

## 1.1 Il-Produzzjoni tal-Faxxikli u l-Istamperiji Maltin

Meta l-Maltin ingħataw il-liberta` tal-istampa fl-1839, bdew jiġu stampati diversi kotba u gazzetti u għalhekk il-qari f'Malta kien beda jiżdied. Fil-bidu, il-gazzetti kienu jkunu ta' xeħta politika jew reliġjuża iżda aktar 'il quddiem beda jiżdied l-element letterarju, kemm fi proża kif ukoll f'forma poetika. Il-kitba bil-Malti ta' dawn il-pubblikazzjonijiet kellha tgħin għall-iżvilupp tal-ilsien Malti u għall-iżvilupp tal-identita` letterarja. Guido Lanfranco, fl-artiklu "Żmien il-Faxxikli*"*, jikteb li: "f'dan il-perijodu ta' transizzjoni, bejn il-liberta` ta' l-istampa u l-edukazzjoni obbligatorja tfaċċaw u żviluppaw il-faxxikli. Dawn servew ta' soluzzjoni biex kulħadd igawdi l-istejjer u t-tagħlim, kemm dawk li ma setgħux jonfqu ħafna, kif ukoll dawk li ma kinux jafu jaqraw" (Lanfranco 2002: 117-118).

Fil-kultura Maltija, ir-rumanz tal-faxxiklu daħal bħala użanza popolari. Kien hemm żewġ modi ta' kif kienu joħorġu u jiġu ppubblikati r-rumanzi tal-faxxikli. Kien hemm ir-rumanz privat marbut biss mal-awtur, u kien hemm dak li aktar reċentement żviluppa bħala rumanz li jiġi ppubblikat fil-gazzetta.

*L-Organizzazzjoni Personali tat-Tqassim tal-Faxxikli*

F'Malta tas-seklu 19 l-edukazzjoni kienet għadha ma ngħatatx l-importanza tagħha, u l-qari kien jitqies bħala privileġġ għal ħafna nies. L-abbonati tar-rumanz tal-faxxiklu kienu jkunu ftit għax kien għad hemm ħafna ġuħ fil-pajjiż u l-qari kien jingħata l-anqas prijorita`. In-nies ma kellhomx ħin jaqraw u ma kellhomx flus x'jonfqu fil-qari u fil-kotba anke minħabba li l-familja tipika ta' dak iż-żmien kienet tkun estiża mhux ħażin. Il-ħlas għal xi ktieb kien pjuttost għoli, kemm għall-konsumatur biex jixtrih kif ukoll għall-awtur biex jippubblikah. Minħabba f'hekk, qabel ma l-awtur jippubblika, ried ikun ċert li xogħlu kien ser jingħoġob għax inkella ma kienx ikun hemm bejgħ tajjeb. Għalhekk l-awtur kien joħroġ ix-xogħol tiegħu f'għadd ta' faxxikli biex jekk ma jingħoġobx ma kienx ikun tilef ammont kbir ta' flus u jekk kien jinżel tajjeb mal-qarrejja, il-pubblikazzjoni kienet tibqa' toħroġ.

Fis-seklu 20 kien beda jikber l-interess għall-qari u għall-istejjer. Min ma kienx jaf jaqra kien iqabbad lil xi ħadd li jaqralu xi rumanz jew inkella jisma' r-rakkonti fuq ir-'rediffusion'. Ir-'rediffusion' kien jissoddisfa x-xewqa tal-bniedem li jisma' u kien vantaġġ għal dawk kollha li ma kinux jafu jaqraw. Ir-'rediffusion' beda jxandar eżattament fil-11 ta' Novembru tal-1935 u għall-bidu kien ixandar biss f'lokalitajiet limitati. Fl-1956, ir-'rediffusion' kien ikopri lil Malta u lil Għawdex u n-numru ta' semmiegħa

kien qed jikber mhux ħażin. Minbarra programmi ta' aħbarijiet, mużika u diskussjonijiet kienu jixxandru wkoll programmi ta' teatru u letteratura. Uħud mir-rumanzi ta' Dimech kienu jinqraw fuq ir-'rediffusion' u l-istejjer tal-awtur kienu popolari sew minħabba l-istil mexxej tiegħu. Ir-rumanzi ta' Dimech baqgħu jixxandru saħansitra saż-żminijiet tal-lum. Pereżempju, fl-2008 xxandar ir-rumanz *Il-Bojja tal-Kastell* (bejn l-24 ta' Marzu u t-18 ta' Ġunju) u aktar reċentement fl-2010, ixxandar ir-rumanz *Ali Ben Ħasan* (bejn it-2 ta' Awwissu u l-25 ta' Ottubru) minn Twanny Scalpello.

Charles Briffa, fil-pubblikazzjoni tiegħu *Ir-Rumanz Malti Sa Nofs is-Seklu Għoxrin,* jikkummenta li ħafna drabi l-kittieb kien jindirizza lill-qarrejja fil-kelmtejn li jgħid fil-bidu tal-ktieb (Briffa 2003: 143). Ħafna drabi f'din il-kitba qasira jkun hemm indikati l-kundizzjonijiet tal-istampaturi dwar it-tqassim tal-faxxikli. Barra minn hekk, mill-bidu nett, il-pubblikatur kien javża li l-abbonat kien obbligat li jixtri l-faxxikli kollha jekk ikun xtara l-ewwel wieħed u dan biex l-istorja ma tiqafx f'nofsha. Għalhekk il-pubbliku dejjem kien ikun avżat dwar in-numru ta' faxxikli li jkun fih ir-rumanz partikulari biex imbagħad in-nies ma jkunux jistgħu jħassru dan l-abbonament. Fil-bidu ta' wħud mir-rumanzi, il-pubblikaturi kienu jagħmlu xi kundizzjonijiet sabiex javżaw li dan ix-xogħol kien ta' propjeta` letterarja tal-istampaturi u għalhekk ma setax jiġi kkupjat mid-dilettanti teatrali biex jiġi maħruġ f'forma ta' test teatrali.

Din ir-relazzjoni ta' bejn il-pubblikatur u l-qarrej tibqa' tinħass sal-aħħar tal-ktieb, meta "fl-aħħar kien jerġa' jiddjaloga mal-qarrej implikat biex jgħaqqad il-ġrajja u jirringrazzjah bħala abbonat talli baqa' jappoġġjah sat-tmiem" (Briffa 2003: 143). Barra minn hekk, fl-aħħar ta' kull rumanz l-awtur kien iħeġġeġ lill-abbonati biex ma jonqsux milli jixtru aktar pubblikazzjonijiet minn tiegħu. Għalhekk, frott ir-relazzjoni li kienet tinbena bejn il-pubblikatur u l-qarrej, il-pubblikazzjonijiet kienu jsiru aktar popolari u mixtieqa.

L-awtur ried dejjem jaqdi l-interessi tal-udjenza tiegħu. Infatti Dimech, fit-tmiem tal-ktieb *L-Avventuri Ċelebri ta' Joe Mank,* jikteb hekk "Jekk il-qarrej jħobb jaqra avventuri bħal dawn jien nipprova nkun is-serv umilissimu tiegħu u fi żmien li ġej jekk Alla jislifni l-għomor, nikteb kotba oħra tal-avventuri bħal dan il-ktieb" (Dimech 1964: appendiċi). Minħabba li r-rumanz tal-faxxiklu kien jiddependi fuq l-abbonament tan-nies, huma kienu jingħataw l-aqwa trattament. F'xi wħud mir-rumanzi tal-faxxikli, bħal dawk ta' Arturo Dimech, il-pubblikaturi kienu saħansitra joffru quddiesa għall-abbonati kollha.

Il-kittieb kien idum xhur sħaħ jikteb il-kotba biex imbagħad iqassamhom f'faxxikli skont it-tul tagħhom. Sadanittant kien ikun diġa` qiegħed jaħdem fuq rumanz ieħor. Infatti, fil-maġġoranza tal-kotba, dejjem kien ikun hemm xi reklam ta' xi rumanzi oħra li kienu ser jitlestew dalwaqt (Appendiċi III: A). Ħafna drabi r-reklam kien ikun imżewwaq

b'esaġerazzjoni liema bħalha u dan biex ovvjament jiġbed aktar l-attenzjoni tal-pubbliku. Ir-reklam seta' jkun tassew bombastiku, bħal pereżempju r-reklam ta' *Ir-Raġel tal-Mantell l-Iswed* li jinsab fil-ktieb *Isabella* miktub minn Alfie Guillaumier li jgħid hekk: "Ħabib, int li f'jdejk ġiek dan ir-reklam, jekk verament tħobb taqra romanzi bill-Malti, speċjalment, meta r-romanz jinzerta bħall dan, fuq SPANJA, qatt ma għandek tħalli opportunita` bħall din taħrablek, għax dan ir-rakkont la qatt kien hawn bħalu u anqas jista' jkun hawn fill-futur" (Guillaumier 1961: appendiċi). Ir-reklam ġieli kien jinkludi l-aktar punti ewlenin tal-istorja biex iħeġġeġ in-nies jixtru l-ktieb. Pereżempju, fir-rumanz *L-Ispjun u l-Ġurnalista* ta' Arturo Dimech, fil-kelmtejn ta' qabel jistqarr:

> ...li storja xejn ma hija komuni għax titratta fuq is-servizz sigriet, u nistgħu kważi ngħidu li ftit jew xejn issib kotba bil Malti fuq dan is-suġġett.
>
> Mhux li spjunaġġ biss li jsebbaħ lil dan ir-rumanz, il għaliex fih insibu minn kollox, imħabba, intriċċi, misteri u delitti.
>
> Fih insibu wkoll ħafna tagħrif fuq is Secret Service u dokumenti ta' nteress ġenerali, li storja tiżvolġi fl-Ingilterra. (Dimech 1962: Kelmtejn ta' Qabel)

Ħafna drabi r-reklam kien jinkludi l-frontispizju tal-ktieb u dan biex l-awtur joħloq aktar interess fil-qarrej. Ġieli kien ikun hemm reklami li jagħtu taqsira dwar ir-rakkont li jkun ħiereġ. Dan kien isir biex iqanqal aktar interess fin-nies u meta kienu jiġu biex jixtru, setgħu jibbażaw l-għażla tagħhom fuq din it-taqsira u mhux biss fuq it-titlu tar-rumanz. Dan li ġej huwa eżempju ieħor meħud mill-ktieb *Il-Kastell tad-Dlam,* miktub minn Giuseppe Cumbo, biex jirreklama l-ktieb *Il-Katavru ta' Taħt il-Ħarruba* ta' Arturo Dimech:

> Ġrajja ta' Malta fi żmien il-Gran Mastri meta kienet qegħda tinbena l-Belt Valletta. Rumanz imżejjen b'intriċċi u misterji, imħabba pura u delitti orribli, il-qarrej isib f'dan ir-rumanz kif żewġ assassini riedu jisirqu l-flus ta' familja għanja Maltija, il-qtil u d-difna misterjuża ta' ġuvni żagħżugħ f'Wied il-Għasel taħt ħarruba. Xebba kuraġġuża ġiet maħbuba minn wieħed mill-kompliċi u t-tnejn flimkien jittrijonfaw għax l'imħabba twitti kollox u tikkastiga lill assassin. Ir-rumanz fih deskrizzjonijiet storiċi fuq li storja ta' Malta u l-bini tal-belt. (Cumbo 1964: 552)

Hemm bosta eżempji oħra fejn il-kittieba, fil-pubblikazzjoni tagħhom stess, jirreklamaw ix-xogħol il-ġdid tagħhom li jkun wasal biex joħroġ. Kif il-faxxiklu jkun wasal biex jispiċċa, mill-aktar fis kien jibda jiġi ppubblikat il-faxxiklu l-ġdid. Dak il-kittieb li kien jiflaħ iħallas lill-

istampaturi kien ġieli jippubblika l-ktieb sħiħ għal dawk l-abbonati li kienu jifilħu jħallsuh f'daqqa. Bosta drabi wieħed jiltaqa' ma' rumanzi li l-aħħar faxxiklu tagħhom ikun jikkonsisti minn ktejba jew novella żgħira, li mhux bilfors kien ikollhom x'jaqsmu mal-ġrajja tar-rumanz, u li kienu jkunu miktubin mill-editur jew mill-istampatur. Nikolo` Micallef, li kien l-editur propjetarju tal-istamperija *Las Vegas Press*, kien spiss jagħmel dan fir-rumanzi li jistampa (Appendiċi III: B).

Ħafna drabi, sabiex il-bejgħ ikun akbar, l-abbonat kien jingħata xi skont. Pereżempju, jekk persuna kienet issib mill-anqas sitt abbonati oħra, il-faxxiklu tagħha kien jiġi b'xejn. Xhieda ta' dan toħroġ mir-reklam tar-rumanz *Il Misterji tal Uardija* ta' Arturo Caruana, li jidher fil-ktieb *Il Pont Tal Forca jew Rolando u Leonora* miktub minn Cumbo u stampat minn *Studio Editoriale Maltese* f'Tas-Sliema. Xi kultant, fil-bidu ta' xi rumanz, ċerti kittieba kienu javżaw li l-istorja tagħhom kienet meħlusa minn kull tip ta' skandlu. Pereżempju, fir-rumanz *Veronica u Bericus*, Giovanni Faure' jikteb li: "jena nati pjacir lil cull min icun kieghed jakra minghair fieħ ma intabba il morali, li hia tant hagia ghaziza ghand il maltin" (Lanfranco 2002: 117-118).

L-istampaturi kienu jimpjegaw lil xi ħadd, li kien inkarigat biex jiġbor l-abbonamenti u jqassam il-faxxikli. Il-faxxikli kienu joħorġu kull ġimgħa u n-nies kienu jkunu aktar ħerqana għalihom għax kienu jirċievu biss madwar tmien paġni fil-ġimgħa u għalhekk dak kien iqanqal il-kurżita`

dwar kif ser tiżvolġi l-istorja. Il-flus kienu jingħataw kull darba li jasal il-faxxiklu. Bejn wieħed u ieħor kien iqum madwar xelin tal-munita antika Maltija, għalkemm il-prezz ġieli kien ivarja minn pubblikatur għal ieħor. Dawn ir-rumanzi tal-faxxiklu kienu jħallu kwantita` sostanzjali ta' qligħ. Xi drabi r-rumanzi kienu jkunu twal u mġebbdin u dan biex jaqilgħu aktar flus: "...fir-rumanz tal-faxxiklu nsibu ħafna repetizzjoni, disgressjonijiet, tiġbid żejjed, deskrizzjonijiet imqanżħa, djalogar li ma jikkontribwixxi xejn, u nuqqas ta' ekonomija fil-kitba" (Briffa 2003: 143).

Iżda, fid-dawl ta' dan kollu, l-interess lejn dawn it-tip ta' rumanzi qatt ma naqas. Għalhekk, minħabba d-domanda qawwija tan-nies, mhux darba jew tnejn li ċerti kittieba kienu jiktbu b'mod mgħaġġel. Ġeneralment, in-nies kienet tkun dejjem abbonata mal-istess stamperija għax kienet tkun taf ix-xogħol li joffru hemmhekk. Wara li l-faxxikli kienu jkunu tqassmu kollha u r-rumanz ikun komplut, kien ikun hemm min jirritornah lura lill-istamperija sabiex jgħaqqdu bħala ktieb, u ta' dan, bħala kumpens, l-impjegat li jqassam u jiġbor il-faxxikli kien jingħata xi ħaġa tal-flus. Lanfranco jgħid li l-kelma faxxikli tfisser mazz folji li mwaħħlin flimkien jiffurmaw ktieb wieħed (Lanfranco 2002: 34-35).

Għal dawk l-abbonati kollha li jkunu tilfu xi faxxiklu għal xi raġuni jew oħra, xorta setgħu jordnawh mill-istamperija li fiha ġie ppubblikat ir-rumanz partikulari. Dan għaliex jekk ir-rakkont ikollu xi faxxiklu nieqes, ma jagħmilx sens li l-abbonat jillegah bħala ktieb. Iżda l-istampaturi kienu

jaħsbu wkoll għal din il-problema billi jirreklamaw dan l-avviż fil-pubblikazzjoni stess. Dan l-avviż kien jgħid hekk: "Kull min għandu xi faxxikoli nieqsin mir-romanzi li ħerġin għandu żmien ta' 15 il ġurnata mid-data imsemmija is-7 ta' Frar 1962" (Dimech b.d[1]: 24)

Din l-organizzazzjoni setgħet tfalli jew tieqaf faċilment. Ir-rumanz tal-faxxiklu seta' jaqbad jew ma jaqbadx u kollox kien jiddependi mis-saħħa tal-kwalita` u mis-saħħa tal-finanzi tal-awtur. Jekk ir-rumanz li joħroġ l-awtur ma kienx jingħoġob dan kien jispiċċa jfalli u l-awtur ma kienx ikollu s-sodisfazzjon li xogħlu jkun inqara. It-tqassim tal-faxxikli kien jinfluwenza wkoll is-suċċess tar-rumanz għax jekk kienu jitqassmu ħafna faxxikli l-profitt tal-awtur kien ikun akbar. Wieħed jista' jikkonkludi li s-suċċess ta' rumanz kien jiddependi wkoll minn fatturi esterni u ekstra-letterarji.

## *L-Organizzazzjoni Istituzzjonali*

Gazzetti bħal *It-Torċa*, *L-Orizzont, Is-Sebħ* u *Ix-Xewka*, kienu jiddedikaw spajzu żgħir għal dawn ir-rakkonti. Uħud minn dawn il-gazzetti għad għandhom il-paġna letterarja tagħhom li fiha l-qarrej isib bosta poeżiji, novelli, kif ukoll tagħrif dwar xi awtur partikulari. Ir-rumanz tal-faxxikli kien joħroġ fuq paġna waħda u kien ikun imqiegħed b'tali mod li seta' jintlewa f'erba' paġni. Il-gazzetta kienet toħroġ kuljum u għalhekk il-

qarrej kien ikollu faxxiklu kuljum, sitt faxxikli fil-ġimgħa. Ir-rumanz tal-gazzetta ried ikun addattat għal kull tip ta’ qarrej. Xi wħud mill-gazzetti, bħal *L-Orizzont,* kienu saħansitra jipprovdu l-qoxra għall-faxxikli. Minħabba li dawn il-gazzetti kienu jinkludu r-rakkonti, kien ikollhom aktar suċċess u għalhekk aktar bejgħ u aktar profitt. Anke l-konsumatur kien jigwadanja għax waqt li kien iħallas il-flus biex jaqra l-gazzetta kien ikollu wkoll materjal letterarju x’jaqra, u li wara kien jiġi llegat.

Skont Victor Camilleri, l-editur ta' *Il-Mument*, fil-gazzetti kienu jidhru biss dawk ir-rumanzi li kienu popolari u ta’ suċċess mal-konsumatur inġenerali. Normalment, il-kittieb kien ikun wieħed magħruf u għalhekk il-faxxiklu tal-gazzetta ma kienx jagħti promozzjoni lil kittieba jew dilettanti friski, li riedu jibdew karriera fil-qasam tal-letteratura. Iżda dan mhux dejjem kien il-każ. F’waħda mill-paġni letterarji fil-gazzetta *The Torch* tal-Ħamis 8 ta' Ottubru tal-1959, il-qarrej jiltaqa’ ma’ artiklu bl-isem ta “Avviż tal-Letteratura”, u fih inkiteb dan il-kliem:

> Paġna Letterarja tibda tixxandar kull ġimgħa jew skond il-ħtieġa, u nittamaw li nqegħdu jħobbu l-Malti, l-aħjar kitba tal-Letteratura Maltija. Din sa sservi wkoll sabiex b’hekk inħajru u nħeġġu lill-kittieba żgħażagħ, u ġodda.

*Dimech u l-Istamperiji*

Biex jistampa u jippubblika l-kotba tiegħu, Dimech kien ta' spiss jinqeda bl-istamperiji ta' *Lombardi Press*, *Cumbo Press* u *St. Anthony Press*, li maż-żmien bidlet isimha u saret *Las Vegas Press*. L-istamperija Lombardi nfetħet minn Emilio Lombardi fl-1912 fi Triq San Trofimu f'Tas-Sliema, fejn għadha tinsab sal-lum il-ġurnata. Lombardi beda bħala impjegat ġewwa l-istamperija Mifsud u minn hemm beda jinteressa ruħu fis-sengħa tal-istampa u fil-kitba tal-Malti tant li fl-1902 fetaħ l-ewwel stamperija tiegħu ġewwa l-Furjana bl-isem ta' *Tipografija Nazionale.*

F'din l-istamperija jingħad li huwa ppubblika xi kotba sakemm iddeċieda li jitrasferixxi din l-istamperija lejn Tas-Sliema. Iżda din ma kinitx is-sede definitiva tal-istamperija għax Lombardi ried jimxi aktar lejn il-qalba ta' Tas-Sliema u waqqaf dik li nafuha llum bħala *Lombardi Press*. Din l-istamperija baqgħet tintiret matul is-snin u llum hija mmexxija minn Ronnie Lombardi, in-neputi ta' Emilio, li tani din l-informazzjoni dwar l-istamperija.

Fl-istamperija Lombardi l-maġġoranza tal-kotba stampati kienu jkunu kotba oriġinali iżda kien ikun hemm ukoll dawk li jiġu tradotti, speċjalment dawk ta' Emilio Lombardi. Kittieba bħal Giuseppe Cumbo, Nikolo` Micallef u Arturo Dimech stampaw uħud mill-kotba tagħhom għand Lombardi. Għal ħafna żmien din l-istamperija kienet tistampa

faxxikli biss u ma kinitx toħroġ kotba sħaħ. Dawn il-faxxikli kienu jinbiegħu għall-prezz ta' sold u l-istamperija kienet tiżgura li toħroġ ktieb illegat fil-ġimgħa. Sabiex jinġabru l-flus tal-abbonati u jitqassmu l-faxxikli fid-djar, kienet tiġi mqabbda persuna li ddur raħal wieħed differenti kuljum, għal ġimgħa sħiħa.

Il-familja Cumbo għandha tradizzjoni twila fil-qasam tal-istampar. Cumbo qabad is-sengħa tal-istampar bħal missieru u aktar 'il quddiem fetaħ l-istamperija tiegħu. In-numru ta' lavranti kien imdaqqas mhux ħażin u jingħad li din l-istamperija kienet waħda mill-aktar stamperiji importanti (Attard 1995: 10-18). Għalhekk il-qarrej ma jistgħaġibx jekk Dimech kien jippubblika l-kotba tiegħu għandu. Uħud mill-kotba ta' Dimech li ġew ippubblikati għand Cumbo huma; *Oscar jew il-Qattiel ta' Martu* u *Id-Delitti ta' Wied iż-Żurrieq jew Imħabba Pura.*

Nikolo` Micallef kien wieħed mil-lavranti ta' Cumbo u kien jaħdem ħafna miegħu. Barra minn hekk, Nikolo' kien sar parti mill-familja ta' Cumbo għaliex iżżewweġ lit-tifla tiegħu. Aktar 'il quddiem fetaħ l-istamperija tiegħu bl-isem ta' *St. Anthony Press*, li mbagħad inbidel għal dak ta' *Las Vegas Press*. Micallef kien l-editur ta' din l-istamperija flimkien ma' Domenico Sammut (Attard 1995: 17). Din l-istamperija ppubblikat bosta kotba minn ta' Dimech, fosthom *Ir-Raġel tal-Mantell L-Iswed*, *Fil-Harem ta'* Al *Mansur* u *Li Spettru Misterjus jew Anna Bolena* (Lanfranco

2006: 23). *Las Vegas Press* m'għadhiex attiva llum il-ġurnata iżda saret dar residenzjali privata.

Skont is-Sur Twanny Scalpello, l-istamperija kienet titħallas tmien liri antiki għal kull rumanz li kienet tippubblika. Imbagħad l-istamperija kienet terġa' tbiegħ il-faxxikli bis-soldi. Il-profitti tal-awtur ma kinux ħafna dak iż-żmien. Skont is-Sur Guido Lanfranco, l-awtur kien jieħu xi ħaġa fil-bidu talli għażel l-istamperija partikulari. Iżda minħabba li kienet tkun l-istamperija li tagħmel kollox, il-pubblikatur kien jieħu l-ħlas hu u għalhekk l-awtur ma kienx jippretendi li jaqla' xi flejjes kbar.

## 1.2 Ħajjet l-Awtur

Arturo Dimech (Arthurus, Salvator, Joseph, Michael, Gratuis) twieled Ħaż-Żabbar fl-1 ta' Ġunju tal-1907 minn missieru Joseph u ommu Maria-Carmela, nee` Mizzi. Miet fl-eta` ta' 74 sena, fil-5 ta' Settembru tal-1981 ġewwa ż-Żurrieq. Kien il-kbir fost iż-żewġt aħwa l-oħra, oħtu Stella u ħuh Fredu. Fredu kien għama u Arturo baqa' jieħu ħsiebu sakemm miet. Oħtu emigrat lejn l-Ingilterra u kienet tiġi Malta biss għal xi btala. Hu kien ġuvni responsabbli ħafna, infatti baqa' jieħu ħsieb il-ġenituri tiegħu sal-mewt tagħhom u din kienet ir-raġuni prinċipali għalfejn hu baqa' ma żżewwiġx. Dimech miet ta' 74 sena, minħabba x-xjuħija u minħabba attakk tal-qalb ħafif li sabu dgħajjef. Hu magħruf li Dimech għamel żewġ testmenti; wieħed fl-1978 u l-ieħor fl-1981. In-Nutar li ħa ħsieb dan it-testment kien Dr Joseph Cachia.

Ħafna mill-informazzjoni fuq il-ħajja ta' dan l-awtur ħadtha mingħand Doris Dimech li kienet taf sew lil Arturo għax kienet ħabiba tal-familja. Il-familja tagħha, speċjalment ommha, Evanġelista Farrugia, assistiet lil Dimech fl-aħħar waqtiet ta' ħajtu. Skont Doris, Dimech kien jaħdem mad-diviżjoni tal-'First Aid' Ingliża fi żmien il-gwerra. Hemmhekk akkwista d-dixxiplina u d-determinazzjoni u dawn għenuh sabiex jikseb suċċess fil-qasam tal-'iScouts'. Barra minn hekk, hu kien jaħdem ta' 'watchman' u dan ikkonfermah is-Sur Lino Bonnici, persuna li ta sehmu għal ħafna żmien fl-'iScouts', speċjalment fl-għaqda Bormliża, fejn Dimech

kien involut ukoll. Lino Bonnici kien jaf sew lil Dimech u kien missier Bonnici stess li introduċieh miegħu.

*Il-Ħajja ta' Dimech fl-'IScouts'*

Wara l-irvell tas-Sette Giugno fl-1919, in-numru ta' 'Scouts' tnaqqas drastikament. Dan għaliex kien żmien meta l-Maltin bdew iduru kontra l-Ingliżi u, minħabba ċerti ċirkostanzi li ġab l-armistizzju, il-qgħad żdied u nħolqu problemi kbar fl-ekonomija. Wara li għaddiet din il-burraxka, l-'iScouts' reġgħu qamu fuq saqajhom u kien f'dan iż-żmien li Dimech daħal fl-'iScouts'. Kellu tnax-il sena u baqa' hemm għal żmien twil, sakemm laħaq 'Scout Leader'. Imbagħad, mal-ħbit tat-Tieni Gwerra Dinjija, Dimech telaq minn Bormla u mar jgħix ġewwa ż-Żurrieq u għalhekk reġa' ħaddan l-opportunita` sabiex ikun parti minn dan il-grupp.

Fl-'iScouts', lil Arturo kulħadd kien jafu b'laqmu aktar milli b'ismu. Kienu jafuh bħala z-'zki'. Skont is-Sur Lino Bonnici dan il-laqam seta' ngħata lil dawk li kienu jkunu 'Scout masters', għax ħafna drabi kienu jiġu mlaqqma bħala lis-'Skipper'. Għalhekk, fil-każ ta' Dimech, dan il-laqam seta` ġie mqassar għal 'zki'. Dimech kien jagħti ħafna pariri lil dawk kollha li kienu jinteressaw ruħhom f'dan il-qasam. Din ix-xewqa li jgħaddi t-tagħrif lil ħaddieħor tidher ukoll fir-rumanzi tiegħu, fejn jgħarraf lin-nies b'ċerta informazzjoni li xi drabi setgħet tkun żejda. Fl-1952 ingħata l-

'Medal of Merit' għax ikkontribwixxa f'servizz li jmur lil hinn minn dak li kien mistenni jagħmel.

Kien bniedem perfezzjonist u organizzat. Min kien jafu, kulħadd l-istess kelma: kemm kien onest f'dak li kien jagħmel. Dak li jagħmel kien jagħmlu biex iwettqu u dak li kien jibda kien dejjem iwasslu fit-tmiem. Kien jgħix sabiex jgħin lill-proxxmu u, wara kollox, din hi regola fundamentali tal-'iScouts'. Hu kien bniedem ta' għalih waħdu u assertiv. Dan anke minħabba l-fatt li l-kotba kienu kollox għalih. Kien jiftaħ qalbu magħhom u dan għalih kien biżżejjed. Minħabba li l-kitba kienet toħodlu ħafna mill-ħin tiegħu, kellu ċans jissoċjalizza biss meta kien jattendi l-'iScouts'.

*Il-Bniedem Arturo Dimech*

Wieħed mill-passatempi tiegħu kien li jġemma' l-bolol (Schiavone 1997: 722), imma skont is-Sinjura Doris Dimech, barra minn dawn il-bolol, Arturo kien jikkollezzjona numru ta' medalji u għadd ta' rivisti, fosthom il-*Malta Missjunarja,* u jillegahom. Ħafna drabi hu kien jaqta' xi stampi minn dawn ir-rivisti u jwaħħalhom fuq ir-rumanzi tiegħu, anke jekk kienu diġa` lesti u ppubblikati. Infatti, ir-rakkont ta' din is-Sinjura jaqbel eżattament ma' dak li jgħid is-Sur Bonnici għax fil-manuskritt ta' Dimech *Il-Ħajja tiegħi fl-Iscouts,* miktub bil-kalligrafija tiegħu stess, wieħed jiltaqa' ma' numru ta'

stampi meħudin minn rivisti varji u mwaħħlin fuq il-karta mill-awtur innifsu (Appendiċi III: Ċ u D). Passatemp ieħor ta' Dimech kien li jmur iċ-ċinema jara xi film, l-aktar ġewwa n-Niksu*,* iż-Żurrieq. Dan l-entusjażmu kbir li kien juri għall-films ittrasferih fuq il-karta għax fl-istejjer li kiteb, l-influwenza taċ-ċinema tinħass sew, anke f'uħud mill-karattri u mill-karatteristiċi tal-plott.

Għalkemm l-awtur qatt ma mar l-universita`, huwa wera kapaċita` letterarja kbira fil-kitba u b'dak li kien jikteb kien jilħaq lin-nies. Il-ktieb għalih kien ħajtu u dan ġie kkonfermat minn bosta nies li kienu qrib tiegħu. Ir-rumanzi li kiteb Dimech kollha ġew ippubblikati għax, skont is-Sinjura Doris Dimech, hu qatt ma kiteb rumanz li baqa' mhux ippubblikat. Uħud mir-rumanzi kienu jinkitbu għal tal-apposta sabiex jinqraw fuq il-mezzi tax-xandir. Infatti, uħud mir-rakkonti tiegħu qegħdin miġbura fuq 'cassettes' li jinsabu ġewwa l-Librerija Pubblika Ċentrali tal-Furjana. Pereżempju, ir-rumanzi *Filippo Deblay* u *Il-Ħalliel tal-Katavri* jinsabu rrekordjati, bil-qari ta' Twanny Scalpello u Charles Arrigo.

Fl-'iScouts' Dimech kien ta' spiss jieħu xi rumanz milli jkun kiteb u joqgħod jaqrah lit-tfal. Huwa kien jissokta jaqra xi stejjer minn tiegħu lill-anzjani li kienu jinġabru xi mkien biex jisimgħuh. L-aktar post fejn kien iħobb jikteb kien id-dar, post trankwill u li ma kien jibdlu ma xejn. Huwa qatt ma kiteb f'gazzetta, għalkemm f'xi rumanzi minn tiegħu, bħal dak ta' *Il-Katavru ta' Taħt il-Ħarruba,* ikkwota mir-rivista *'Lil Ħbiebna'* li minnha

ħa l-poeżija *Lin-Nixxiegħa ta' Wied il-Għasel* ta' Stanislaus Fiorini. Skont Fiorini, din il-gazzetta kienet tiġi ppubblikata mis-soċjeta` tal-Ġiżwiti iżda aktar 'il quddiem ġiet imwaqqfa. Mill-1947 bdiet tiġi ppubblikata kull xahar u fiha kienet tilqa' l-ħsus u l-versi tal-abbonati u tal-membri tagħha.

Dimech kien ta' spiss jikkwota xi artikli oħra meħudin minn xi gazzetti jew kitbiet oħra miktuba minn personaġġi magħrufa bħal Charlie Clews. Tant kien iħobb u jgħożż il-kotba, li kien joqgħod anke bil-ġuħ basta jixtri xi ktieb. Xtara *L-Istorja ta' Malta* ta' Castagna, li ftit setgħu jixtruh dak iż-żmien. Iżda biex għamel dan, kien dam ifaddal ġmielu. Kien jirrabja ħafna meta kien jara l-kotba mqattgħin jew traskurati f'xi skola, speċjalment f'dik taż-Żurrieq. Dan dejjem skont ma rriferitli s-Sinjura Dimech.

L-awtur kien għajn kbira ta' informazzjoni, u dan mhux biss meta kien jiġi biex jikteb il-kotba, iżda anke fil-ħajja tiegħu ta' kuljum. Kull min ġieli qara xi kotba minn tiegħu, ingħata bosta dettalji li jkunu 'l barra mit-test. Fir-rumanz *L-Ispettru Misterjuz jew Anna Bolena,* fl-aħħar kapitli, jiddeskrivi u jagħti rendikont ta' min kien u kif għex il-ħajja tiegħu Enriku VIII apparti li jikteb ukoll dwar l-Istorja tal-Ingilterra. Jikteb dwar il-Knisja u l-battalji interni ta' bejnha u bejn l-istat u juri postijiet storiċi ġewwa Londra, fosthom it-'Tower of London' u ċ-ċerimonji li jsiru fih. Is-Sinjura Doris Dimech tiftakar li anke Ġuze` Galea kien spiss jitolbu xi informazzjoni meta kien qiegħed jagħmel xi riċerka jew meta kien ser jikteb dwar xi

ħaġa. Skontha, ċertu Dun Anġ minn Ħal Għaxaq ried xi informazzjoni dwar l-Isqof Scicluna u fil-ktieb ta’ Dimech *L-Istorja tal-Knisja Maltija* sab kull informazzjoni li hu seta’ kellu bżonn.

Il-kotba ta’ Dimech ma kinux jittrattaw biss stejjer komuni imma wkoll dawk ta’ natura storika u soċjali. Dawn il-kotba kienu ta’ fejda għall-qarrejja. Dimech kien ivarja fil-kitbiet tiegħu biex il-qarrej ma jiddejjaqx jaqra l-istess u biex jipprova jolqot il-gosti ta’ kulħadd u dan jgħidu hu stess: “...jien qed nagħmel varjazzjoni kbira fir-Rumanzi tiegħi, biex jieħu gost kulħadd b’suġġetti sbieħ u varji” (Dimech 1962: 695).

Għalkemm ma kienx jgħix mingħajr il-preżenza tal-kotba f’ħajtu, f’ċertu perijodu bħal, ngħidu aħna, l-aħħar tlettax-il sena, huwa kellu jieqaf milli jikteb minħabba l-problemi kkawżati minn għajnejh. Jingħad li l-aħħar ktieb li ppubblika, kien fl-1968. Iżda fl-aħjar snin tiegħu kien attiv ġmielu fil-kitba tar-rumanzi u dan jidher mill-għadd imdaqqas ta’ pubblikazzjonijiet li ħareġ fis-snin sittin. Dimech għamel l-operazzjoni tal-katarretti darbtejn f’ħajtu u skont il-ħbieb tal-familja, dawn l-operazzjonijiet għamilhomlu l-Professur Soler. Soler kien interessat ħafna fil-personalita` ta’ dan il-kittieb, tant li kien jixtieq jikteb xi ħaġa dwaru. Dimech ħaseb li seta’ jagħma u din kienet l-akbar biża’ tiegħu għax il-kotba kienu l-imħabba ta’ ħajtu. Għalhekk huwa fittex li jillimita ruħu kemm fil-qari kif ukoll fil-kitba biex ma jkomplix jiggrava s-sitwazzjoni tiegħu, li f’dak iż-żmien kienet diġa` kritika.

# *IT-TIENI TAQSIMA:*

## *Dimech, Il-Gotiku u L-Imħabba*

## 2.1 L-Element Gotiku: Mir-Rumanz Barrani għal dak Malti

Dak li jissejjaħ Gotiku tnissel minn stil ta' arkitettura fil-Medju Evu. Dan jinsab l-aktar f'bini antik, kbir u għoli bħalma huma l-kastelli u l-palazzi. L-istejjer Gotiċi huma kważi kollha mibnija fuq dan l-istil ta' arkitettura (De Vore 2010). Ir-rumanz Gotiku hu differenti minn tipi ta' rumanzi oħra, għaliex fih iħaddan elementi uniċi, bħal ambjent misterjuż, karattri suspettużi, niġsa u plott immaġinattivi u fantasjużi. Ix-xogħlijiet Gotiċi fittxew li joħolqu karatteristiċi medjevali, dehra tal-era mgħoddija, il-miti, il-makabru kif ukoll l-eħrex atti ta' vjolenza.

*L-Iżvilupp tar-Rumanz Gotiku*

Ir-rumanz Gotiku beda b'xi kitbiet iżolati iżda kompla jiżviluppa l-aktar ġewwa l-Ingilterra fis-seklu 18. Sir Horace Walpole (1717-1797) kien dak li reġa' qajjem l-interess għall-Gotiku, bir-rumanz tiegħu *The Castle of Otranto* (1764). Hu ambjenta l-ġrajja tiegħu f'kastell tipiku Gotiku bl-iskop li jagħti dehra misterjuża u ambigwa u, ma' din l-atmosfera misterjuża, waħħad storja ta' mħabba kkumplikata.

Il-Gotiku huwa rikostruzzjoni tal-passat, u fil-fatt *The Castle of Otranto* ġie mnebbaħ minn manuskritt Taljan antik li nkiteb fi żmien il-Kruċjati, bejn l-1095 u l-1243. Il-Gotiku ma kienx jingħata importanza

għalkemm imbagħad beda jevolvi u aktar 'il quddiem żviluppa bħala forma letterarja importanti. Fi żmien Walpole dan il-ġeneru ddomina x-xena tal-letteratura u baqa' jiġi imitat minn awturi kbar bħal Ann Radcliffe u l-Amerikan Edgar Allan Poe, aktar tard.

Ann Radcliffe (1764-1823), kittieba Ingliża, hi magħrufa bħala dik li għaqqdet il-Gotiku mar-Romantiku, billi kompliet tibni fuq dak li għamel Walpole. Rictor Norton jikteb li "IF HORACE WALPOLE WAS THE FATHER of the Gothic novel, Ann Radcliffe was certainly its mother" (Norton 2006: 40). Jingħad li l-pubblikazzjoni *A Sicilian Romance* (1790) tat il-bidu lir-rumanz Gotiku tagħha. L-aspetti li jikkaratterizzaw ir-rumanzi ta' Radcliffe huma bosta: pereżempju, il-bini ta' kastelli jew appartamenti abbandunati, il-qtil sorprendenti kif ukoll l-atti ta' tirannija mwettqa mill-karattri u l-element sopranaturali li, għalkemm hu fittizju, xorta jidher li ġie kkawżat minn ħwejjeġ naturali (Norton 2006: 42).

Fil-kitbiet ta' Radcliffe, ċerti karattri jispikkaw, bħall-figura tal-eroina u għalkemm din tkun karattru sensittiv xorta tiddetermina dak li jkun ser jiġri. Infatti, mill-bixra tal-kitbiet ta' Radcliffe, joħorġu elementi femminili u għalhekk il-Gotiku tagħtih bixra aktar sottili, kif ukoll bixra aktar psikoloġika. Biex tqanqal dan l-effett psikoloġiku, l-awtriċi tirreferi spiss għall-figura tal-omm ħelwa kif ukoll għall-figura tal-missier tirann. Dawn iż-żewġ karattri huma rifless tal-esperjenzi l-imgħoddija tal-awtriċi, meta kienet sfat abbandunata mill-ġenituri tagħha (Norton 2006: 51).

E.T.A Hoffmann (1776-1822) kien figura importanti fil-letteratura Gotika Ġermaniża tas-seklu 19. Infatti, l-istil tiegħu ma influwenzax biss il-kultura ta' pajjiżu (Steinhauer 1977: 113) iżda tferrex ukoll fl-Amerika u f'xi wħud mill-pajjiżi Ewropej, bħal Franza u l-Ingilterra. Għalkemm hu ġie influwenzat mil-letteratura Gotika, Hoffmann xorta waħda jitqies aktar bħala rumanzier tal-ġeneru fantastiku. Mal-fantasija hu jikkombina r-realiżmu, u fil-kitbiet tiegħu joħloq kunflitt bejn dawn iż-żewġ dinjiet. Il-qofol tax-xogħlijiet tiegħu kienu jkunu temi relatati mal-kriminalita` u l-misteri li jwasslu għall-qalba tal-istejjer Gotiċi. In-novella tiegħu li l-aktar kisbet il-popolarita`, bl-istil makabru tagħha, hija *Die Elixiere des Teufels* '*L-Elisir tax-Xjaten'* (1815). L-idea bażika tiegħu ġiet ispirata mir-rumanz Ingliż *The Monk* ta' M. C. Lewis.  Din l-istorja tilqa' fiha lill-patri Medardus f'dinja infernali, li twassal biss għall-ħażen. Fiha jidhru l-elementi sopranaturali kif ukoll kundizzjoni mentali mċajpra, u flimkien dawn wasslu għall-vjolenza u l-qtil.

Hoffmann kien ta' influwenza bażika għall-moviment tal-'Iscapigliatura' li beda fl-Italja, wara l-unifikazzjoni ta' dan il-pajjiż fl-1861. Kien moviment favur il-liberta` tal-artist, u kien għalhekk li l-animaturi tiegħu pproponew li l-arti kellha tkun aktar realistika u favur li tilqa' fiha influwenzi Ewropej. Huma riedu fuq kollox l-indipendenza intellettwali.

Edgar Allan Poe (1809-1849), kittieb Amerikan, kien jinqeda b'elementi psikoloġiċi fil-kitbiet tiegħu. Bil-ktieb *The Fall of the House of*

*Usher* (1839), Poe ħoloq "ġeneru ġdid ta' kitba tal-biża'" (Farrugia 2010: 31-32). Dan għaliex l-aġent tal-biża' fil-kitbiet ta' Poe kien kollu kemm hu psikoloġiku. Il-kittieb tant joħloq dinja kumplessa li l-qarrej jista' ma jintebaħx jekk is-sitwazzjonijiet li jseħħu humiex reali jew le, għax 'il barra mit-test jaf ma jkunx hemm dinja reali għal dawn il-karattri. L-ambjentazzjoni fir-rumanz ta' Poe mhix wisq differenti minn dik tal-kittieba Gotiċi l-oħra. L-aktar plott komuni għal Poe jitwettaq f'xi kastell, monasteru jew xi ċimiterju abbandunat (Punter, Byron 2004: 156). Jidher li dan il-kittieb Amerikan ġie influwenzat mil-letteratura Ġermaniża, speċjalment mill-kitbiet ta' Hoffmann.

Ugo Tarchetti (1839-1869) kien wieħed mill-ħafna membri tal-moviment tal-'Iscapigliatura'. Kitbietu ġew influwenzati minn kittieba Gotiċi oħra bħal Radcliffe u saħansitra Poe. Tarchetti ppreżenta l-element makabru, mibni fuq il-fantasija u kkombinat mal-element realistku (Del Principe 1996: 34). Fil-ktieb *Racconti Fantastici* ta' Tarchetti hemm numru ta' stejjer u wħud minnhom iħaddnu l-element ta' misteru li jqanqal fil-qarrej biża' awtomatika.

Fin-novella *Le Leggende Del Castello Nero,* in-narratur ikun qiegħed fi stat ta' lubien, bejn il-ħolm u r-realta`. Din l-istorja terribbli tilgħab bi frażijiet psikoloġiċi, speċjalment fil-mumenti meta n-narratur jiġi fid-dubju jekk is-sitwazzjonijiet li ltaqa' magħhom, kinux diġa` ġraw qabel jew le. In-narratur jagħti sensiela ta' kwadri li fihom jirrakkonta xi wħud mill-

esperjenzi li huwa għadda minnhom. F'dan ir-rakkont, in-narratur isib ruħu f'kastell iswed, u fih jara tfajla. F'dak il-waqt jinduna li hu kien iddestinat li jsalvaha. Ħin minnhom, waqt li kien tiela' t-taraġ biex jersaq viċin tagħha, ra: "...un uomo che ne era uscito allora; egli era morto e tuttavia viveva..." u jkompli "...a quel fatto si legavano delle memorie di sangue, delle memorie di un delitto a cui io avevo preso parte" (Tarchetti 1869: 67).

Tarchetti jistqarr li din kienet ħolma mimlija dmija. Il-biża' tiegħu kienet li ma setax jifhem jekk dak li kien qiegħed jiġri kienx ħolma jew realta`. Il-ħolma ma tiqafx hawn għax it-taqbida biex joħroġ minn dak il-kastell kienet waħda enormi u sal-aħħar tar-rakkont il-misteru jibqa' ma jinħallx. Il-qarrej jibqa' fid-dubju jekk fl-aħħar mill-aħħar dak kollu li kien seħħ ġarax f'ħolma, fil-ħajja reali jew inkella wara l-mewt.

*Ir-Rumanz Gotiku Malti*

> Id-dinja tar-rumanz tal-biża' li kellu suċċess ġmielu f'Malta hi miżgħuda b'erwieħ u b'iħirsa, vagabondi bla qalb, djar maħkuma mill-ħares, kastelli mġarrfa, palazzi strambi u mitluqa, mogħdijiet imbiegħda, superstizzjonijiet, esperjenzi

> popolari tad-dinja l-oħra, ambjenti mudlama u katavri, ilkoll minsuġa sfiq f'arja ta' tensjoni u misteru. (Friggieri 1979: 303-304)

Il-Gotiku wasal f'Malta fis-seklu 19. Dan il-ġeneru ttardja, bħal kull ġeneru ieħor, u prinċipalment daħal permezz ta' influwenza Taljana. Waqt li kien diġa` ġeneru affermat fl-Ewropa, f'Malta kien għadu fil-bidu tal-iżvilupp tiegħu (Briffa 2003: 470). Għall-bidu, il-kittieba kienu jsawru l-istejjer tagħhom fuq ideat ta' kittieba barranin. Kienu jkunu xogħlijiet imitati minn awturi kbar. Aktar 'il quddiem fl-Istorja tal-letteratura, il-kittieba Maltin bdew jiktbu rumanzi oriġinali. L-iskop tar-rumanz oriġinali kien li t-tema tingħażel skont dak li jogħġob lin-nies.

Pero`, wieħed ma jridx jinsa li l-kitba lukubra ma kinitx tiġi biss esperjenzata f'rumanzi jew novelli iżda saħansitra fi ħsus poetiċi, bħalma ġieli għamel Richard Taylor (1818-1868) sabiex jesprimi l-uġigħ personali tiegħu (Friggieri 1986: 168-169). Eżempji ta' kotba bikrin ta' dan it-tip kienu; *Neriku u Ġuditta* (1872) ta' M. German u *Ermelinda u l-Vendetta tal-Konti* (1894) ta' A. Adam (Bosworth, et al. 1987: 300).

Fis-seklu 19 ir-rumanz Gotiku, flimkien ma' dak storiku u sentimentali, kien il-ġeneru ewlieni tar-rumanz popolari. Għall-bidu, wieħed jista' jaħseb li r-rumanz Gotiku u r-rumanz sentimentali ma kellhom xejn x'jaqsmu ma' xulxin, iżda analiżi mill-qrib turi li dawn m'humiex kompletament maqtugħin minn xulxin. Friggieri jissuġġerixxi li l-

makabru għandu jitqies bħala wieħed mill-ewwel karatteristiċi bikrin tar-Romantiċiżmu għax fih iħaddan sentimenti ta' waħx u ta' biża', flimkien ma' intriċċi ta' mħabba (Friggieri 1979: 303). Robert Hume, fl-artiklu tiegħu "Gothic versus Romantic: A Revaluation of the Gothic Novel", jgħid li hemm bosta differenzi bejn dawn iż-żewġ ġeneri. Iżda jgħid ukoll li minħabba li huma relatati kronoloġikament, iż-żewġ ġeneri għandhom xi temi u karatteristiċi komuni għal xulxin (Hume 1969: 288-289). Fl-Istorja tal-letteratura Ewropea, ir-rumanz Gotiku beda jitlef ħafna mill-importanza tiegħu għax tnaqqas l-aspett makabru biex minflok bdiet titħaddem l-immaġinazzjoni. Ir-Romantiku, aktar mill-Gotiku, beda jsir dejjem aktar profond sentimentalment (Butcher 2010).

Għalkemm dawn kienu jkunu ta' suċċess fost il-popolin, xorta ma kinux igawdu l-istima li jista' jgawdi xogħol ta' kwalita` letterarja. Friggieri jsostni li l-Gotiku kien kiseb importanza estetika minħabba li hu kien popolari ħafna mal-qarrejja iżda maż-żmien beda jitlef il-kreattivita` tiegħu, bħalma ġara lil kull moviment artistiku ieħor (Friggieri 1979: 303).

### *Karatteristiċi mil-Letteratura Gotika*

Hume (1969: 283), jaqsam il-Gotiku fi tlett kategoriji. Hemm dak li jsejjaħlu "Sentimental-Gothic." Dan iwaħħad is-sopranaturali mal-ambjentazzjoni oskura flimken ma' relazzjoni sentimentali. Imbagħad

hemm l-hekk imsejjaħ "Terror-Gothic", li għalih huwa l-aktar Gotiku pur fl-Istorja tal-letteratura. It-tielet kategorija hija dik tal-"Historical-Gothic." Din it-tielet kategorija toqgħod tajjeb għar-rumanzi ta' Dimech, billi l-istorja ddur madwar ambjent speċifiku f'perijodu partikulari fil-pajjiż magħżul. Skont Hume, kull tip ta' Gotiku jinkludi biża' psikoloġika biex jinvolvi lill-qarrej u jevoka aktar emozzjonijiet.

Biex ir-rumanz Gotiku jinftiehem sew wieħed irid iħaddem il-ħsieb u mhux sempliċiment isegwi l-kliem jew il-ġrajja. M'hemmx ċertezza f'dak kollu li t-test qiegħed joffri għax il-ġrajja tinbidel kontinwament, u wieħed mhux dejjem jista' jobsor it-tmiem tal-istorja. Is-sabiħ tal-Gotiku jinsab ukoll fil-fatt li anke jekk jinkixfu ċerti affarijiet, xorta jibqa' enigmatiku. L-awtur tar-rumanz Gotiku, inkluż Dimech, jaħbi xi affarijiet u xi kultant jibqa' sal-aħħar ma jgħidhomx sabiex il-qarrej jasal għalihom waħdu. Dan il-proċess ta' tikxif gradwali jqajjem fil-qarrej sens ta' sodisfazzjon.

Il-Gotiku jista' jesprimi ruħu permezz ta' dagħa aħrax, ereżijiet u taħdit krudili bejn il-karattri. Bejn dawn in-nies teżisti ħafna intolleranza, mibegħda u aggressivita`, li jiġu manifestati permezz tal-burdata Gotika. Il-karattri Gotiċi jieħdu kollox u lil kulħadd bil-herra u b'esaġerazzjoni liema bħalha. Dan huwa eżempju ta' monologu meħud mill-ktieb *Iben L'Ikkundannat*:

> Jien jnsib mezz biex bih nivvendika ruħi minn kulħadd u inpatti għall umiljazjoni li sofrejt. U xejn ma jimpurtani billi

> fuqu hemm il-pistoli. Li kieku kien li stess dimonju kont niġġilidlu u nurih snieni, u intih li ħaqqu u jixraqlu u joqgħodlu. Infarraklu għadmu, nilwih, u nixroblu bla ebda ħniena ta' xejn id-demm maħmuġ tiegħu. (Dimech 1964: 331)

Il-ġrajjiet Gotiċi jikkonsistu minn ġrajjiet ta' mħabba li jissawru f'ambjent misterjuż, bħal f'xi kastell medjevali jew xi torri mudlam. Arturo Dimech jinqeda b'ambjenti strambi u ambigwi. Tul il-ktieb *Il-Bojja tal-Kastell,* Dimech jagħti deskrizzjoni tal-Kastell ta' Garre li fih kien jgħammar il-miljunarju Bellamy. F'dan il-Kastell kienet tiġri x-xniegħa li kien hemm il-preżenza ta' spirti ħżiena:

> X'kien hemm fil-Kastell? Dak li kien iħobb hu. Kien hemm sotteranji kbar u twal, u bibien ħoxnin u goffi. Kien hemm mal-ħitan, kollha toqob mwaħħla ktajjen u ħoloq, kien hemm kolonni li fihom kienu jintrabtu biex jissawru li msejjkna Vassalli tal-Kastell u ta' qribu jekk ma jobdux amar sidhom. Kemm sofra l-bniedem meta sidien il-Kastelli kellhom poter li jagħmlu li jridu bin-nies, cioe' bli rsiera tagħhom, għax f'dak iż-żmien kulħadd irsir, barra mill-Kastellan u l-kbarat ta' madwaru... (Dimech 1960: 65)

Sabiex il-Gotiku jkun kredibbli jrid joffri atmosfera ta' biża', kurżita` u eċċitament. L-ambjentazzjoni hi magħżula għal tal-apposta, bħal xi

kastell malinkoniku bis-sotterrani umdi, b'passaġġi sigrieti u turġien dojoq. L-ambjentazzjoni tista' sseħħ f'dar enormi bi kmamar vojta, imsakkra u mudlama. F'ambjent bħal dan, mhux impossibbli li jseħħ xi ħtif jew qtil ta' xi persuna. Fil-ktieb *Ħtija u Kastig*, Elaine damet ħafna maqfula fis-sotterran tal-Bojja tmien snin sħaħ. Il-Bojja kien iniżżlilha l-ikel u x-xorb, iżda kien jieqaf biex jinsultaha u jumiljaha bi ħruxija liema bħalha. Barra minn hekk, fit-tmiem ta' dan ir-rakkont, ħamsa min-nies oħra spiċċaw mitfugħin fis-sotterran minn dan l-istess Bojja. F'dan il-Kastell kienet ser tiġri traġedja oħra, għar-raġuni li l-Kastell ta' Garre kien qed jegħreq. U dawn in-nies li ġew mitfugħin fis-sotterran kienu qegħdin jistennew il-mewt li bdiet tersaq lejhom bil-minġel qerried tagħha.

Fir-rumanz *Il-Qawwa tal-Imħabba jew it-Tortura ta' Franza*, l-ambjentazzjoni tittrasforma ruħha f'metafora. Is-sala mudlama li kien hemm fil-palazz tal-Kontessa Lieni tirrifletti d-dwejjaq u l-iżolament ta' Beatrice u dan ifisser li ambjent trankwill jista' jiġi ttrasformat f'wieħed ta' kruha u ta' misteru. Id-dwejjaq ġie rifless fl-iżolament tagħha li seħħ minħabba l-mewt ta' ommha, minħabba d-disfatta fir-relazzjoni tagħha ma' żewġha, u minħabba l-gwerra li dejjem kienet tagħfas u żżid l-inkwiet fuq iċ-ċittadini Franċiżi.

Il-biċċa l-kbira mill-azzjoni f'dan ir-rumanz seħħet fid-dlam. Is-swidija tirrappreżenta l-qagħda statika tal-bniedem maqbud f'sitwazzjoni li ma jistax jaħrab minnha. Hekk jiġri fir-rumanz, F'*L-Ispettru Misterjus jew*

*Anna Bolena.* Il-foresta mistkerrha tagħti sensazzjoni ta' waħx u fl-istess ħin il-qarrej iħoss li dak il-post hu projbit minħabba l-preżenza ta' dehriet indannati. Meta jaqa' d-dlam il-foresta tkun mixgħula fid-dawl tal-qamar taħt is-seħer tal-ispettri, li jidhru jiġru biż-żwiemel lewn il-faħam. Dimech isemmi xi knejjes u ċimiterji li huma maqtugħin minn mat-triq u moħbija taħt siġar kbar. Il-kittieb jindika wkoll kif wieħed jista' jinqeda b'dawn il-postijiet sabiex ibeżża' lit-tfal meta ma jġibux ruħhom sew.

Ann Radcliffe tenfasizza l-aktar fuq id-dehriet sopranaturali, dawk li l-aktar jagħtu sens ta' vojt, iżda vojt li jeżisti, fejn wieħed jaf li hemm xi ħaġa mingħajr ma jkun żgur x'inhi. Dimech ta' spiss jinqeda bi spettri, dellijiet, fantażmi u dimonji raffigurati f'umani. Pereżempju, f'*L-Ispettru Misterjuz jew Anna Bolena* tidher "...figura twila u stramba bil qarn taċ ċerv fuq rasu, b' qagħda grotteska u tal wahx" (Dimech 1958: 6). Il-figura taċ-ċerv tidher bosta drabi f'ritwali li kienu jsiru fil-foresta. Wieħed mir-ritwali kien sar fuq Wyat, il-maħbub sigriet ta' Anna Bolena, u dan ir-ritwal kellu jsir sabiex Wyat jidħol jagħmel parti minn din l-għaqda ta' spettri. Huwa pprefera jmut u jxaqleb lejn in-naħa tal-ħażin milli jibqa' ħaj u jitlef lil dik li kien iħobb. Dimech jiddeskrivi kif is-sikkina tidħol fi griżmejn iċ-ċerv biex minnu jinsilet id-demm u kif tinqatagħlu sieqare l-leminija ta' quddiem biex titqatta' biċċiet. Hu jirrakkonta kif ir-ras taċ-ċerv, mgħaddma, spiċċat fuq il-lasta tal-kaċċa togħla 'l fuq u 'l isfel. Wara dan kollu Wyat xorob l-inbid u ntilef minn sensih.

Ir-rwol tal-Gotiku fil-letteratura ma jwassalx biss għall-biża' mill-istorja iżda wkoll għall-biża' li dak li taqra jista' jolqot lill-qarrej innifsu, dejjem fis-sens ta' dehriet sopranaturali. Dan ma jseħħx fil-każ ta' Walpole għax huwa jħaddan elementi tassew strambi li, permezz tagħhom, jirrappreżenta s-sopranaturali bħal, pereżempju, fantażmi ġo inkwatri jew xi elmu enormi li jiċċaqlaq waħdu. Biex il-Gotiku jinfluwenza lill-qarrejja jrid ikun konvinċenti. Dimech jirnexxilu jikteb bi stil reali u b'mod fantasjuż, fl-istess ħin.

Edgar A. Poe hu magħruf bħala l-awtur li jikteb dwar intriċċi misterjużi u makabri. Hu wkoll l-inventur tal-ġeneru tal-investigazzjoni. Aleks Farrugia fl-artiklu "200 sena minn ħajja tiżfen mal-mewt", isostni li Poe huwa "In-nannu ta' *Sherlock Holmes".* Dan għaliex Arthur Conan Doyle, li ħoloq għall-ewwel darba dan il-karattru, kien ġie influwenzat mill-istejjer ta' Poe nnifsu. Farrugia jkompli jgħid li l-karattru ta' Dupin, fil-ktieb *Murders in the Rue Morgue* wera għall-ewwel darba xi tfisser verament il-kelma ditektiv u kif dan il-karattru serva bħala mudell għal dawn l-istejjer fantastiċi (Farrugia 2010: 31-32).

Dimech ġieli jħaddem l-istil investigattiv f'uħud mill-kotba tiegħu, bħal *Qtil Stramb u Misterjus* jew *l-Avventuri Ċelebri tat-Tabib Armstrong*. Huwa jħaddan il-proċedura wżata mid-ditektivs. Meta jitwettaq xi qtil jew xi reat, huma jinvestigaw billi jiġbru l-provi mill-marki tas-swaba', xagħar

imwaqqa' jew inkella xi evidenza oħra sabiex ikunu jistgħu jkompli jiżvolġu l-indaġni tagħhom. Kull nitfa informazzjoni hi vitali għalihom.

Ħafna drabi l-awtur jieħu xi ideat minn films u minn kotba oħra u jiġborhom bħala avventuri fil-kotba tiegħu. Fil-ktieb *L-Avventuri Ċelebri ta' Joe Mank*, Dimech jirrakkonta dwar il-formazzjoni ta' klikka li toqtol u tisraq, u l-moħħ wara dan kollu jkun Joe Mank. Huwa jwettaq  sensiela ta' reati billi jisraq u joqtol sabiex jakkwista aktar flus għall-użu personali tiegħu. Fi stejjer bħal dawn dejjem ikun hemm l-investigatur professjonali li jipprova jsolvi l-każ biex isib lill-qattiel u fl-aħħar jagħtih dak li ħaqqu. Dimech dejjem jinsisti li "...jagħmel x' jagħmel il-bniedem qatt ma jeħlisha mill-għafsa tal-mewt" (Dimech 1964: 791). Il-ġustizzja għalih hi divina u allura mhijiex ġustizzja limitata biss għal din l-art.

## *Il-Gotiku bħala Ħażen soċjali*

Il-Gotiku jista' jirrappreżenta l-ħażen soċjali. Jista' jkun hemm konnessjoni storika, politika u soċjali f'dan kollu (Smith 2007: 3). Dimech, bħal bosta kittieba oħra, ġie influwenzat mill-biża' li xerrdet il-gwerra. William Cuthbert Faulkner hu magħruf għall-elementi Gotiċi li hu daħħal fil-kultura Amerikana. Il-korruzzjoni u l-esplojtazzjoni li kienu qed iseħħu

fin-nofsinhar tal-Amerika (dik li llum hi msejħa Stati Uniti) ġew riflessi fil-kitbiet tiegħu. Biex juri dan, Faulkner jiddeskrivi xeni grotteski u vjolenti. Fl-istess ħin jorbot kollox mal-għan politiku tiegħu għax ried ipinġi l-qagħda mwiegħra tas-soċjeta` ta’ żmienu. Fin-novella tiegħu *Absalom, Absalom!*, huwa juri l-qagħda ta’ familja partikulari waqt il-ġlied li seħħ tul il-gwerra ċivili. Għaldaqstant, wieħed jista’ jasal għall-konklużjoni li l-Gotiku jħaddan fih elementi realistiċi u mhux biss immaġinattivi. Permezz ta’ dan kollu l-kittieb jista’ jwassal opinjonijiet kritiċi lejn is-soċjeta` (Gregory 1999: 3-7).

Ir-rumanzi ta’ Dimech huma miżgħuda b’dawn l-elementi. Pereżempju, fir-rumanz tiegħu *Il-qawwa tal-Imħabba jew It-Tortura ta’ Franza,* huwa jikteb dwar il-qerda li ġġib magħha l-gwerra bejn il-Franċiżi u l-Prussjani fl-1870. Iwettaq dan b’dehriet ta’ mwiet imdemmija u tbatija kbira, b’riżultat tal-faqar u l-għaks. Dan seħħ sabiex il-Franċiżi jiġġieldu għall-unur ta’ pajjiżhom. Ħafna drabi r-rabja titkebbes l-aktar meta jkun hemm ir-rivalita` bejn il-karattri. Ir-rabja tiħrax f’sitwazzjonijiet ta’ gwerra għax il-ġellieda jkollhom rabja kbira għal xulxin, għax wara kollox, hekk jiġu kkundizzjonati. Il-gwerra ġabet magħha l-qerda tal-bniedem permezz tal-imwiet. F’dan ir-rumanz jintwera li kienu l-Prussjani li għamlu ħerba sħiħa fi Franza. Dimech ma żammx lura milli jsemmi l-esperjenza Maltija u dan billi qanqal argument żgħir sabiex iqabbel is-sitwazzjoni Ewropea mal-konsegwenzi tat-Tieni Gwerra Dinjija f’Malta.

*Figuri u Karattri Grotteski*

Il-karattri ambigwi, jew karattri li jiddisturbaw l-ambjent li qegħdin fih, jikkontribwixxu biex iżidu l-effett tal-Gotiku. Il-karattri huma bosta u jvarjaw minn erwieħ u fantażmi, għal ħallelin u tiranni u saħansitra sal-'femme fatale', li taf iddawwar kemm id-destin kif ukoll l-irġiel b'makakkerija kbira. Il-kuntrast u l-atmosfera ta' bejniethom ikomplu jżidu u jqanqlu dan l-ambjent. Pereżempju, Nazju u Antonio, protagonisti tar-rumanz *Il-Katavru ta' Taħt il-Ħarruba*, għandhom personalita` totalment differenti: wieħed iħobb l-għasafar u l-ieħor iħobb id-demm. Tul ir-rumanz il-kuntrast ta' bejniethom iwassal għal kunflitti kbar u b'hekk l-akbar żewġt iħbieb isiru l-akbar għedewwa.

Dimech ġieli jpinġi persuna bħala sabiħa u attraenti pero`, minħabba ċerti konsegwenzi, tul ir-rumanz din tista' tinbidel u ssir karattru tal-waħx. Pereżempju, fil-*Bojja ta' l-Ordni jew l-Omm Misħuta*, "Min kellu jgħidlu li dak il libertin kollu f'wieħa u bizzilli, kollu ġesti u posi, kellu jsir hekk ikraħ, sfigurat u mmankat għall ħajtu" (Dimech 1960: 473). Hemm ċerti karattri li jidhru koroh mill-bidu nett kemm minħabba l-personalita` tagħhom kif ukoll minħabba l-atteġġjamenti tagħhom. Fir-rumanz *Il-Mostru Qattiel*, il-Konti Sant Jule jidher mill-aħjar u mill-aktar disponibbli iżda mbagħad jinbidel kompletament: "Qabel b'dik il-bixla mansa u kajmana tiegħu u jssa bil-bixla ta' dimonju, ta' mostru qattiel"

(Dimech 1968: 509). Dan juri li anke personaġġi li jidhru nobbli jistgħu jieħdu bixra differenti.

L-awtur jista' jaħbi xi personaġġ fl-ilbies tiegħu sabiex jidher aktar suspettuż u misterjuż. Fil-ktieb tiegħu *Ir-Raġel tal-Mantell Iswed*, Larralde, sal-aħħar tar-rumanz jibqa' jiġi deskritt bħala r-raġel li dejjem jilbes il-mantell l-iswed u li spiss jiġi mqabbel mad-dimonju. L-awtur jista' jirrendi l-karattri tiegħu aktar tal-waħx billi jagħtihom xi deformazzjoni fiżika li tagħmilhom aktar koroh. Fir-rumanzi ta' Dimech insibu tipi differenti ta' deformazzjonijiet fil-personaġġi bħal: għajn mifqugħa, widna maqtugħa, imnieħer ta' seqer jew wiċċ isfar mimli ġrieħi li jitqabbel ma' dak ta' xi ħadd invażat.

Uħud mill-karattri jaġixxu b'mod aktar aggressiv minn oħrajn. Il-Bojja hu wieħed mill-eħrex karattri fis-siltiet ta' Dimech għax joqtol lin-nies u għaliex itemm il-ħajja tal-bnedmin mingħajr l-ebda jedd fuq ħajjithom. F'kotba oħra, Dimech jirreferi għal dan il-karattru bħala l-Biċċier. Il-Bojja jisħet is-siegħa u l-mument li twieled bojja għar-raġuni li ta' fuqu kienu jqabbduh joqtol ħafna nies, anke dawk li huma innoċenti. Dimech jagħti l-lista makabra tat-torturi ħorox imwettqa mill-Bojja:

1) Il forka regolari.

2) Taqsam bniedem min-nofs.

3) Taqta' barra xi parti mill-ġisem tal bniedem.

4) Id-daħħal qasab taħt id-dufrejn tal ikkundannat.

5) Sqwartar.

6) Swat tal vireg u frosti. (Dimech 1956: 523)

Figura stramba oħra li l-qarrej jiltaqa' magħha fil-kitba ta' Dimech hi l-Arċier l-aħdar. Din il-figura tissemma biss fir-rumanz *Il-Bojja tal-Kastell*. Jingħad li dan l-Arċier kien qiegħed idur madwar il-kastell iżolat tal-Miljunarju Bellamy. Dan il-personaġġ jingħaraf mill-vleġeġ bil-manku aħdar li huwa kien jispara. Kulħadd kien jibża' minn dan l-arċier iżda l-aktar wieħed li kellu jibża' minnu kien il-Miljunarju għax deher li l-Arċier ried jagħmillu l-ħsara. Il-Miljunarju kien saħansitra ġab il-klieb fir-residenza tiegħu għall-protezzjoni iżda dan l-Arċier kellu l-ħila jimmansahom. Din hi d-deskrizzjoni li jagħti l-awtur dwar l-Arċier:

> Kienet figura twila, irqieqa ta' kulur ħadrani, b'wiċċ abjad ta' katavru, x'biża. Dik il-figura ħadra kienet qegħda tħares lejh! F'idejn il-figura ħadra kien hemm qaws u vleġġeġ. Il-ħarsa tal-figura ħadra kienet ċassa u kienet donna qegħda tħares u thedded. (Dimech 1960: 74)

Il-kokka mhux l-ewwel darba li tissemma fir-rumanz Gotiku u għalhekk saret ikona fi stejjer bħal dawn. Il-kokka hi spiss assoċjata mas-sopranaturali minħabba l-karatteristiċi tagħha. Fir-rumanz li għadni kif semmejt, il-kokka tissemma mill-bidu nett. Tidher dejjem biswit il-figura

orribbli bil-qarn fuq rasha, tittajjar fil-foresta fid-dawl tal-qamar u l-preżenza tagħha turi li resqin spettri djaboliċi li jkunu jridu jattakkaw il-foresta sabiex jipposseduha.

Minħabba li l-figura tal-kokka għandha rwol importanti fil-Gotiku, ma tidhirx biss fil-foresta iżda tidher ukoll tħuf fl-inħawi ta' madwar xi dar jew kastell. Fil-ktieb *Id-Delitti tal-Palazz l-Iswed,* il-kokka tissemma meta x-xemx tkun niżlet u meta s-sema tixgħel bid-dawl tal-istilel li jgħammruha: "Il Qamar f'dak il ħin kien qed jagħti dawl dgħajjef lil art u is-siġar ta ħdejn id-dar kienu qieshom spettri telgħejn mill-art biex jilħqu is-sħab tal ajru. Kulltant kien jinstama il għajjat nojjus tal kokka" (Dimech b.d[3]: 88).

## *Il-Motiv tal-Qtil*

Għalkemm Poe huwa kittieb ta' ġenerazzjoni differenti xorta ma żammx lura milli jinqeda bil-makabru fil-kitbiet tiegħu. Fil-ktieb *The Murders in the Rue Morgue,* jiddeskrivi l-mewt ta' żewġ nisa. F'wieħed minn dawn l-omiċidji, l-awtur jiżvela li l-omm tant kellha ġriżmejha maqtugħin ħażin li rasha bilkemm setgħet iżżomm fuq għonqha u li l-bint, wara li ġiet mgħallqa, ġiet mitfugħa fiċ-ċumnija. Meta E. Allan Poe kien jikteb stejjer tal-waħx hu kien jiffoka t-tema tiegħu fuq il-kwistjoni tal-mewt. L-għan prinċipali tal-makabru f'Poe hu d-deskrizzjoni tat-tortura u t-tip ta' mewta. Aktar ma l-mewt tkun traġika, aktar tqanqal biża'. Fil-każ

ta' Dimech, il-mewt mhux bilfors isseħħ b'kaġun ta' qtil imdemmi iżda tista' sseħħ permezz ta' avvelenament jew inkella permezz tat-tgħalliq ta' xi persuna.

F'rakkonti bħal dawn wieħed jistenna li jiltaqa' ma' xi delitt. Ovvjament il-qtil hu kkaratterizzat minn xeni tetri u makabri mimlija dmija u ħruxija. Fir-rumanz *Iben l-Ikkundannat*, il-ħabsi jintilef fi ħsibijietu waqt li jkun fil-ħabs jikkontempla dwar il-kundanna għall-mewt. Dawn il-ħsibijiet jifnuh u jibda jħossu qiegħed jiġġennen. Permezz tal-introspezzjoni, Dimech juri l-qagħda mwiegħra tal-protagonist waqt li jaħseb dwar il-mewt:

> Issa ħabsi fiċ-ċella. Ġismu u ruħu debboli u bla saħħa. Riflessjoni kontinwa u orribbli tal-kiefra mewt. Il-mewt kerha wisq u wisq iżjed għaż-żagħżugħ. Il-mewt għalih kienet ċertezza.
>
> Jagħmel x'jagħmel, il-mewt dejjem quddiem għajnejh. Il-mewt kienet spettru ma ġenbu, il-mewt kienet hemm fil-miżerja tiegħu tgħajjilu ġismu, ittaqqallu moħħu, u tagħlaqlu għajnejh. (Dimech 1964: 6)

Ħafna drabi l-awtur jispjega kif ċerti delitti jseħħu minħabba konsegwenzi amorużi, iżda jista' jkun ukoll li jseħħu minħabba ġibdiet materjali, bħal dik tal-flus. Fil-pubblikazzjonijiet ta' Dimech huwa normali li

wieħed jiltaqa' ma' aktar minn delitt wieħed u li dawn kollha jseħħu minħabba kawzi varji. Fir-rumanz *Imħabba Misruqa jew ix-Xirka tal-Lupu,* id-delitt iseħħ fi ħdan koppja miżżewġa. Is-sinjur Lutman qatel lil martu waqt li hi kienet f'raqda trankwilla. Il-pjan tiegħu kien li l-ewwel itellifha minn sensiha permezz ta' likwidu apposta u "Hija ħadet nifs qawwi u ma iccaqilqet xejn, kienet fi gwinħejn il mewt'' (Dimech 1966: 359), imbagħad waqt li kienet fi stat ta' bejn ħajja u mewt, hi ġiet mgħarrqa f'qiegħ ta' xmara.

Anke fil-ktieb *X'Taf Tagħmel l-Imħabba,* id-delitt iseħħ fi ħdan il-familja. Dimech ipinġi stampa ċara ta' kif jiżvolġu l-affarijiet u x'riżultat iħallu dawn id-delitti. Fid-deskrizzjonijiet tiegħu jdaħħal ħafna elementi li jġiegħlu lill-qarrej jibża' u fl-istess ħin iħossu fuq ix-xwiek sabiex jara kif ser tispiċċa l-istorja. Permezz tad-deskrizzjoni, huwa juri lill-qarrej kif tiżvolġi l-azzjoni tal-qattiel u juri wkoll l-effett qerriedi tiegħu fuq il-vittmi. Pereżempju: "Qatel lil martu u lil bintu u wara b'mannara ta' Indjan, minn urajh qasmitlu rasu fi tnejn…'' (Dimech 1957: 42). Minħabba dan id-delitt, it-tifla sfat weħidha u abbandunata waqt li l-bqija tal-familja sfat mejta.

Fil-ktieb *Ħtija u Kastiġ*, il-merkant Smelkov ġie maqtul u għalhekk infetħet inkjesta sabiex jinstab il-ħati u sseħħ il-ġustizzja. L-akkuża waqgħet fuq Eufemia Ivanovna, Katrin Lubkha u Xmun Katrinkin, li kienu għatxana biex jisirqu l-flus u d-djamanti tal-merkant. Meta Lubka tat ix-xhieda tagħha fil-qorti, hija qalet li kienet marret għand Xmun għax hu

kellu jagħtiha l-loppju biex titfgħu fil-brandy biex permezz tiegħu traqqad lil Smelkov u sadanittant tisraqlu r-rubini li kien jipposjedi. Il-faqar wassalha biex tagħmel dan. Il-flus ta' Smelkov kienu l-uniku mezz ta' għajxien għaliha. Iżda ġara li, minflok loppju, Xmun taha l-velenu. Xmun ma kienx lest li jammetti li dak it-trab tahulha apposta biex joqtol lill-kummerċant sabiex hu wkoll ikun jista' jisraqlu ġidu. Minflok stqarr li ma kienx fi ħsiebu joqtol jew jisraq lil Smelkov. Minħabba dan, il-ħtija ġiet mitfugħa kollha fuq Katrin, u ġiet ikkundannata mill-qorti sabiex taħdem xogħol iebes fis-Siberja għal perijodu twil. Fl-aħħar tar-rumanz il-kundanna tonqsilha u dan għax toħroġ il-verita` li hi ma kinitx il-ħatja ta' dan il-qtil iżda kienet ġiet użata minn Xmun u Eufemia għall-iskopijiet żienja tagħhom.

Il-letteratura Gotika tikkombina bosta elementi flimkien, fosthom is-sopranaturali, il-grottesk, l-assurd u l-karattri sublimi, biex jingħaqdu f'ġeneru wieħed li jasal b'mod sħiħ għand il-qarrej. Meta dawn l-elementi jiġu kkombinati tajjeb, jidhru qishom imwaħħdin flimkien b'mod naturali. B'hekk l-awtur joħloq tip ta' espressjoni letterarja u permezz tagħha jfittex argumenti u strateġiji differenti biex ivarja minn ġeneri oħra.

## 2.2 Intriċċi ta' Mħabba

> Li mħabba hija l'qofol ta' kull Reliġjon, b'dan kollu ma hijix Reliġjon, iżda għall inqas hija superstizzjoni. L'imħabba teżalta s-superstizzjoni kif ukoll l'immaġinazzjoni, b'dan kollu tgħawweġ ir-raġuni. Tagħmilna nkreduli. (Dimech 1968: 245)

Rumanz jista' jvarja fl-istruttura tiegħu billi jorbot flimkien ġrajja storika, gotika u ta' mħabba. Iżda ħafna drabi, l-awtur jista' jagħti prijorita` lil xi fattur a skapitu ta' ieħor. Kif diġa` ġie diskuss fit-taqsima 2.1, il-Gotiku huwa kkaratterizzat minn klima orrenda li tkaxkar magħha l-imħabba u l-passjoni. Il-Gotiku ma jistax jeżisti mingħajr passjoni, għax biex jitwettaq f'azzjoni jrid ikollu qawwa li tmexxih, mhux bil-moħħ iżda bil-qalb. Il-passjoni hija l-amplifikazzjoni tal-emozzjonijiet varji bħall-imħabba, l-għira, l-ammirazzjoni, il-mibegħda u l-vendetta. Catherine Belsay, fil-ktieb tagħha *Desire*: *Love Stories in Western Culture,* tgħid li:

> Passion in romance is commonly a storm, a flood, a tidal wave, or sometime flames, a volcano or an earthquake. In all these cases it is elemental, beyond control, majestic, thrilling, dangerous. The helpless protagonist experiences desire as burning, falling through space, submerging or drowning. (Ward 2009: 32)

Platun, fit-teoriji universali tiegħu, kiteb dwar l-għan u n-natura tal-imħabba, speċjalment fid-djalogi *The Symposium* u *The Phaedrus.* Il-kunċett ta' eros jirreferi għall-imħabba passjonali, li toħloq xewqa qawwija li tħobb. F'*The Symposium,* Platun jittanta jistaqsi x'inhi l-imħabba. It-tweġiba tiegħu hi "Love is for possessing the good oneself for ever." Dan għax it-tir ewlieni tal-imħabba hu li l-maħbub ifittex li jaħfen is-sbuħija (Price 2004: 15). Aristophanes, fil-bidu ta' dan id-djalogu, jirrakkonta leġġenda dwar il-formazzjoni tal-imħabba. Il-leġġenda turi kif xi nies ippruvaw jeħduha kontra l-allat u għalhekk Zeus iddeċieda li jirrendihom bħall-ħxejjex u l-frott, jiġifieri jaqsam il-personalita` tagħhom f'żewġ nofsijiet, separati minn xulxin. Minħabba li rriduċew ruħhom għal nofsijiet imperfetti, issa riedu jippruvaw ifittxu t-tieni nofs l-ieħor, possibbilment riedu jfittxu dak in-nofs li kien l-aktar kompatibbli magħhom. Dan jindika l-bżonn tal-individwu li jfittex l-imħabba kostantement sabiex jingħaqad mat-tieni nofs tiegħu, jsiru ħaġa waħda u jiffurmaw unita` sħiħa (Ward 2009: 9).

## *L-Imħabba fl-Aqwa Tagħha*

Ħafna jqisu li mingħajr l-imħabba l-individwu ma jistax jgħix, u Dimech jirrappreżenta tajjeb ħafna dan il-kunċett. L-imħabba mhix sentiment esklussiv ta' bejn il-maħbubin, iżda tinvolvi l-aħwa, il-ġenituri, il-

ħbieb u saħansitra l-qaddejja u l-benestanti tagħhom. Il-fil amoruż jippermetti li l-ġrajja fir-rumanz tifformula stil mexxej li jħalli aktar impatt mal-qarrejja. F'rumanzi bħal dawn, l-imħabba hi eterna għax tasal biex tegħleb kull ostaklu. Ma tindifinx u ma tmutx mal-mewt, iżda tibqa' tgħix għal dejjem u ż-żmien jagħti prova ta' dan. Il-maħbubin jintrabtu bil-ġurament tal-imħabba dejjiema iżda l-ħajja għalihom kważi qatt ma tista' tkun faċli.

It-tfixkil fl-imħabba ġieli jiġi min-naħa tas-soċjeta` li ma taċċettax li xi ħadd għandu jħobb lil min irid. Is-soċjeta` teħtieġ li żżomm id-dinjita` tal-klassi soċjali. Huwa veru li xi drabi l-imħabba f'Dimech tista' tidher irrazzjonali, iżda drabi oħra huwa jispekula dwar kif l-imħabba għandha tiġi kkontrollata biex ma tkunx preċipituża. Fil-ktieb *Il-Katavru ta' Taħt il-Ħarruba,* Nazju jkun ġej minn familja sinjura waqt li Marija, il-maħbuba tiegħu, tkun bidwija. Għall-kuntrarju tas-soċjeta` ta' madwarhom, dawn iż-żewġ maħbubin ma jarawx biss id-differenzi ta' bejniethom iżda wkoll l-affarijiet li għandhom inkomuni, bħall-imħabba għal xulxin. Bi kliemu Dimech jindika li s-soċjeta` tinsisti li kull par għal paru. F'dan il-ktieb, Nazju jħabbatha mal-akbar ħabib tiegħu Antonio, li jipprova jagħmel minn kollox biex jisraqlu t-tfajla u dan iwassal biex it-tnejn isiru rivali ta' xulxin. Mhux l-ewwel darba li l-akbar ħbieb spiċċaw għedewwa, bħalma ġara f'dan il-każ, u saħansitra jispiċċaw jirrovinaw ħajjet xulxin qishom kienu jinbagħdu minn dejjem.

F’Dimech, din is-sitwazzjoni, fejn żewġ maħbubin jisfgħu mifrudin minn xulxin, hi rikorrenti ħafna. Fil-ktieb *Ix-Xebba ta’ Israel*, il-prinċep Seti u Merapi kienu jinħabbu bil-bosta iżda ma jkunux jistgħu jibqgħu flimkien minħabba l-fatt li hu kien l-eredi tat-tron Lhudi u hi kienet tfajla Eġizzjana. Kif joħroġ minn dan ir-rakkont, bejn dawn il-popli kien hemm rivalita` kbira u kien skandlu jekk jingħaqdu għax "Għaqda ta’ żwieġ bejn Iżraelita u Eġizzjan huma projbiti" (Dimech 1962: 501). Kellhom jinħabbu bil-moħbi, qishom qegħdin iwettqu xi reat. Dimech josserva li "L’Imħabba hija krudila daqs il-mewt. Iżda xejn ma hemm għola mil-benna ta’ l’imħabba safja u pura" (Dimech 1962: 509). Imma fl-aħħar Seti ma felaħx iżomm din l-imħabba mistura. Ma beżax aktar u ddikjara l-imħabba tiegħu:

> Int l-isbaħ xebba li qatt rajt, Merapi, int l-idolu ta’ qalbi, u jien inħobbok u ilhi nħobbok, għażiża Merapi, issa qed inħoss li huwa l-ħin li ngħidlek b’din l-imħabba tiegħi... (Dimech 1962: 500)

> Għal-ewwel darba sirt naf kemm tkun ferħan meta tkun imgħannaq ma dik li tħobb, minn xebba sabiħa bħalek. Grazzi Merapi, int tajtni l-ħajja, int għamiltni kuntent. Xejn ma hawn fid-dinja aqwa mill-imħabba. (Dimech 1962: 507)

Fil-kotba ta’ Dimech, l-imħabba teżisti wkoll bejn il-familjari u l-ħbieb. L-imħabba lejn it-tfal hi enormi u l-ġenituri dejjem jaraw li jagħtu l-aħjar lil uliedhom. Fil-ktieb *Id-Delitti ta’ Wied iż-Żurrieq jew Imħabba Pura*,

il-Konti Pierre adotta lil Arturo Cassar, minħabba li kien safa abbandunat minn missieru, li kien qatel lil ommu u wara ħarab lejn Sqallija. Missier it-tfajjel ried iħalli din it-tarbija f'idejn għonja biex żgur titrawwem f'ambjent li ma jkun nieqes minn xejn u għalhekk għażel li jitfa 'l ibnu wara bieb ta' palazz. F'dan il-palazz kien jgħix il-Konti Pierre u minn mindu sab it-tarbija sar iħobbha daqs dawl għajnejh. Ma kienx jixba' jħares lejh waqt li jkun qiegħed jilgħab flimkien mat-tlett itfal l-oħra li kellu.

> X' mumenti kienu għall konti Pierre?
>
> Huwa qatt ma ġarrab bħalhom. Sewwa jgħidu li t-tfal huma l-għaxqa tad dar. Min ma jħobbx lit-tfal l'anqas jħobb lilhu n-nifsu. (Dimech 1955: 227)

L-imħabba mhux dejjem tingħaraf bħala tali. Xi drabi tibda sempliċement bi ħbiberija jew inkella bħala relazzjoni fraterna, iżda maż-żmien tinbidel u s-sentimenti lejn xulxin jinbidlu wkoll. F'dan ir-rumanz tinbet storja ta' mħabba innoċenti tat-tfulija, bejn Arturo, iben Dovik, u Agata, bint il-konti Pierre. Meta dawn iż-żewġ żgħażagħ jikbru, jindunaw li l-imħabba tagħhom ma kinitx sempliċement imħabba ta' bejn l-aħwa iżda kienet saret tfisser aktar minn hekk. Aktar 'il quddiem kellhom jaffrontaw problemi oħra li kienu riżultat ta' din l-istess imħabba. Omm Agata ma riditx li din l-imħabba tikber għax Arturo trabba ma' Pierre u għalhekk hu u Agatha kienu qishom aħwa. Arturo esprima l-fehma li l-fejqan tiegħu kienet hi.

> …jiena nħobbok…inħobbok…mitluf urajk. Int anġlu tal imħabba. Qatt ma ħabbejt lill ħadd ħlief lilek, u dan malli rajtek l'ewwel darba. Li kont taf kemm qiegħed jnsofri biex niżvelalek imħabbti, kieku żgur tagħdirni… (Dimech 1955: 391)

Ta' dan għandna xhieda oħra fir-rumanz *X'Taf Taghmel L-Imħabba*. Kollox jibda meta ġurnata fost l-oħrajn, Arturo jsib lil Rożabuds imkebba f'liżar. Il-ġenituri tagħha kienu sfaw mejta wara li ġew attakkati mill-Indjani, u hi kienet fortunata biżżejjed li ma sabuhiex għax kieku kienet tispiċċa maqtula bħall-ġenituri tagħha. Arturo ħalef li ried jieħu ħsieb din it-tifla hekk fraġli u mill-ewwel darba li ħares f'għajnejha induna bil-ġibda qawwija li kellu lejha. Minn dakinhar li raha ma nfirdu qatt minn xulxin. Hu kien xi seba' snin akbar minnha u għalhekk ħass il-bżonn li jipproteġiha. Hi lanqas kellha r-rieda li tkun taf il-ġrajja tal-familja tagħha għax ma' Arturo ħassitha li kellha kollox. Meta bdew jikbru u jieħdu qagħda differenti, ta' tfajla u ta' ġuvni, huma ma baqgħux li kienu u bdew jistħu minn xulxin. Iżda ġara li Arturo beda jintebaħ li "...kien iħobba jmħabba wisq differenti aktar ma jgħaddi ż-żmien" (Dimech 1957: 67).

L-imħabba ta' bejn il-ħbieb mhux dejjem titqies bħala mħabba kompluta, iżda tista' tkun tassew speċjali. Għalkemm l-awtur stess ma tantx kien jiffrekwenta ħbieb, huwa xorta jpinġi kwadru sabiħ dwar il-ħbiberija u jgħid li din tista' tagħmlek kuntent. Fil-ktieb *Ix-Xebba ta' Israel*

l-qarrej jiltaqa' ma' żewġt iħbieb inseparabbli; il-Prinċep Seti u l-kittieb personali tiegħu Ana. Ana jiddikjara li:

> Ser ingħidlek ħaġa li sejra tagħmel eku stramb, għax toħroġ minn xufftejn ta' raġel u mhux minn ta' mara.
>
> Nobbli Prinċep...jien inħobbok! Ħabbejtek bħal ma ħabbejt lill għażiż missieri. Ifimni. Ma nafx il għala ma nistax infisser ruħi. Iżda nitolbok temminni, li jien ma ħabbejtekx għaliex int prinċep, għax permezz tiegħek jien nista' ngħola; u inġib l'allat fi lsieni, li jiena qed ingħid is-sewwa u li qed nitkellem bla qerq u bla ħżunija. (Dimech 1962: 108)

Fir-rumanzi ta' Dimech, l-imħabba tista' titwieled bejn il-ħaddiema u sidhom. Biex relazzjoni bħal din tevolvi u timxi 'l quddiem, irid ikun hemm sens ta' rispett miż-żewġ naħat. Bniedem għani li jħalli lil dawk ta' taħtu jbatu ma jkunx ħlief bniedem miżerabbli u ma jkollux id-dritt li jiġi stmat minn ħadd. Il-Baruni Ivan, fil-ktieb *Ħtija u Kastig*, ma kienx bħal sidien oħra. Kien wisq ħanin mal-bdiewa u ma kienx moħħu fir-rikkezzi li hu seta' jakkwista. Ivan ried jeqred il-faqar u l-inġustizzji kollha li kienu jolqtu lil dawn in-nies għax ma felaħx jara lil dawn il-bdiewa jbatu u jaqgħu fil-miżerja. Hu kien lest li jagħti l-artijiet tiegħu lil dawn il-bdiewa biex ma jibqgħux fl-għaks li kienu jinsabu fih. In-nies ma setgħetx temmen li baruni seta' jagħmel dan għax:

> Huma kienu mdorrijin f'dan ix-xogħol u sid f'oqsma dejjem lejh ġibed u qatt lejhom. Din l offerta dehret stramba għall-aħħar. Kif qatt setgħa jkun li issa jkollhom hekk proġett vantaġġuż għalihom?!! (Dimech 1963: 377)

Mhux il-karattri kollha jemmnu fl-imħabba. Anzi, hemm min kien xettiku, bħalma kien it-Tabib Armstrong fir-rumanz *Id-Delitti tal-Palazz l-Iswed*. Huwa kien isostni li l-imħabba ma tgħoddx għalih. Iżda wieħed qatt ma jista' jkun jaf fiex jissarraf id-destin. Minn meta, b'koinċidenza, ra lil Leila f'dak il-periklu kollu, hu nġibed lejha u ried jipprova joħroġha mill-inkwiet li hija kienet tinsab fih. Hi kienet sfruttata bħala skjava u kienet ikkontrollata mill-briganti Ingliżi. Armstrong irnexxielu jsalvaha minn dawn l-ilpup billi daħal fid-dar tal-briganti fejn hi kienet qed tiġi maħqura. Kien diffiċli li joħorġu stqarrijiet ta' mħabba minn fomm dan it-tabib, iżda l-imħabba dawritlu fehemtu, apparti li biddlitlu ħajtu darba għal dejjem:

> Qatt ma naf li qalbi ħasset daqshekk modrija. Ta' min jitħassara lill dik it-tfajla żventurata...xi tħabbat qalbi...kemm hi sabieħa dik ix-xebba, x'wiċċ għanda kemm hu simpatiku...kemm nixtieq inkellmek. Iżda l' għala dan kollu? Oh! ....sgur inħobba lil dik it-tfajla. Jien qatt ma ħabbejt, u issa kelli naqa irsir tal imħabba. (Dimech b.d[1]: 121)

*Imħabba li Tweġġa'*

Ħafna drabi l-awtur jiddeskrivi l-imħabba bħala pura u bla tebgħa mingħajr l-ebda ħjiel ta' tradiment. Iżda dan l-argument ma japplikax fil-każ tar-rumanz *L-Ispettru Misterjus jew Anna Bolena* għax l-awtur ipinġi lir-Re Enriku bħala bniedem li jibdel in-nisa tiegħu kontinwament mingħajr l-ebda kompassjoni. L-istess għamlet Anna Bolena meta ċediet l-imħabba għall-ambizzjoni tagħha. Barra minn hekk l-imħabba tagħha lejn Wyat, wieħed mill-kavallieri, kienet ħafna aktar intensa mill-imħabba li kellha lejn ir-Re. F'dan ir-rakkont hemm bosta relazzjonijiet oħra ta' mħabba li spiċċaw fix-xejn, bħal dik ta' bejn Lord Surrey u Ġeraldinja li nfirdu minħabba persuna oħra li ddefset bejniethom u firdithom. Dan juri li "l'imħabba hija krudila daqs il-mewt, u minn ġarraba jista' biss jifhem il-filosofija fina tagħha" (Dimech 1958: 608).

L-imħabba ttraduta hija protagonista fir-rumanz *Ħtija u Kastig.* Katrin kienet seftura fid-dar ta' Arturo. Dawn it-tnejn saru jinħabbu iżda jidher li l-imħabba tagħhom ma kinitx biżżejjed biex issostni relazzjoni serja. Wara perijodu ta' żmien, Katrin intebħet li hi kienet ser issir omm iżda l-missier ma kienx preżenti. Hi tilfet lit-tarbija fl-ewwel xhur u għalhekk sofriet kemm għat-telfa tagħha kif ukoll għat-telfa ta' dak li kienet tħobb. Katrin ġiet mixlija li hi riedet toqtol lill-benestant tagħha sabiex tisraqlu kull ma kellu. Ittieħdet il-ħabs u ġiet ikkundannata biex

tiskonta s-sentenza tagħha billi tagħmel xogħol iebes fis-Siberja. Meta Arturo sema' bil-każ ta' Katrin, għamel minn kollox biex jipprova jeħlisha mill-jasar u dan għaliex kien iħossu responsabbli għal dak kollu li kien ġralha. Iżda kien tard wisq għax f'qalbha beda jinbet sentiment kbir lejn Simerson, il-ħabib speċjali tagħha. Arturo xorta baqa' fi ħsibijietha, għax kien l-ewwel imħabba ta' ħajjitha, iżda ma setgħetx tafdah aktar wara t-tradiment ta' snin qabel.

Jekk l-imħabba ma tkunx reċiproka tnissel sens ta' dwejjaq u vojt. Mill-bidu tal-istorja *Il-Bojja tal-Ordni jew l-Omm Misħuta*, Maria Borg bdiet tiġi meqjusa bħala sfortunata, speċjalment fl-intriċċi sentimentali li daħlet fihom. Ir-relazzjoni tagħha ma' Pawlu nbniet fuq ġibda passjonali u din wasslitha biex tilfet unurha, minkejja t-twissijiet ta' missierha. Hi kienet innoċenti u ma kinitx taf l-affarijiet tad-dinja. Karlu ma kien jinteressah xejn minnha u ried biss jinqeda biha għax fil-verita` hu kellu lil xi ħadd ieħor f'moħħu, iżżewweġ u spiċċa biex ħalla lil Maria tqila, b'tarbija ġejja fid-dinja.

Fir-rumanz *Il-Mostru Qattiel*, il-Kontessa De Sant Jule ġabet ruħha bħal Karlu. Hija nqdiet bl-imħabba innoċenti ta' John Beckett biex taħrab miegħu bil-flus u bil-ġojjelli tar-raġel tagħha. Hi kienet taf li Beckett kien mitluf warajha u għalhekk ma baqgħetx lura milli tużah għall-iskopijiet tagħha. Il-Kontessa għamlet dan kollu biex teħles mit-tirannija ta' żewġha li, bl-għira tiegħu, beda jifgaha u jġiegħelha ssofri. Din l-għira kienet

qiegħda żżommha nieqsa minn ħafna affarijiet vitali, anke mill-kumpanija ta' ħbiebha u għalhekk sfat iżolata għal kollox.

Dimech jgħid li "il-ġelosija hija mostru" (Dimech 1958: 173) u ta' dan jagħti ħafna eżempji. Fir-rakkont imsemmi għal Anna Bolena, Wyat kien lest li jingħaqad mal-ispettri ndemonjati u kien ippreparat għal kollox, basta jieħu lura lill-maħbuba tiegħu billi jisraqha mingħand ir-Re. L-għira li kellu ġo fih kienet eżaġerata tant li ġiegħlitu jagħmel affarijiet mhux maħsuba biex ipattiha lir-Re. U għalkemm ma kienx qiegħed jinduna, bl-atteġġjament tiegħu kien ukoll qiegħed iweġġa' lil Anna.

L-imħabba tista' wkoll tiġi misruqa, jiġifieri tittieħed b'ingann. Fir-rumanz *Imħabba Misruqa jew ix-Xirka tal-Lupu*, Bice kien ser ikollha tiżżewweġ lil Jim Asson anke jekk ma kinitx tħobbu. Il-familja ta' Bice ma kinitx fqira għax Karl, missierha, kien sab teżor u għamel lill-familja kollha għanja. Iżda wara x-xniegħa ta' mewtu, din ir-rikkezza bdiet tonqos u għalhekk kellha tkun Bice li taħdem sabiex tieħu ħsieb lil ommha Lima u lil ħuha. Kien hemm komplot sħiħ sabiex hi tintrabat fis-sagrament taż-żwieġ ma' Jim Asson u għalhekk l-avukat Lutman u Jim ikkombinaw kollox kif riedu huma biex ikunu jistgħu jieħdu l-wirt kollu li kien għad fadal fil-familja tagħhom u jisparixxu bih għal dejjem. Qalb ta' avukat kienet tinjora għal kollox l-imħabba innoċenti u għalhekk Lutman għamel ħsara kemm felaħ.

Il-familja ta’ Bice kienet qiegħda fix-xirka tal-lupu, b’”imħabba misruqa tassew” (Dimech 1966: 156). L-istorja ma tiqafx hawn u dawn iż-żewġ personaġġi, speċjalment Lutman, komplew jilagħbu bl-imħabba bla rispett ta’ xejn sakemm hu wkoll ħa dak li ħaqqu, meta nkixef u ġie kkundannat jaħdem xogħol iebes għal għomru. Ir-rakkont jispiċċa b’nota ferriħija għax Bice tiżżewweġ lil dak li kienet tħobb u Karl jerġa’ lura fi ħdan martu Lima u wliedu. Il-qarrej għandu jinterpreta dan ir-rakkont bħala għeluq ġust għaliex fl-aħħar mill-aħħar id-diżonesta` għandha tkun it-telliefa.

L-imħabba tista’ tiġi diżapprovata, u ħafna drabi hi diżapprovata mill-missier jew inkella minn xi ħadd ieħor tal-familja. Minħabba dan, jispiċċa biex jinħoloq kunflitt bejn il-karattri involuti u din l-imħabba tispiċċa biex tixxellef. Jista’ wkoll jiġri bil-kontra meta l-imħabba tibqa’ tissaħħaħ aktar ma jgħaddi ż-żmien. Il-missier jista’ jidher bħala tirann, iżda fl-istess ħin jista’ jidher bħala protettur għax ma jkunx irid lil uliedu jħobbu lil min ikun. Għalhekk, jieħu l-inkarigu li jfittex xi maħbub li hu jaħseb li jkun l-aħjar għal uliedu.

Fil-ktieb *Ix-Xebba ta’ Israel*, il-Prinċep Seti ma tħalliex jiżżewweġ lil min ried u dan għax qabel ma twieled kien diġa` ddestinat li jiżżewweġ lil kuġintu Usherti. Seti ma kienx jaqbel ma’ żwieġ ikkombinat b’dan il-mod. Ma riedx li jiżżewweġ lil xi ħadd li kien jiġi minnu u li kellu l-istess demm tiegħu. Barra minn hekk, hu kien jaf il-perikli li wieħed jista’ jiltaqa’

magħhom meta jiġi biex ikollu l-eredi tiegħu. Dan kollu juri li bosta mid-deċiżjonijiet kienu jittieħdu mingħajr il-kunsens ta' dawk involuti.

Ovvjament xejn mhu perfett fil-ħajja u tant ieħor fl-imħabba. Biex wieħed ikun jaf jekk imħabbtu hiex soda, ir-relazzjoni trid tgħaddi mill-eżami taż-żmien, għax din hi l-veru prova ta' kif ser tiżvolġi r-relazzjoni. Il-mibegħda ċċaħħad iċ-ċans tal-bniedem li jħobb u li jirrispetta lil dawk ta' madwaru. Dimech għamel xi ħaġa differenti għaliex rabat il-mibegħda mal-imħabba u jgħid li huma wħud mill-akbar forom ta' qawwa li jistgħu jeżistu:

> F'qalb il-bniedem jinżeraw żewġ kwalitajiet ta' raġunijiet jew qawwiet kbar, u dawn il-qawwiet kbar huma opposti għall xulxin. Il-passjoni tal imħabba u mibegħda huma dawn iż-żewġ qawwiet. Jinżergħu f'qalb il bniedem bħala mikrobu, li jgħerri lill ġisem u jipparalizza lill moħħ. (Dimech 1955: 229)

"L'imħabba ma fihiex fruntieri" (Dimech 1968: 228), hija rrazzjonali u għalhekk tista' twassal saħansitra għall-mewt. Ħafna mir-rakkonti ta' Dimech huma traġiċi, u dan għax it-tema tal-mewt hi rikorrenti ħafna. F'wieħed mill-kotba tiegħu, *Il-Qawwa tal-Imħabba jew it-Tortura ta' Franza*, Brandon kien iħoss imħabba immensa lejn Beatrice. Żewġha, Edmondo, kien ittieħed bħala priġunier mill-Ġermaniżi u għalhekk hi sfat tikkumbatti l-ħajja f'iżolament mingħajr żewġha. Dimech jirrakkonta kif l-imsejken Brandon issagrifika ħajtu għal Beatrice. Meta sema' li Edmondo

kien ser jingħata l-kundanna għall-mewt huwa ried li jibdel postu miegħu ġewwa l-ħabs. Dan għamlu sabiex Beatrice tkun tista' terġa' tħaddan lil żewġha li tant kienet tħobb. Din hi l-istorja ta' eroj li ta ħajtu għall-imħabba. U forsi għalhekk Dimech jinsisti li "Mewt u mħabba għamlu ħbieberija mill-iktar stramba" (Dimech 1968: 63).

F'dan il-kapitlu, l-imħabba tidher fl-aqwa tagħha, tant li tiddetermina l-eżistenza u l-hena tal-bniedem. Iżda tista' tidher ukoll bħala sors ta' ħażen u mibegħda. Għal Dimech, l-imħabba ma teżistix biss bejn il-maħbubin imma wkoll f'tipi oħra ta' relazzjonijiet. Il-vina amoruża tipprova twassal lill-qarrej għeluq sodisfaċenti b'togħma ħelwa f'bosta rumanzi għalkemm, sfortunatament, dan mhux dejjem ikun il-każ.

# *IT-TIELET TAQSIMA:*

## *Malta, L-Istorja u L-Ġeografija*

## *fix-Xogħlijiet ta' Dimech*

### *3.1 Ir-Rabta ma' Raħal Twelidu u Rħula oħra*

Dimech spiss jorbot ir-rakkonti tiegħu mar-raħal ta' Ħaż-Żabbar. Bħala Żabbari mit-twelid, huwa juri lill-qarrej l-imħabba li kellu lejn raħal twelidu, speċjalment lejn l-istess patruna, il-Madonna tal-Grazzja. Barra minn hekk Dimech ikompli jorbot il-kitbiet tiegħu maż-Żurrieq u ma' Bormla, għalkemm ftit jitkellem dwar din il-belt. L-awtur jagħmel dan billi jagħti deskrizzjoni wiesgħa u ddettaljata ta' x'kien u x'għadu jikkaratterizza dawn il-postijiet, li tant huma għal qalbu. Permezz ta' dawn l-elementi fil-kitba tiegħu, Dimech jagħti stampa kemxejn preċiża tal-ħajja li kienu jgħixu n-nies fl-irħula.

*Perspettiva Storika u Ambjentali*

Dimech ta' sikwit jibni ritratti sbieħ ta' Ħaż-Żabbar. Infatti, ħafna drabi huwa jiddeskrivih bħala raħal sabiħ u kwiet imżejjen b'arja pura u b'ambjent ta' ġmiel liema bħalu. Fil-ktieb *Il-Bojja ta' L-Ordni jew L-Omm Misħuta* hemm diversi karattri li kienu joqogħdu Ħaż-Żabbar. Fosthom kien hemm Agnjeże Buhagiar li mhux darba jew tnejn kellha tilqa' ġewwa l-għorfa tagħha lil Marija bint il-benestant Borg li kien joqgħod l-Imdina. Meta Marija kienet tmur l-Imdina, hi kienet tkun dejjem magħluqa d-dar filwaqt li Ħaż-Żabbar kienet tħossha ħielsa biżżejjed sabiex tkun tista'

‘’…taqbes u tgħola qisha farfett u dgawdi l’arja pura ta’ dak ir-raħal sabiħ…’’ (Dimech 1956: 107). Dan il-pajsaġġ kollu raba’ “kien jgħati l-ġid u l-barka” (Dimech 1956: 38).

F’ċerti taqsimiet fil-ktieb *Id-Delitti ta’ Wied iz-Żurrieq jew Imħabba Pura,* Dimech jikteb xi ġrajjiet storiċi li għaddew minnhom iż-Żabbarin stess. Pereżempju, isemmi l-attakki tat-Torok fuq Ħaż-Żabbar li seħħ fl-1614. Minħabba raġunijiet ta’ sigurta`, ħafna nies ma setax ikollhom il-possibbilita` li jibqgħu jgħixu ġewwa Ħaż-Żabbar. L-awtur jirrakkonta li:

> ...Ħaż-Żabbar sofra wisq minn dawn l’attaqqi tat Torok, li meta dawn raw li ma jistgħu jagħmlu xejn kontra l-Birgu, għamlu straġi tal biża min dan ir-raħal. Aktar minn 5,000 Tork għamlu straġi l’aktar mill knejjes u mit-tiżjin ta’ ġio` fihom, speċjalment mill pittura u kwadri sagri. (Dimech 1955: 91)

L-intenzjoni tal-awtur kienet dik li jgħallem fuq dak kollu li sawwar lil dan ir-raħal ta’ Ħaż-Żabbar, tul iż-żminijiet. Hu jeżalta bil-kbir l-aħjar karatteristiċi ta’ dan ir-raħal, bħas-Santwarju tal-Madonna tal-Grazzja. Dimech jisħaq, li għalkemm dan kien raħal żgħir, id-devozzjoni u l-qima tan-nies lejn is-Santwarju tal-Madonna qatt ma naqsu. Is-Santwarju hu deskritt bħala post devot, fejn nies ta’ kull klassi kienu jagħmlu bosta wegħdiet, minbarra li kienu jħallu ammonti kbar ta’ tifkiriet prezzjużi minħabba li jkunu qalgħu l-grazzja li xtaqu. F’dan ir-rumanz Dimech

ikompli jgħolli l-unur ta' raħal twelidu billi jirrakkonta kif il-Granmastru Hompesch:

> ...ried li Ħaż-Żabbar jissemma għall ismu, u issir belt, "Citta Hompesch". Kif jingħad huwa kellu devozjoni kbira lejn is-santwarju mirakolus tal-Madonna tal-Grazzja u huwa offrila xi affarijiet rari li l-lum iżejnu l-famuż u maestus mużew tal-parroċċa. (Dimech 1955: 306)

Iktar minn hekk, fl-*Istorja tal-Knisja Maltija,* Dimech jagħti bosta deskrizzjonijiet storiċi rigward il-knejjes parrokkjali, fosthom is-Santwarju u l-Knisja tal-Kunċizzjoni kemm ta' Bormla kif ukoll dik ta' Santa Katerina fiż-Żurrieq. Iż-Żurrieq huwa l-post fejn l-awtur trabba, kiber u għex u għalhekk ma jistax jonqos li l-awtur isemmi u jiddeskrivi xi nħawi li jinsabu ġewwa ż-Żurrieq, bħal dak ta' Wied Babu, post li tant kien jaffaxxinah.

F'*Id-Delitti ta' Wied iż-Żurrieq jew Imħabba Pura,* Dimech jisħaq fuq l-ambjent paċifiku u meraviljuż li wieħed jista' jsib ġewwa Wied iż-Żurrieq. Hemm "Għoljiet u preċipizzi ta' blat mimli fjuri u pjanti selvaġġi, iżda li jagħtu l isbaħ dehra, u kien jgħaxxqek bl'akbar riħa delizjuża, jiffurmaw il Wied li jissejjaħ Babu" (Dimech 1955: 72). F'dan l-istess ktieb, iż-Żurrieq huwa deskritt bħala raħal antik, mgħammar b'arkitettura liema bħalha, iżda li għal xi perijodu ġie traskurat, minħabba l-ħtieġa li kellhom in-nies li jfittxu post kenni minħabba l-kontinwita` tal-attakki barranin.

Skont il-kitbiet ta' Dimech, ambjent nadif u trankwill seta' jiġi meqrud minħabba każijiet ta' qtil li kienu jwerwru liċ-ċittadini kollha. Filwaqt li huwa jpinġi s-sbuħija naturali ta' postijiet bħal dawn, huwa jispjega wkoll kif huma jistgħu jilqgħu fihom atti vjolenti. L-istess jiġri f'Ħaż-Żabbar. Dimech ta' sikwit jambjenta xeni makabri f'dan ir-raħal. Pereżempju fil-ktieb *Il-Bojja tal-Ordni jew l-Omm Misħuta,* jirrakkonta kif Karlu, li kien jgħix ġewwa Ħaż-Żabbar għand ċertu wieħed Pawlu Said, f'għodwa minnhom kellu żjara mingħand missier il-mara tiegħu, Margeritha de Valois. Missier Margeritha weħħel fih għall-qtil ta' bintu u mar ġewwa daru sabiex jinsultah u jpattihielu. Wara r-reazzjoni vjolenti li kellu, Karlu tilef rasu u qatel lil ħatnu.

> ...Karlu kien għoddu tilef kollox...jdejħ ma rħietx għonq il vittma tiegħu. Anzi l-kuntrarju, beda jżjed jagħfas u jistrinġi. Gustav beda jħarħar sewwa, issa għajnejh dberrqu u lsienu beda ħiereġ 'l barra. Żewġ minuti wara Gustav kien katavru. (Dimech 1956: 491)

Minħabba l-ġibda lejn raħal twelidu ma setax ma jidentifikax ukoll mal-patruna tal-istess raħal. Id-devozzjoni lejha tant kienet qawwija li l-preżenza tagħha tinħass fl-aktar mumenti solenni u għalhekk it-talb tal-karattri Żabbarin dejjem jidher indirizzat lill-Madonna tal-Grazzja. Għaldaqstant, Dimech permezz ta' kitbietu, jittratta l-qima u d-devozzjoni

kbira li kellu lejn l-Omm tal-grazzji. Bosta drabi meta jinqala' xi għawġ, it-talb għas-sokkors tal-Madonna tal-Grazzja ma jonqosx milli jissemma.

Għalkemm il-ktieb *Il-Qawwa ta' L-Imħabba jew It-Tortura ta' Franza* hu ambjentat fi Franza, l-awtur xorta jenfasizza l-importanza tal-fidi fil-Madonna tal-Grazzja. In-nies jitolbuha tifdihom u tgħinhom f'dawk il-mumenti tant diffiċli: "Madonna tal Grazzja, għini int....ħenn għalija...." (Dimech b.d[11]: 79). Iż-Żabbarin tant kienu devoti lejn din il-patruna li Dimech ma setax ma jsemmix minn fejn ġiet dik l-istatwa tal-ġebel li tirrappreżenta lill-Madonna tal-Grazzja. Din il-kwistjoni terġa' tissemma fir-rumanz *Il-Famiglia T-traduta jew l'Eżiljat tas-Siberja,* meta Dimech jirrakkonta kif din l-istatwa "saret bħala wegħda tal ħelsa tal Maltin mill Franċiżi" (Dimech b.d[5]:67).

## 3.2 Ir-Rabta mal-Istorja u l-Ġeografija

Dimech jorbot, b'ċerta regularita`, il-kitbiet tiegħu kemm mal-Istorja ta' pajjiżu kif ukoll ma' dik ta' pajjiżi barranin. Rigward Malta, l-awtur jirrakkonta diversi avvenimenti li jkunu seħħu f'perijodi differenti fl-Istorja. Ir-rakkonti, li jibdew minn żmien l-Ordni, ikomplu fi żmien meta l-Maltin kienu taħt il-ħakma Franċiża, u jibqgħu sejrin sa taħt l-Ingliżi fi żmien it-Tieni Gwerra Dinjija, esperjenza li għadda minnha l-kittieb stess. Pero', il-biċċa l-kbira tar-rakkonti tiegħu huma ambjentati f'pajjiżi oħra 'l barra minn pajjiżu. Waqt li l-awtur ikun qiegħed jirrakkonta, il-qarrej ikun jista' jitwaħħad ma' dak l-ambjent li fih tkun qiegħda sseħħ u tiżvolġi l-ġrajja.

Fil-kitbiet tiegħu, Dimech iwassal sens qawwi ta' nazzjonalita`. Mid-deskrizzjonijiet li jagħti u mill-mod ta' kif ifaħħar lil pajjiżu, il-qarrej għandu jinduna li l-awtur irid joffri sens ta' identita` u kburija lill-Maltin billi jkunu qegħdin jaqraw rumanz li jikkonċerna lil pajjiżhom.

Dimech fittex li jgħallem lill-Maltin l-Istorja ta' pajjiżhom. Infatti, fir-rumanz *Il-Famiglia T-traduta jew l'Eżiljat tas-Siberja* huwa jikkummenta li jekk hu ma jiddeskrivix il-ġrajjiet storiċi li minnhom għaddiet il-maħbuba Malta, il-qarrej ma jistax jasal jifhem is-suġġett li dwaru jkun qed jitkellem ir-rumanz storiku. Charles Briffa wkoll jisħaq dwar l-importanza li wieħed isir jaf dwar l-Istorja ta' pajjiżu: "Htieġa għat-tagħlim fuq il-patrija..., ħtieġa

għall-maturita'..., u ħtiega għax il-bniedem ma jistax jgħaddi mingħajr għarfien tal-Istorja'' (Briffa 2008: 487).

*Il-Ġrajja Maltija*

Il-kitbiet ta' Dimech huma riflessjoni tal-bidla storika, politika u soċjali. Il-kittieb storiku jrid jinkludi bosta dettalji biex jakkwista l-fiduċja tal-qarrej. B'dawn id-dettalji l-qarrej għandu jkun infurmat u għalhekk iħossu aktar involut fil-ġrajja, tant li ma jesperjenzahiex biss bħala spettatur. Dimech hu kittieb storiku, u permezz tal-immaġinazzjoni u tal-karattri, huwa jfakkar lill-qarrej fi ġrajjiet imprezzabbli li mmarkaw id-destin tal-poplu. L-iskop tar-rumanz storiku hu li jqajjem fil-qarrej sens ta' mħabba u ta' tifkira lejn il-pajjiż.

Fir-rakkonti tiegħu, bħal fil-ktieb *L-Bojja ta' L-Ordni jew L-Omm Misħuta,* isemmi lill-Granmastru Pinto de Fonseca, u jgħarraf dwar kif kien jamministra l-gżira. Huwa jispjega kif ħafna drabi l-Ordni kellha biżżejjed poter biex tħaddem forom ta' manipulazzjoni. Fiż-żmien il-ħakma tal-Granmastru kien hemm ħafna tberbiq ta' flus li wassal għall-falliment tal-kaxxa tal-Ordni. Kemm f'dan iż-żmien kif ukoll fiż-żmien il-ħakma tal-Granmastru Ximenes de Texada t-torturi qatt ma naqsu, speċjalment fuq dawk li kienu jippruvaw jirvellaw kontra l-Ordni.

Dimech jikteb dwar l-irvell tal-qassisin, li seħħ fid-9 ta' Settembru tal-1775. Din ir-rewwixta tmexxiet minn Dun Gejtan Mannarino, li flimkien ma' sħabu, spiċċa arrestat u mitfugħ fil-ħabs ta' Sant Anġlu, wara li l-pjan tagħhom sfaxxa fix-xejn. Għal uħud, Mannarino huwa magħruf bħala patrijott, billi fih jispikka s-sens qawwi ta' nazzjonaliżmu. Iżda mhux l-istess isostni Attard. Skontu, Dun Gejtan qatt ma seta' jitqies bħala eroj frott id-dgħjufija persistenti fil-karattru tiegħu (Attard 1999: 79).

Il-Kursara Musulmani ta' spiss kienu jattakkaw diversi rħula speċjalment dawk li kienu qrib ix-xtajta u l-kittieb ma setax ma jsemmihomx. Ħafna drabi r-riżultat kien ikun li l-Maltin kienu jispiċċaw ilsiera tat-Torok. Fil-ktieb *Il-Bojja ta' l-Ordni jew l-Omm Misħuta* hemm irrakkuntat kif Agnjeże u t-tarbija Pawlu, iben Marija, waqgħu lsiera f'idejn il-Mislem. Darba fost l-oħrajn waqt li Agnjeże kienet Wied il-Għajn bit-tifel, sfaw attakkati u meħudin mit-Torok. Dan id-diskors ikompli jsostnih fil-ktieb *Il-Katavru ta' Taht il-Ħarruba,* iżda b'differenza. Dimech*,* jiddiskuti kif anke Malta kellha l-kursara u l-pirati tagħha. Din kienet attivita` bżonjuża minħabba li kienet tħalli l-ġid, mill-aspett finanzjarju. Hu jirrakkonta li:

> Il-pirati Maltin kollox kien jgħodd għalihom u kienu jassaltaw mhux biss lill Musulmani, izda lill Insara ukoll, u mhux biss għax-xwieni, feluġi u xambekki ta' fuq il-baħar li kienu jagħmlu, iżda ukoll għall kosti tal-baħar speċjalment fejn il Mislem kellu xaqaq, qamħ u qoton. (Dimech 1955: 91)

F'kitbiet oħra, Dimech jagħmel referenza għal dak iż-żmien meta l-gżejjer Maltin bdew jiġu mmexxija mill-Granmastru De Rohan. Pereżempju, fil-ktieb *Id-Delitti ta' Wied iz-Żurrieq* huwa juri l-ġenwinita` u l-karattru ħanin ta' dan is-sultan. Iżda Dimech jispjega kif il-ħakma tal-Ordni fuq gżiritna bdiet tnaqqas kemm mis-sustanza kif ukoll mill-appoġġ tal-poplu u mill-kumplament tal-qawwiet Ewropej:

> Fl-aħħar snin tar-renju ta' De Rohan kollox kien qiegħed jinqaleb ta' taħt fuq. Il-poplu jddejjaq u kollox beda jsir minn taħt, konġuri, laqgħat ta' patrjotti, ġakbini u x'naf jien. Min setgħa jżomm ma ħakma dispotika bħal dik. Il-Gran Mastru ma kienx mill agħar, iżda ta' taħtu kienu jpattu b'xita ta' abbużi u skandli taħt id-dawl tax-xemx. (Dimech 1955: 296)

F'*Il-Katavru ta' Taħt il-Ħarruba,* Dimech jagħti importanza lil xi ġrajjiet attwali oħra, pereżempju dik tal-bini tal-Belt Valletta, proġett li beda wara l-Assedju l-Kbir fl-1566. Ma jistax jonqos li ma jissemmiex il-moħħ wara dan il-proġett ambizzjuż, ħadd ħlief il-Granmastru Jean Parisot de La Valette. Dimech isostni li ''Din id-deċizjoni solenni ta' La Valette kienet deċizjoni storika, deċiżjoni li kabbret l'istorja tal-Ordni u tal-gżira tagħna'' (Dimech 1957: 173).

Il-kittieb jiddeskivi kif il-poplu kien imħeġġeġ sabiex jgħin fil-bini ta' din il-Belt ġdida li kellha tilqa' fiha numru ta' fortifikazzjonijiet, bereġ, palazzi, knejjes u postijiet privati oħra. Għall-bidu, dan il-pjan kien f'idejn

Francesco Laparelli iżda aktar 'il quddiem għadda f'idejn il-Perit Ġlormu Cassar, li ħa l-inkarigu biex ifassal u jibni din il-belt li kellha sservi bħala l-qofol u l-qalb tal-pajjiż. Għalhekk tul il-ħakma tal-Ordni ''…l-Maltin raw minn kollox – ħbit mill-furbani, assedju qalil, ġuħ u għaks, inkwiet, mard aħrax, inġustizzji, konfoffi u rvelijiet…'' (Mercieca 1999: 31).

Meta wieħed ikompli jaqra kitbiet oħra ta' dan l-istess rumanzier, il-qarrej għandu jsib deskrizzjonijiet dettaljati ta' perijodi differenti meħuda mill-Istorja Maltija. L-awtur, fir-rumanz *Id-Delitti ta' Wied iż-Żurrieq jew Imħabba Pura,* apparti li jippreżenta lill-qarrej l-aħħar żminijiet tal-ħakma tal-Ordni f'Malta, jirrakkonta wkoll kif il-Franċiżi taħt Napuljun ħadu r-riedni f'idejhom. Jiddeskrivi kif fl-aħħar mill-aħħar, minħabba t-tħaddim abbużiv tas-sistema politika, il-Franċiżi kellhom jispiċċaw f'imblokk, sakemm l-Ingliżi tfaċċaw fuq ix-xefaq tal-ibħra Maltin.

Ta' min wieħed jinnota li fl-aħħar kapitli ta' dan l-istess ktieb, ir-rumanzier jgħid li għall-ewwel darba ġew ippubblikati xi dokumenti u diskorsi tradotti għall-Malti, ta' xi personaġġ storiku magħruf, bħall-Ammirall Nelson, li wera interess politiku kbir f'Malta. Iżda, kif tgħid l-Istorja, mat-tluq tal-Franċiżi kien hemm inċertezza kbira fost l-Ingliżi, jekk Malta kellhiex tibqa' taħt l-istess Imperu. Bla dubju ta' xejn, Dimech kellu ammirazzjoni kbira lejn l-Ingliżi anke għaliex spiss kien ifaħħarhom fil-kitbiet tiegħu.

Fir-rumanz *Il-Famiglia T-traduta jew l'Eżiljat* tas-Siberja, huwa jikkritika l-Franċiżi biex ifaħħar lill-Ingliżi billi jikteb ''X'differenza mill gvern Franċiż għal dak Inglis'' (Dimech b.d[5]:71). Huwa mhux biss ifaħħarhom, imma ta' spiss jutilizza xi kelma Ingliża 'l hemm u 'l hawn fir-rumanzi tiegħu. Għalhekk, Dimech jista' jitqies bħala kittieb pro-Ingliż. Barra minn hekk hu jkompli jsaħħaħ l-argument tiegħu billi jgħid ''M'għandix dubju mill Inglisi. Ikun ta' l-akbar ġid għalina, jekk jibqgħu hawn'' (Dimech b.d[5]:86). Minn dak li skoprejt mingħand is-Sinjura Doris Dimech, sirt naf li Dimech kien jagħmilha ma' bosta uffiċjali Inġliżi u dan jista' jiġġustifika l-atteġġjament tiegħu favur l-Ingliż.

Ir-rumanzier jirrakkonta kif Nelson, f'ittra indirizzata lil ċertu Earl Spenser, jgħid kif: ''…biex tittieħed Malta huwa xogħol jiebes, bla ħtieġa, u ta' nefqa kbira ta' flus. Ma dan kollu jieħtieġ li jsir kull sogru u minn kollox biex il Gżira ma tibqax f'idejn il Franċiżi'' (Dimech 1955: 556). Kemm l-Ingliżi kif ukoll il-Franċiżi indunaw bil-qagħda ġeo-strateġika ta' Malta. L-awtur jikkwota lil Pettigrow (studjuż storiku): "…Ftit hawn postijiet fid-dinja hekk iffortifikati tajjeb tant mill posizjoni naturali tagħha kemm għas-sengħa ta' gwerra daqs Malta'' (Dimech 1955: 558). L-awtur ikompli jispjega kif fl-1800 Malta spiċċat taħt il-protezzjoni tal-Ingilterra: "…il poplu Malti wara li ċarċar demmu kien rebbieħ f'pajjizu, nazzjon ħieles u protett mill akbar Imperu li qatt rat id-dinja, l'Imperu Inglis'' (Dimech

1955: 578), sakemm il-gżejjer Maltin fl-1814 spiċċaw uffiċjalment taħt il-Gran Brittanja.

L-Istorja ta' Malta mhix magħmula biss minn gwerer u intriċċi politiċi; il-Knisja tilgħab rwol importanti fl-Istorja tagħha. F'Malta l-Knisja hi meqjusa bħala istituzzjoni ta' importanza storika. Għalhekk ma setax jonqos li Dimech jikteb fuq l-istess storja tagħha. Ta' min jinnota li l-awtur, fil-ktieb *L-Istorja tal-Knisja Maltija,* jagħti stampa tal-Knisja Maltija f'perijodi differenti; mill-miġja ta' San Pawl għal żmien ir-Rumani, l-Għarab, il-Konti Ruġġieru, l-Aragoniżi, l-Ordni ta' San Gwann, u l-Franċiżi, sakemm tfaċċaw l-Ingliżi. Kull fażi fl-Istorja kellha ġġib magħha xejriet politiċi, soċjali u kulturali differenti. Bħala riżultat, il-knisja kellha tgħaddi minn ġrajjiet differenti li fl-aħħar mill-aħħar komplew isaħħu t-twemmin Nisrani tal-poplu Malti.

Kien hemm bosta attentati biex titkisser din il-fidi, speċjalment fi żmien il-ħakma Għarbija u f'perijodi mill-ħakma Rumana, meta l-Insara Maltin ġew imċaħħda mil-liberta` reliġjuża tagħhom. Iżda Dimech jisħaq kif iż-żerriegħa tal-Kristjaneżmu xorta kellha tibqa' titkattar. Hu jgħid:

> Is-Salib sar il għelm tas-sewwa. Is-siġra li żera Pawlu f'pajisna kibret u tat il frott. Ebda ħakma, ebda gvern ma rnexxielu jiddistruġġiha, għax il Maltin kienu minn dejjem kattoliċi Rumani. It-tagħlim tal-Evanġelju li għallem Pawlu daħal

f'qalb il Malti u id-dlamijiet u is-superstizzjoni twarbu u ġew iddistruġġuti. (Dimech 1959: 19)

Minn meta l-appostlu San Pawl ġie Malta, il-Kristjaneżmu beda aktar jinfirex u jissaħħaħ, sakemm tfaċċa l-Imperatur Domizjano, li żvoga l-kefrija tiegħu fuq l-Insara. Bosta kienu mimlijin bil-biża' u għalhekk ħafna bdew jipprattikaw ir-reliġjon b'mod sigriet taħt l-art. Skont Dimech kien hawn ħafna nies li mietu martri għax kien żmien mimli martirji, iżda sfortunatament m'hemmx dati storiċi li jikkonfermaw dan. Kollox kien jiġi pprattikat fil-katakombi. Iżda hekk kif tfaċċa Kostantinu ttieħdet deċiżjoni li titwaqqaf il-persekuzzjoni fuq l-Insara. Ingħata fond sabiex jinbnew ħafna knejjes f'Ruma, u f'Malta kien hawn xi djar li ġew mibdula f'kappelli. Il-biża' bdiet tonqos u b'hekk ħafna Ministri t'Alla ma baqgħux mistura iżda ħarġu mill-għerien u mill-katakombi.

Iżda aktar 'il quddiem, fi żmien is-Saraċini, reġa' kien hawn nuqqas ta' liberta` għall-Maltin li ma setgħux jipprattikaw it-twemmin tagħhom. Skont il-*Koran* wieħed ma setax jiċċelebra funzjoni li ma kinitx Musulmana. Infatti, tul il-ħakma tagħhom jidher biċ-ċar li ma kienx hemm isqfijiet f'Malta. Iżda Dimech jgħid li missirijietna xorta waħda kienu jipprattikaw it-twemmin tagħhom għalkemm kienu jagħmlu dan taħt l-art fil-katakombi. ''Fil katakombi kienu jgħammdu, jaghmlu il quddies, igħejdu l-uffizzju, jordnaw lis-sacerdoti, isir it-tagħlim, jidfnu lil mejtin'' (Dimech 1959: 214). Kien hawn knejjes imġarrfa u misruqa ma' kullimkien.

Sfortunatament, dan irriżulta li l-Insara bdew jonqsu fin-numru. Iżda Dimech jiddeskrivi kif fis-sena 1090:

> Sebħet għodwa sabieħa minn ta` Lulju, meta l-armata tal Konti Ruggiero tfaċċat mill punent tal gżira… Kienet ġurnata memorabbli u ġiebet ferħ bla tarf. Il Maltin u Għawdxin qtajja qtajja bdew jinqalgħu minn fejn kienu u b'ħeffa kbira niżlu jiġru x-xatt għan-naħa ta` fejn il flotta tal konti Ruggiero ta` abbord u lesta biex tersaq. (Dimech 1959: 225)

Matul il-ħakma ta' Ruġġieru kien hemm bini ta' swar ġodda, apparti li ressaq ukoll bosta miżuri favur il-Knisja bħal, pereżempju, ir-riforma biex jerġa' jkun hemm kap tad-djoċesi Maltija, tant li l-Papa Urbann II intalab sabiex jaħtar Isqof lil ċertu wieħed Gualltieri. Skont Dimech, ''Kollox kien is-sistemat sewwa kif irranġa il Konti Ruggiero, beda jsir il-kummerċ u saru liġijiet ċivili, u il poplu kien ħieni u ferħan. Dam irieġi il gżejjer għal tul ta' ħdax il sena'' (Dimech 1959: 265). Fil-kumplament tal-ktieb, Dimech, jikteb dwar l-effetti li ħallew il-ħakmiet fuq il-knisja nnifisha u jkompli jagħti tagħrif iddettaljat dwar l-ewwel parroċċi, knejjes u qaddisin, suġġett li huwa diskuss fid-dettall fil-ktieb *Ħajjet il-Qaddisin.*

*Spunti mill-Istorja Barranija*

F'kitbiet oħra, Dimech ikompli jiskopri personaġġi storiċi barranin bħal Otto Von Bismarck u Napuljun III, li kienu protagonisti ta' bidliet u ġrajjiet li baqgħu jissemmew matul l-Istorja. Ta' sikwit Dimech jaċċenna għall-gwerer li seħħew matul iż-żminijiet u li kienu u għadhom sal-lum jiġu imfakkra minħabba l-importanza tagħhom. Waħda mill-gwerer li tissemma f'Dimech, hija dik li seħħet bejn il-Franċiżi u l-Prussjani fl-1870. Fil-ktieb *It-Tortura ta' Franza jew L-Omm Misħuta,* Dimech jiddiskuti kif din il-gwerra bdiet titfa' lill-poplu fil-ġuħ u fl-għaks u kif il-Prussjani bdew jikkontrollaw lill-Franċiżi. Dimech jirrakkonta kif Franza, bil-mod il-mod, bdiet iċċedi iżda l-ħeġġa u l-kuraġġ xorta baqgħu f'qalb dawk li kienu qed jiġġieldu għall-unur ta' pajjiżhom.

Dimech ma jiqafx hemm għax jikteb dwar ir-rivoluzzjoni Franċiża. Fir-rumanz *Id-Delitti ta' Wied iż-Żurrieq jew Imħabba Pura,* l-awtur jagħmel referenza għal din ir-rivoluzzjoni billi jgħid li ''Franza kienet għaddejja minn żmien tat-terrur, li taħt il kelma ħelwa ta' evoluzjoni kienet giegħda tirrenja l' aħrax rivoluzjoni'' (Dimech 1955: 239).

L-istess tip ta' deskrizzjoni nsibuha fir-rumanz *L-Ispjun u L-Ġurnalista*. Dimech jambjenta din l-istorja fl-isfond tal-Ewwel Gwerra Dinjija. Kienet gwerra missielta li ġiegħlet lill-Ġermanja tidfen l-unuri kollha mgħoddija tagħha. Din il-gwerra kienet il-kaġun tat-tixrid tad-

demm, b'riżultat ta' eluf kbar ta' mwiet. L-awtur jiddeskrivi episodji li Malta wkoll tat sehemha għalihom. Fl-istess ħin hu jiftakar fil-kefrija li kien iħoss meta kien jara lil dawk is-suldati feruti, meħuda fil-karozzi sabiex jieħdu l-kura, biex forsi jgħixu u jgawdu lil familthom. Malta kienet ċentru ta' għajnuna għal dawn is-suldati, u minn żmien għal żmien, in-numru tagħhom kien dejjem qed jiżdied.

Fir-rumanz *Ir-Raġel tal-Mantell Iswed*, Dimech isemmi l-Gwerra Ċivili ta' Spanja li seħħet fl-1833 u li timmarka l-ewwel Gwerra Karlista. Fil-Ktieb l-awtur jispjega kif:

> ...Spanja kienet qegħda ssofri u titniegħed kollha kemm hi imħabba gwerra ċivili fill pajjiż... Sa dak iż-żmien din il-gwerra Ċivili kienet l' agħar waħda li sofriet Spanja, u kollox qam imħabba mara! (Dimech 1962: 150)

Din il-gwerra nibtet minħabba kunflitt li nqala' bejn min kellu jieħu r-renju wara l-mewt tas-Sultan Ferdinandu VII. Ir-Re kien ħalla r-renju lil Iżabella li kienet tiġi bintu. Din id-deċiżjoni ħolqot kaos sħiħ fil-pajjiż, u ħolqot irvell li wassal biex ġelled "Aħwa kontra aħwa" (Dimech 1962: 150). Bħala riżultat kien hemm ħafna tbatija, sofferenzi u mwiet. Barra minn hekk Dimech jiddiskuti l-politika tar-Riformaturi Radikali u tal-Karlisti. Il-firda bejn il-movimenti politiċi tant kienet kbira li wħud min-nies kellhom jitilqu mill-pajjiż minħabba l-politika żbaljata li kienet qed tiddomina kollox.

Jista' jkun li wħud minn dawn il-ġrajjiet diniji u Maltin huma diġa` magħrufa mal-qarrejja iżda Dimech jipprova jmur aktar lura fl-Istorja. Fix-*Xebba ta' Israel* hu jqajjem interess dwar l-Istorja Eġizzjana li tmur lura għal żmien Abram u Mose`. Hawnhekk, hu jinqeda bi storja reliġjuża b'siltiet meħuda mit-Testment il-Qadim. Infatti, hu jiftaħar billi jgħid li: ''…ebda nazzjon ma għandu limiti ta' antikita` daqs l'Eġittu bis-sbuħija ta' li storja tiegħu, bl'antikita` tiegħu, li jqajjem aġitazzjoni f'qalb kullħadd'' (Dimech 1962: 573). Dimech jiffoka dwar ir-rivalita` ta' bejn l-Eġizzjani u l-Lhud,  minħabba li dawn ma kinux jaqblu bejniethom dwar min kien il-veru Alla, jekk huwiex Amon Ra jew Jahwe.

Xhieda ta' din it-taqbida reliġjuża kien żmien Mose`, meta l-Lhud batew u ssagrifikaw ħajjithom sabiex jaqdu l-ħtiġijiet tal-Eġizzjani. Infatti, meta Alla deher lil Mose` f'siġra mqabbda bin-nar f'Madian, hu qallu: ''Jien rajt it-tbatija tal-poplu tiegħi fl'Eġittu u smajt il-krib tad-dulur tagħhom u għalhekk irrid neħlishom minn dik l'art tat-tbatija biex neħduhom f'art oħra tajba u kbira…'' (Dimech 1962: 259). Iżda meta Mose`, f'isem Alla, mar għand il-'Faraun' biex jitolbu jeħles lill-poplu Iżraeljan minn dan il-jasar, il-mexxej Eġizzjan ma tax widen għal dak li pproponielu Mose`. Apparti dan kollu, Dimech ikompli jirrakkonta dwar il-pjagi tal-Eġittu u l-kastigi kollha li Alla bagħat fuq dan il-poplu.

Sabiex l-awtur ikun jista' jikteb dwar l-Istorja, irid jirriċerka dwarha. Id-dettalji storiċi għandhom ikunu preċiżi kemm jista' jkun inkella ma jistax

jissejjaħ narratur affidabbli. Għalkemm il-kittieb kien jikkonċentra fuq dak kollu li kien qed jiġri f'pajjiżu, u l-aktar fuq ġrajjiet Maltin u fuq il-ġlieda tagħhom kontra l-barrani, xorta kellu għal qalbu l-Istorja ta' pajjiżi oħra barranin. Għalhekk jidher biċ-ċar li  barra li jiddeverti, bl-istejjer tiegħu, huwa ried ukoll jinforma lil dawk kollha li kienu bix-xewqa li jitgħallmu.

# *IR-RABA’ TAQSIMA:*

## *Dimech bħala Kittieb u Narratur*

## 4.1 Il-Karatterizzazzjoni u d-Deskrizzjoni

Il-Karatterizzazzjoni hija l-metodu li jħaddan l-awtur biex isawwar il-karattri tiegħu. Il-karattri jiġu deskritti u ġġudikati skont l-apparenza, it-taħdit, il-ħsieb u l-azzjoni. Skont Oliver Friggieri, il-karatterizzazzjoni tar-rumanz tradizzjonali tistrieħ aktar fuq l-azzjoni tal-karattri u dan japplika wkoll għar-rumanzi ta' Dimech (Friggieri 2000: 343). Il-karatterizzazzjoni dejjem tinbidel skont il-bixra li jagħtiha l-awtur, skont kif hu jippreżenta l-karattri. Il-Karattri jiġu magħżula u mqiegħda flimkien u dan sabiex jgħinu għal interpretazzjoni aħjar u joħolqu relazzjonijiet jew kontro-relazzjonijiet li permezz tagħhom jagħtu aktar sfumaturi lill-istorja.

Filwaqt li l-karatterizzazzjoni tagħmel il-karattru, id-deskrizzjoni hija l-punt fokali fejn in-narratur jippreżenta xejriet partikulari ta' xi personaġġ. Id-deskrizzjoni tista' taqa' kemm fuq karattri kif ukoll fuq strutturi, inħawi, sitwazzjonijiet jew emozzjonijiet. Mingħajr id-deskrizzjoni, in-narrazzjoni ma tistax isseħħ kompletament. Friggieri jgħid li l-awtur, waqt li jkun qiegħed jiddeskrivi, ikun qiegħed ukoll jirrakkonta (Friggieri 2000: 146-147).

L-awtur jista' jaħseb li d-deskrizzjoni hija fundamentali fin-narrattiva. Dimech hu pjuttost profond fl-argumenti tiegħu. Il-karattri huma mpinġijin tassew bir-reqqa. Ma jħalli xejn barra u għalhekk id-deskrizzjonijiet huma pjuttost twal. Id-deskrizzjoni tiġbor fiha d-dettalji

dwar dak kollu li hu possibbli titkellem dwaru, kemm dwar xeħtiet konkreti kif ukoll dwar xeħtiet astratti, bħall-ħolm, ħsibijiet jew tendenzi introspettivi.

*Dimech bħala Awtur u Narratur*

Sabiex il-prodott finali tan-narrattiva joħroġ aħjar, il-kittieb irid ikun jaf iħaddem l-għodod tal-letteratura. Dimech jista' jitqies bħala narratur eterodijeġetiku. Ma jidħolx fir-rakkont u ma jieħux sehem mal-bqija tal-karattri fir-rumanz tiegħu stess. Friggieri jgħid li bosta kittieba tar-rumanzi storiċi kellhom din it-tendenza (Friggieri 2000: 499). Dimech huwa narratur-li-jaf-kollox għaliex jirrakkonta l-aktar ħsibijiet profondi tal-karattri u li l-ebda personaġġ ieħor ma jkun jaf bihom. Pereżempju, f'L-*Avventuri Ċelebri ta' Joe Mank,* Dimech jinterpreta l-ħsibijiet u l-emozzjonijiet privati tal-kummissarju billi jgħid li dan "ġiħ il-ħsieb li anke hu kien imminaċċjat b'xi vendetta bla ma kien jaf, u ġismu sar xewk xewk u kesaħ daqs li stess silġ" (Dimech 1964: 83).

Dimech huwa eżempju ta' narratur-li-jindaħal għaliex jesprimi l-kummenti u l-ġudizzji personali tiegħu, bħal f'*Ix-Xebba ta' Israel,* fejn jirrakkonta l-esperjenzi ta' Ana u jagħti ġudizzju fuqu; "Povru Ana, għad li huwa kien kittieb ma għarafx x'taf tagħti d-dinja bid-deni kollu tagħha"

(Dimech 1962: 30). Kif jgħid Friggieri, kultant f'siltiet bħal dawn, tinħass aktar il-preżenza tal-awtur milli tan-narratur (Friggieri 2000: 501).

Il-karattri jvarjaw minn ġeneru għal ieħor. Meta kittieb bħal Dimech jikteb rumanzi fittizji, hu jista' jilgħab bl-immaġinazzjoni tiegħu u jdawwar lill-karattri b'mod strateġiku sabiex inibbet l-emozzjoni jew ċerta kurżita` fil-qarrej. L-awtur jista' jippreżenta tant tajjeb il-karattri tiegħu li, waqt li l-qarrej ikun qiegħed jaqra, lanqas biss jinduna li fil-fatt dawn huma fittizji. Harvey isaħħaħ dan l-argument billi jgħid li: "It is the reader's exclamation, "How real!" or "How true to life!" (Harvey 1965: 196). Dan għaliex il-karattri jingħataw bixra reali għall-aħħar. Iżda meta l-awtur jiġi biex jinkludi karattri reali fil-kitbiet tiegħu, irid ikun ċert li jinkludi dettalji u deskrizzjonijiet preċiżi, għalhekk huwa marbut b'ċerta responsabilita`.

Currie, fl-artiklu tiegħu 'What is Fiction?', jittratta diversi teoriji dwar ir-rumanz mhux reali. Fosthom isemmi t-teorija 'pretended assertion' maħluqa minn Monroe Beardsley, filosofu Amerikan. Wieħed mill-kunċetti li tipprova tispjega din it-teorija hi li l-qarrejja tista' ġġegħelhom jaħsbu li huma preżenti fir-rakkont bħala karattri u dan jgħin sabiex l-istorja tinħass aktar ġenwina, għalkemm fil-fatt tkun ivvintata (Currie 1985: 386-392).

Skont Currie, meta l-awtur jiġi biex jivvinta jew jagħti isem lill-karattri tiegħu, jista' jiġi influwenzat minn xi ħadd partikulari jew inkella jista' jiġi influwenzat minn raġunijiet oħra (Currie 1990: 129). F'bosta mill-

kitbiet ta’ Dimech, wieħed spiss jiltaqa’ ma’ karattri li jkollhom l-istess ismu, Arturo. Għalkemm jagħmel dan, ma jfissirx li hu jagħti lill-karattri tiegħu xeħta awtobijografika, għaliex ix-xbihat tal-karattri bl-isem ta’ Arturo ma jikkorrispondux max-xbieha tal-awtur innifsu, anzi, huma pjuttost differenti. Barra minn hekk, Dimech joħloq karattri oħra li isimhom ifakkar lill-qarrej fil-patruna ta’ Ħaż-Żabbar u fil-patruna taż-Żurrieq. Dawn jinkludu ismijiet bħal Grezz, Grazzja, Grezzju, Katrin u Katrina. Apparti dan, jidher biċ-ċar li Dimech ħa wħud mill-karattri tiegħu minn kotba barranin u minn films li kienu qed jintwerew fiċ-ċinema ta’ dak iż-żmien.

*Id-Dinja tal-Karattri*

Kull karattru fir-rumanzi ta’ Dimech għandu r-rwol tiegħu. Il-karattri jinqasmu bejn it-tajbin u l-ħżiena, kif wara kollox insibu wkoll fid-dinja reali. L-awtur jipprova joħloq karattri familjari mal-qarrejja biex huma jkunu jistgħu jidentifikaw ruħhom magħhom. Il-karattri ħżiena huma dawk li, fost l-oħrajn, jissejħu briganti, ħallenin, mafjużi u qattiela, dawk li jirrikkorru għall-vjolenza u għall-korruzzjoni, dawk li jippreferu l-flus mill-ġenwinita` u dawk li jaslu biex iweġġgħu u jqarrqu bis-sentimenti ta’ ħaddieħor. Xi drabi, uħud mill-personaġġi barranin jidhru bħala ħżiena għaliex jaħkmu u jisfruttaw lil Malta u lil dawk li jgħammru fiha. F’diversi

kitbiet, Dimech juri lill-qarrej kif bosta amministrazzjonijiet, bħal dawk tal-Kavallieri u l-Franċiżi, abbużaw mill-poter li kellhom fuq il-Maltin u għalhekk il-Malti ma setax iħares lejhom b'sens ta' ammirazzjoni u kburija.

Min-naħa l-oħra, il-karattri t-tajbin jidhru bħala innoċenti, sensibbli u dejjem ifittxu li jħobbu u li jkunu maħbubin. Dawk tajbin ma jridux ġlied u nkwiet u jgħixu b'kemm ikollhom, ma jemmnux bl-affarijiet materjali iżda b'dawk safja u li jiġu mill-qalb. Anke Attard innota din it-tendenza saħansitra fil-kitbiet ta' Cumbo, meta jgħid li "il-karattri t-tajbin qatt ma tgħaddilhom minn rashom li jirrikorru għall-qerq, anke jekk għandhom il-mezzi jew il-possibbilta` li jagħmlu dan..." (Attard 1995: 108). Huma nies tal-affari tagħhom iżda minħabba ċirkustanzi varji, dejjem jispiċċaw jidħlu fl-inkwiet għall-għarrieda u mingħajr biss ma jkunu jafu kif u għaliex. Dan jidher biċ-ċar fir-rumanz *Id-Delitti tal-Palazz l-Iswed*, meta Rikkardu, mar-ritorn tiegħu ġewwa Londra, spiċċa maqbud f'xibka ta' briganti minħabba ċirkostanzi mhux ikkontrollati minnu. Huwa kien bniedem bil-għaqal u tal-affari tiegħu iżda fi żmien qasir ra x'issarraf id-dinja kriminali li, bl-intriċċi misterjużi u perikolużi tagħha, kienet ser titfgħu saħansitra f'ħalq il-mewt.

Ħafna drabi l-qarrej isir jaf lill-karattri mill-ewwel minħabba din id-deskrizzjoni fit-tul. Imbagħad, huma jibqgħu jiżviluppaw matul ir-rakkont kollu. Mill-banda l-oħra, fir-rumanzi ta' Dimech, wieħed jista' jiltaqa' ma' xi karattri ċatti li jissemmew biss permezz ta' isimhom. Madanakollu, dawn il-karattri ċatti u statiċi ftit issibhom fir-rumanzi ta' Dimech għaliex

il-biċċa l-kbira tal-personaġġi jkomplu jiżviluppaw matul ir-rumanz. Ġeneralment, ħafna mill-karattri ċatti fl-istejjer ta' Dimech jispiċċaw jiffurmaw karattri sterjotipati, bħal sefturi, qassisin jew nutara. Il-karattri tondi huma dawk il-karattri li l-qarrej isir jafhom aktar ma jaqra r-rakkont u huma dawk li jqanqlu fil-qarrej l-akbar emozzjonijiet.

Barra minn hekk, dawn il-karattri jħaddnu diversi karatteristiċi li jgħamluhom kumplessi u għalhekk jidhru jqarrbu aktar lejn personalitajiet reali (Griffith 2006: 54). Id-deskrizzjoni li jagħtihom Dimech iħalli lill-qarrej jidħol fil-qalba tal-istorja billi jiffamiljarizza ruħu sew mal-karattri involuti. Fir-rumanz *L-Ispettru Misterjus jew Anna Bolena, Dimech* jagħti din id-deskrizzjoni ta' Will Sommers, il-buffu tar-re:

> Will Sommers, il-buffu tar-Re kien raġel li qabeż iż-żmien tan-nofs, qasir u jkraħ. Kien makkak u ħażin. Fill ħarsa tiegħu kien hemm il-qerq, iżda l-mutetti boloh tiegħu kienu jgibu dahq mill akbar flll qorti tar-Re. Huwa kien jilbes ġobba twila ta' ħarir vjola bl-arma rjali jrrakkmata fuq sidru, b'żigarella kaħla ma qaddu, b'beritta tal ħarir f'rasu b'rixa bajda jmwaħħla fiha. F'idejh kellu tromba magħmula minn qarn. Kien dejjem ikun akkompanjat minn ħmar liebes il-vjola, li kien iblaħ bħall sidu. Il-ħmar ma kienx miegħu f'din il-ġurnata tal festa, biex ma jbaxxix iċ-ċerimonja.

> Will Sommers kien maħbub ħafna mir-Re, u huwa kien jissogra jkellmu b'ċerta kunfidenza li tgħaġġeb lill kulħabd għax ħadd ma kellu dik il-kunfidenza li kellu hu. (Dimech 1966: 49)

Hija t-taħlita tal-komponenti varji li ġġiegħel lil dawn il-karattri jidhru differenti u interessanti fl-istess ħin. It-tipoloġija u l-personalita` tagħhom taffetwa l-mixja tal-istorja. Dimech ivarja ħafna fil-karattri li partikolarment għażel għat-testi tiegħu. Il-kittieb kompla jesperimenta bit-tipi differenti ta' personaġġi letterarji, kemm b'figuri femminili kif ukoll b'figuri erojċi.

*Il-Personalita` Femminili*

Fir-rumanzi ta' Dimech hemm karattri, speċjalment dawk femminili, li jiġu mhedda minn xi raġel tirann jew aggressiv u dan għaliex ikun, jew jaħseb li jkun, superjuri għalihom. Il-karattru femminili f'Dimech jidher xi ftit jew wisq sottomess. Dan għaliex wieħed jista' jiltaqa' ma' figura passiva immens li toqgħod għal kollox u għal kulħadd. Din is-sitwazzjoni tapplika wkoll għall-relazzjoni ta' bejn missier u bint. F'*Il-Bojja ta' l-Ordni jew l-Omm Misħuta*, il-benestant Borg hu bniedem dittatorjali kemm fuq bintu Marija kif ukoll fuq martu Ermelinda. Tant kien oppressiv li ma kienx iħallihom joħorġu ħlief sal-quddies. Tul il-kors tal-istorja dan l-individwu

kien qiegħed kontinwament jagħmel il-ħsara mingħajr ħadd qatt ma jinduna. Għalih dan kien l-uniku mod biex juri l-protezzjoni tiegħu lejn familtu. Dan l-inkwiet kollu wassal għall-mewt tiegħu u ta' martu. Waqt li f'rumanzi bħal dawn il-figura femminili tidher pjuttost passiva, f'rumanzi oħra il-mara tista' tkun il-protagonista u tista' saħansitra tidħol f'kunflitt jew tirribella.

F'xi rumanzi minn ta' Dimech issib figura femminili li tesprimi aggressivita`, tant li tasal biex anke tisraq u saħansitra toqtol, bħal Tereża. Din Tereża fir-rakkont *Id-Delitti ta' Wied iż-Żurrieq jew Imħabba Misruqa* hi deskritta bħala mara krudili li twaħħax lil kull min jaraha. Il-mibegħda u l-għira rikbuha u għamluha bniedma ħadra li tobgħod lil kulħadd.

Sabiex Dimech jiddeskrivi tfajla jew xebba sabiħa, huwa jagħti ħafna dettalji fiżiċi u jiffoka speċjalment fuq is-sbuħija tal-wiċċ. Ma jibqax imwaħħad biss mal-bixra karatterjali. Dan il-proċess iseħħ kważi f'kull rumanz, tant hu hekk li t-tfajla jirnexxilha ssaħħar lill-ġuvni tagħha u tixgħel f'qalbu l-imħabba lejha. Din id-deskrizzjoni hi meħuda mill-ktieb *Id-Delitti tal-Palazz L-Iswed* fejn jiddeskrivi lil Hetty Armstrong hekk:

> Xi dbissima kella kemm hi sabieħa! Iż-żiffa ħelwa kienet qegħda iċċaqlaq ħelu ħelu is-sabieħ xagħra, lewn kannella skur, twil u sabieħ!

> Wiċċa kien kulur il warda, b'għajnejn li iġennu lil ġuvintur, u b'ilbies sempliċi u onest. Kienet qiesa pittura ta xi pittur famus. (Dimech b.d[3]: 4)

Dimech, xi drabi, jippreżenta x-xebba bħala figura misterjuża u għalhekk hi tqanqal aktar kurżita` f'dak il-ġuvni li jkun tefa' għajnejh fuqha. It-tfajla li ltaqa' magħha Stejfen fir-rumanz *Il-Famiglia T-traduta jew l'Eżiljat tas-Siberja* tlaħħam dan is-sens ta' misteru. Ġeneralment il-kurżita` titqanqal permezz ta' ħarsa jew inkella permezz ta' atteġġjamenti li wieħed ikun qed jistenna li jara minn tfajla partikolari. Normalment it-tfajla jirnexxilha ġġennen lill-ġuvni tagħha mal-ewwel ħarsa, mingħajr biss ma jkunu tkellmu ma' xulxin. L-imħabba tidher aktar rispettuża u ġenwina u li maż-żmien twarrad l-imħabba. Fir-rumanzi tradizzjonali id-dehra ta' tifa kwieta u bil-għaqal tiġbed il-għajn. Stiefnu kien jistagħna bil-ġmiel ta' din it-tfajla għaliex hi:

> Xebba li meta taqbes it-tmintax il sena tkun isaħħar lil kulħadd warajha. Taħt xall sabieħ kienu niżlin it-trofof ta' xagħar tad-deheb. Għajnejha kienu kannella, espressivi u jiġbduk. Imneħira dritt, b'wiċċ sbejjaħ iżda ftit sfajjar. X'xofftejn dawk, xi dbissima ħelwa! (Dimech b.d[5]:181)

Fir-rumanzi storiċi l-qarrejja huma mdorrija jaraw mara tradizzjonali, jiġifieri, mara passiva u ubbidjenti li toqgħod għal kollox u għal kulħadd. F'Dimech, il-mara tiegħu bixra pjuttost differenti. Il-karattru

tagħha hu aktar sod, tiġġieled għad-drittijiet tagħha. Il-personalita` femminili tista' saħansitra tagħmel impatt akbar tant li tqajjem aktar sensazzjonijiet milli jagħmel karattru maskili.

## *L-Eroj*

Ir-rwol tal-eroj fir-rumanzi ta' Dimech hu li jifdi lil dawk kollha li jkunu fid-diffikulta` jew f'xi periklu billi jagħti ħajtu għalihom. Ħafna drabi l-eroj ma jaħsibx fih innifsu u ma jqisx lilu nnifsu bħala prijorita`. Din hija xi ħaġa li tiddistingwih mill-bqija tal-karattri l-oħra. Dimech jagħti eżempji kemm ta' eroj storiċi u ta' eroj fittizji. Ġeneralment, l-eroj storiku jkun personaġġ meħud mill-Istorja tal-pajjiż. Huwa jista' jkollu xeħta differenti, għaliex mal-poplu tiegħu jaf ikun twajjeb, ħanin u disponibbli, filwaqt li jista' jieħu bixra ta' persuna brutali u ħarxa meta jikkonfronta l-għadu barrani (Friggieri 2000: 229).

Fil-letteratura storika, l-awtur jaqbad dokumenti storiċi u minnhom joħorġu personaġġi storiċi li kienu għamlu suċċess fil-qadi ta' dmirijiethom lejn pajjiżhom billi jkunu ħadu l-passi favur il-poplu kollettiv sabiex itejbilhom ħajjithom (Cuschieri 2006: 48). Fil-letteratura bikrija, l-eroj ried juri li kellu kwalitajiet tajbin, bħad-determinazzjoni, il-kuraġġ, ir-responsabbilita`, l-imħabba u d-dedikazzjoni lejn il-patrija u lejn dawk ta' madwaru. F'*Il Vendetta ta' l-Isiera jew Id-Delitti ta' Ħaż-Żabbar,* Dimech

jirrakkonta l-ġrajja tal-Assedju l-Kbir, u għalhekk ma setax ma jsemmix il-kontribut erojku tal-Granmastru La Vallette lejn Malta. L-awtur jiddeskrivih bħala eroj li ħadem u ġġieled mal-għadu sabiex fl-aħħar mill-aħħar ta lil Malta d-dehen li jistħoqilha.

L-eroj huwa personaġġ elevat u mfaħħar f'ċirkustanzi bħal dawn. Waqt li hu għandu kwalitajiet ta' mexxej, is-segwaċi tiegħu jħarsu lejh b'fiduċja u ammirazzjoni kbira. Dimech isemmi wkoll lil Dun Mikiel Xerri fir-rumanz *Il-Famiglia T-traduta jew l'Eżiljat tas-Siberja*, meta jirreferi għalih bħala "dak il bniedem li ma bkieħ lil dak il qassis kbir" (Dimech b.d[5]: 84). Xerri kien lest li jitlef ħajtu għall-kawża li kien jemmen fiha.

Dimech, għandu l-eroj protagonista anke f'letteratura li mhux storika u patrijottika. Fil-ktieb *Il-Qawwa tal-Imhabba jew it-Tortura ta' Franza*, Brandon isir l-eroj tal-maħbuba tiegħu. F'dan ir-rumanz Dimech għażel bħala eroj il-bniedem li hu parti mill-ħajja ta' kuljum. Dan l-eroj ġie f'kunflitt bejn żewġ sitwazzjonijiet differenti, ried jagħżel bejn il-ħbiberija ma' sieħbu jew l-imħabba għat-tfajla u d-deċiżjoni kienet kiefra u sofferenti għalih. L-imħabba tiegħu ma kinitx reċiprokata mill-maħbuba, iżda jibqa' l-fatt li hu ta ħajtu għaliha. Brandon ipprefera jmut milli jgħix ħajtu mbiegħed mix-xbejba li tant kien iħobb. Il-glorja tal-eroj tidher l-aktar f'mumenti ta' tbatija, l-aktar meta jissagrifika x-xewqiet personali tiegħu jew meta jagħti ħajtu għal ħaddieħor.

Madanakollu, matul il-vjaġġ, l-eroj jista' jiltaqa' ma' xi intoppi li jfixkluh u jwasslu għad-deġenerazzjoni, bir-riżultat li jsir l-anti-eroj tiegħu nnifsu. Dan l-anti-eroj hu differenti mill-eroj bikri li hu ppreżentat ukoll f'Dimech. Għalkemm hu pjuttost tradizzjonali fil-kitbiet tiegħu, xorta jinqeda bil-figura tal-anti-eroj biex iżewwaq ir-rakkonti tiegħu. L-anti-eroj huwa dak li jħossu ffrustrat mill-attitudnijiet ta' madwaru u għalhekk jispiċċa jfalli. Fil-ktieb *Il-Katavru ta' Taħt il-Ħarruba* li ġie ppublikat fil-ħamsinijiet*,* Nazju għadda minn eroj għal anti-eroj għaliex spiċċa biex iġġennen minħabba l-għeja psikoloġika u t-tbatija fiżika li ġarrab sabiex isalva lill-maħbuba tiegħu. Il-kuraġġ qatt ma naqaslu, iżda wara dak kollu li għadda minnu, Nazju kellu kollass mentali li xorta waħda waslu għall-falliment finali.

## *Personaġġi Storiċi Meħudin mid-Dinja Reali*

Meta l-awtur jieqaf biex jiddeskrivi xi ħaġa partikulari, ikun qiegħed joħroġ 'il barra mit-test innifsu u għalhekk 'il barra min-narrattiva. Biex l-awtur ikun aktar kredibbli, irid jinvolvi personaġġi storiċi u reali li jkunu għexu f'ambjent li jaqbel magħhom. Iżda Dimech ġieli qabad karattru storiku u poġġieh f'ambjent partikulari li mhux tiegħu, flimkien ma' karattri oħra fittizji. Għalhekk, ma jistax jonqos li ma jkunx hemm, "taħlita ta' għarfien storiku u rikostruzzjoni mistħajla" (Friġġieri 2000: 345).

Minħabba li dawn il-karattri tradizzjonali jagħtu bixra morali, ikun possibbli li, permezz tagħhom, l-awtur jagħti eżempju effikaċi ta' kif bniedem għandu jipperċepixxi l-idea ta' nazzjon. Minħabba l-kontribut tagħhom fil-qasam storiku, huma jgħinu biex jiddealizzaw u jissimbolizzaw il-kuxjenza Maltija.

Il-prosografija hija metodu li jħaddem Dimech biex jinvestiga xejriet bijografiċi ta' xi personaġġ storiku kif ukoll biex jinterpreta r-relazzjonijiet tiegħu ma' personaġġi oħra tal-istess perijodu (Stone 1971: 46). Din it-teknika tiġi mħaddma bosta drabi fir-rumanzi storiċi għaliex l-awtur spiss jieqaf u jagħmel referenza għall-isfond storiku. Pereżempju, fir-rumanz *Il-Famiglia T-traduta jew l'Eżiljat tas-Siberja*, il-kmandant Vaubois għandu parti importanti fil-ġrajja ta' Dimech. Napuljun kien ħalla lil Vaubois jamministra l-gżejjer Maltin. F'ċertu punt ta' dan ir-rumanz, Vaubois, il-karattru reali u Ivan Barodin, li huwa karattru fittizju, jitlaqqgħu flimkien fl-istorja. Il-Kmandant Vaubois ordna l-arrest ta' Ivan u dan għaliex kien induna li ntbagħat Malta bħala spjun Russu u għalhekk ried jeħles minnu.

Il-karatterizzazzjoni hi l-mod ta' kif tiżviluppa l-personalita` tal-karattru fl-istorja. Dimech, bħala kittieb, jinqeda bil-karattri u jagħtihom bixra differenti skont il-bżonnijiet letterarji tiegħu. F'kitbietu jidher kull tip ta' karattru; minn dak grottesk u infernali sal-figura femminili kwieta u passiva. It-tiswir u din l-esperimentazzjoni jirrendu l-kitbiet tiegħu aktar

imżewqa u mimlija ħajja u jġiegħel lill-qarrej ikun aktar avventuruż fil-qari tiegħu.

## *4.2 L-Għan Didattiku*

Fit-testi ta' Dimech, l-aspett morali joħroġ l-aktar fl-argumenti u fid-diskussjonijiet bejn il-karattri nnifishom waqt li l-għan didattiku joħroġ mill-materjal informattiv li huwa jżid f'kitbietu. Il-kittieba klassiċi kienu jħaddnu din l-idea tal-letteratura u fil-fatt id-didattiċiżmu jmur lura għal żmien il-Griegi (διδακτικός), meta Platun kiteb dwar l-importanza tal-morali u tat-tagħlim fl-arti.

Fis-seklu 20 kienet karatteristika ewlenija tal-kittieba li jgħallmu waqt li jiddevertu. Fil-kitbiet tiegħu, Dimech dejjem fittex li jgħallem u jgħarraf in-nies dwar ġrajjiet, fatti, personaġġi u dak kollu li hu ħaseb li kien ta' interess għall-qarrejja. Grazzi għal din l-informazzjoni kollha, in-nies setgħet titgħallem dejjem aktar u r-rumanz seta' jilħaq aktar l-iskop estetiku tiegħu.  Ħafna drabi l-awtur, anke fil-każ ta' Dimech, jiddedika xi kapitli (ġeneralment l-aħħar żewġ kapitli) biex jagħti tagħrif fid-dettall marbut mal-kuntest ġenerali tal-ktieb. Hu jisħaq li jekk ma jagħmilx hekk, il-qarrej qatt ma jkun jista' jiġbor il-kuntest tal-istorja kompluta.

## *Personaġġi Magħrufa u Dokumenti Storiċi*

Dimech ta' spiss jaqbad artikli minn ġurnali jew kotba varji u dan għax jara li l-informazzjoni li għandu quddiemu tista' tkun valida biex tnebbaħ ir-rumanzi tiegħu jew għax jaħseb li jekk jippubblika dawn l-artikli f'kitbietu, ikunu ta' interess kbir għall-qarrejja. Dimech mhux dejjem jikxef minn fejn ikun sab dawn il-kitbiet. Fir-rumanz *Il-Katavru ta' Taħt il-Ħarruba* jieqaf mill-istorja u jibda jiddeskrivi lil Caravaggio u jirrakkonta dwar il-miġja tiegħu f'Malta. Din l-informazzjoni hija meħuda minn artiklu li jġib l-isem ta' "Caravaggio Artist *u* Banavolja*",* miktub minn Charles Attard, u li jittratta lil Caravaggio bħala artist u bħala ribell. Jiddeskrivi wkoll xi wħud mill-ġrajjiet li ġraw f'ħajtu, speċjalment il-ħarba tiegħu minn Ruma sakemm wasal Malta. Attard jargumenta li l-kapulavuri jixhdu l-bravura tiegħu imma l-atteġġjamenti tiegħu jixhdu l-kuntrarju.

Il-kittieb ta' spiss jirreferi għal xi dokumenti u artikli varji u dan jagħmlu biex isaħħaħ l-argumenti tiegħu. Dimech stess jistqarr li "Kif is-soltu f'kull ktieb li nikteb inġib dejjem fit-tmiem tiegħu Dokumenti Storiċi il qarrejja jkunu jistgħu jifhmu aktar l-intriċċi tar-rumanz; u hekk sejjer nagħmel f'dan il-ktieb Storiku. Nispera li l-qarrejja jieħdu pjaċir bihom u b'hek intemmu l-istorja tagħna" (Dimech b.d[5]: 692). Huwa jinkludi sensiela ta' artikli fosthom, "Sitt Dokumenti Dwar Qawmien Għawdex", "Karnival

tal 1800" u "Il-Banda tar-Rabat" ta' Charles Attard u "Lill-Isqof Carmelo Scicluna" ta' Ġuze` Cardona.

Dimech ma jillimitax ruħu biss għall-ġrajja tal-ktieb, iżda dejjem iżomm f'moħħu l-għan didattiku tiegħu. Pereżempju, fl-aħħar kapitli ta' *L-Ispettru Misterjus jew Anna Bolena* jikteb dwar ir-Re Enriku u l-ħajja personali tiegħu. L-istorja tillimita r-rakkont għall-intriċċi amorużi tiegħu ma' Bolena sa Jane Seymour iżda fl-aħħar żewġ taqsimiet Dimech ikompli jispjega x'kien ġara wara li r-Re kien infired minn ma' Anna Bolena u kif kompliet ir-relazzjoni tiegħu ma' Seymour. Imwieled fl-1491, Enriku żżewweġ seba` darbiet. Uħud min-nisa tiegħu kienu ġew ikkundannati għall-mewt u dan minħabba raġunijiet superfiċjali. Huwa żera` ż-żerriegħa tal-protestantiżmu, deċiżjoni li kellha tneħħi l-jedd ta' interferenza min-naħa tal-Papa fit-tmexxija politika tal-Ingilterra. B'hekk l-imġiba tar-Re tixhed krudelta` assoluta lejn dawk kollha li ppruvaw iwaqqgħu l-kelma tiegħu. Dimech isostni li:

> Il-krudelta` tiegħu jmsieħba mat-tirannija ġagħlitu jikkommetti ħruxija mill-akbar. Demm imħabba fih xtered qatiegħ. Kien jixbaħ lill imperatur Neruni. Huwa għex hu miet ta` tirann... Il-protestantiżmu fi żmienu kiber, iżda l-protestanti ma jistgħux jinnegaw li Enneriku ma kienx Tirann. (Dimech 1959: 709)

L-istess jgħamel fl-aħħar kapitlu tar-rumanz *Ħtija u Kastig* meta huwa jelabora dwar il-kittieb u ħassieb Russu magħruf, Leo Tolstoy. Bħar-Re Enriku VIII, Tolstoy: "...ipprova isawwar reliġjon għalih u f'xi kitba tiegħu ħareġ b' ħafna blugħat, u l-ewwel blugha kienet li iħajjar lin-nies li ma jmorrux knejjes, u jitolbu fis-solitudni" (Dimech 1963: 767). Mid-deskrizzjoni ta' Dimech, il-qarrej jista' jiġġudika lil Tolstoy bħala personaġġ rivoluzzjonarju li kellu l-iskop fundamentali li jitfa' f'dawl ikrah it-tagħlim tal-Knisja u ta` istituzzjonijiet oħra fir-realta`. Fil-fatt, Tolstoy ma ried xejn ħlief li jasal għall-verita`. Għalhekk kellu rabta qawwija mal-illuministi, tas-seklu 18, l-aktar ma' Rousseau.

> Like the moralists of the Enlightenment, he looked for true values not in history, nor the sacred missions of nations or cultures or churches, but in the individual's own personal experience. (Bloom & Marson 2003: 32)

## *Attrazzjonijiet Ambjentali u Kulturali*

Ta' min isemmi wkoll li f'diversi kotba Dimech jipprova jgħallem lill-qarrej dwar diversi postijiet, u filwaqt li jagħti spjegazzjoni tagħhom, hu jkun qiegħed jinvolvi lill-qarrej fl-istorja. Fil-ktieb *L-Ispettru Misterjus jew Anna Bolena,* Dimech jikteb dwar attrazzjonijiet li hemm ġewwa l-Ingilterra, bħall-kastell ta' 'Windsor'. Filwaqt li jiddeskrivi l-ambjentazzjoni

ta' dan il-kastell, hu jirrakkonta xi leġġendi u stejjer marbutin ma' dan il-bini. Dimech jispjega kif dan il-kastell kien waqa' taħt diversi jdejn: l-ewwel ingħata lill-patrijiet ta' San Pietru u mbagħad spiċċa għand Gulielmu, biex jibni 'park' għall-kaċċa. Dan il-kastell ġie mibdul kontinwament għar-raġuni li: "...kull sultan li kien jirrenja dejjem żied xi ħaġa fih sakemm ġie l-famuż Kastell ta' Windsor li huwa jllum" (Dimech 1958: 273).

Dimech ikompli jwessa' dan l-għarfien billi jipprovdi rendikont ta' ċerti siti pittoreski li jinsabu fl-ibħra ta' madwarna. Fil-ktieb *Id-Delitti ta' Wied iż-Żurrieq*, hu jsemmi l-għerien ta' 'Sdragonata'. Dan jagħmlu biex ikompli jkabbar l-interess fuq dak kollu li jikkaratterizza d-dinja naturali. Huwa jgħid kif dawn:

> ...huma jmsemmija mill pajjiżi tal baħar Mediterran kollu. Huma għerien imħaffra fil blat li jiffurmaw għar wieħed li jissejjaħ (Grotta) li tixbaħ lill famusa (Grotta ta' Kapri,) anzi ferm isbaħ. Huma għaġeb naturali. (Dimech 1955: 343)

F'rumanz partikulari, Dimech kiteb dwar il-kultura Indjana, li hi ftit jew wisq distinta minn tagħna. Fil-pubblikazzjoni *X'Taf Tagħmel l-Imħabba,* il-kittieb jiddeskrivi aspetti li jikkaratterizzaw id-dinja Indjana. Waħda mit-tradizzjonijiet tagħhom kienet iż-żifna tax-xemx, fejn jispikka d-duħħan aħmar li jinħoloq permezz ta' fjamma kbira tan-nar. Fl-istess ħin, l-awtur iqabbel din il-karatteristika kulturali mad-duħħan li kien jiġi

mqabbad mid-dejma Maltija, għax dan id-duħħan kien jindika li kienu resqin l-attakki tat-Torok lejn il-gżejjer Maltin. Lura lejn il-kultura Indjana, dan ir-rit kien iseħħ biex idawlilhom moħħhom u jkeċċi l-ispirti l-ħżiena li setgħu jiddominaw lil dawn in-nies. Meta jasal il-kap tal-Indjani, imsejjaħ bħala l-volpi, in-nies kienu joqogħdu jduru miegħu u jiżfnu bħas-sriep biex juru l-qima tagħhom lejh. F'dan l-istess ktieb Dimech jieqaf jirrakkonta dwar dawn it-traddizzjonijiet u jieqaf jiddiskuti bosta kliem minn reġistru partikulari u jagħti t-tifsira tagħhom bil-Malti. Pereżempju: 'Tepea', li tfisser tinda jew Kamp, 'Squaws' imfissra bħala mara Indjana u 'peg' bħala musmar.

Fir-rumanz *Ix-Xebba ta' Israel,* Dimech jiffoka fuq il-kultura Eġizzjana. Apparti li jiddeskrivi attrazzjonijiet ewlenin, bħax-xmara Nil, hu jirreferi wkoll għal tradizzjonijiet li jmorru lura fl-Istorja, bħal kif Eġizzjan kien jiġi midfun. L-awtur jiddeskrivi l-Eġittu meta kienet għadha ċivilta` fejn l-imsejjaħ Faragħuni, bil-poteri kollha tiegħu, kien meqjus bħala Alla. Dimech jgħid li meta kien imut xi ħadd importanti, l-ewwel kien jiġi bbalzmat u fl-aħħar kien isir Mumja biex jibqa' ppreservat eżatt kif miet. Imbagħad, flimkien mal-mejjet, kienu jiġu mpoġġija diversi affarijiet konnessi miegħu fil-qabar u dan sabiex jibqa' jgawdihom wara mewtu, sakemm fl-aħħar imur jiltaqa` mal-allat Eġizzjani. Bħalma kien iseħħ f'Malta sa ftit tas-snin ilu, waqt funeral Eġizzjan kien ikun hemm ukoll numru ta' individwi jibku wara l-mejjet, ukoll magħrufa bħala l-bekkejja.

Fil-passat, l-Eġittu kien iċ-ċentru għat-tixrid tal-kultura. Kif jingħad minn Dimech: ‘’...l’ Europa f’dak iż-żmien ħdejn il-kultura Eġizzjana kienet bħall nemla fejn iljunfant’’ (Dimech 1962: 67). Din ir-rikezza kulturali seħħet minħabba li, tul il-fruntiera Eġizzjana, kien ikun hemm diversifikazzjoni ta’ kummerċjanti, vjaġġaturi u negozjanti li kienu jiġu minn postijiet differenti, fosthom mill-Mediterran u mill-punent. Kienet fruntiera mfawra b’ħafna mużiċisti u żeffiena li kienu jagħtu divertiment lil dawk li kienu jsegwuhom. Dimech jistqarr kif l-Eġizzjani ppruvaw joħolqu diversi teoriji fosthom dik ta’ kif inħolqot id-dinja, teorija li tvarja ferm minn kif nafuha llum.

Fil-rakkont *L-Avventuri Ċelebri ta’ Joe Mank*, Dimech jagħti tagħrif dwar il-ħabsijiet Ingliżi u huwa jikkomunika dan il-messaġġ lill-qarrej “Qabel ma nagħlaq din il-ġrajja sejjer inġib artiklu interessanti fuq il-ħabsijiet Ingliżi, miktub minn Mr. Alfred Vassallo. Dan il-kittieb ta tagħrif ta siwi fuq il-kriminali fil-gazzetta ‘*Orizzont*’” (Dimech 1964:786). Dimech għażel xi siltiet minn ta’ Vassallo biex iwassalhom lill-qarrej. Huwa jikteb dwar bosta aspetti, fosthom dwar il-kastigi fil-ħabsijiet tal-Ingilterra kif ukoll dwar il-qtugħ tas-sentenzi mill-qorti. Hu jiddeskrivi l-ħabsijiet bħala antikwati u antiki iżda jgħid li minn xi żmien ‘l hawn il-Gvern Ingliż investa fil-bini ta’ ħabsijiet ġodda. Apparti dan, l-awtur jagħti ħarsa lejn xi ħabsijiet oħra, bħal dawk ta’ Wondsworth u Manchester.

Meta wieħed jaqra rumanzi oħra ta' Dimech jiltaqa' ma' ġabra ta' tagħrif ieħor li ma jirrigwardax biss postijiet u personaġġi. Fil-ktieb *Id-Delitti tal-Palazz l-Iswed*, Dimech jagħti tagħrif dwar diversi tipi ta' djamanti li jinsabu fid-dinja. Dana għaliex hemm parti fl-istorja li hija relatata ma' serq ta' djamant prezzjuż ġewwa Londra. Il-lista ta' djamanti li jagħti huma: Tama, Florentine, Orloff, Orange Tiffany, Cullinan, Kohi Nur, Disoled Aħdar, Nassah u Jubilee. Apparti l-lista, Dimech ikompli jagħti informazzjoni ddettaljata dwar kull djamant li hemm fil-lista u jfisser l-importanza u l-karatteristiċi tiegħu.

Dimech kien mimli ħeġġa u enerġija biex jgħallem. L-atteġġjament ta' Dimech favur it-tagħlim ma kienx biss marbut mal-kitba iżda kien xi ħaġa preżenti wkoll fil-ħajja tiegħu ta' kuljum. Pereżempju, il-manuskritt *Il-Ħajja Tiegħi fl-Iscouts,* li kien mimli stampi u dijagrammi li jindikaw ir-rwol u x-xogħol tal-'iScouts', kellu l-għan ċar li jgħallem. Jidher li l-iskop prinċipali ta' Dimech kien it-tixrid tat-tagħlim permezz tax-xogħlijiet tiegħu. Hu ried li jwassal storja lin-nies biex huma jiddevertu, iżda fl-istess ħin, għalih it-tagħlim kien neċessita`, speċjalment f'dawk iż-żminijiet meta l-poplu kien għadu mxekkel milli jeduka u jinforma ruħu. Għalhekk, fir-rumanzi tiegħu dan il-kittieb kien jikkombina diversi temi u aspetti fi plott li jġiegħel lill-qarrej jimmaġina, jaħseb u, l-aktar ħaġa fundamentali, li jitgħallem.

## *4.3 L-Influssi Barranin Fil-Kitbiet Ta' Dimech*

Dimech ġieli jsostni li l-informazzjoni li għandu għad-dispożizzjoni tiegħu ġabarha minn għadd ta' kittieba, kotba u rivisti barranin. Bosta drabi, fi tmiem ir-rumanz, huwa jikxef minn fejn ikun kiseb l-informazzjoni li biha seta' jsawwar ir-rakkont. Ix-xogħlijiet ta' Dimech ġieli jirriflettu testi sħaħ meħuda minn rumanzi oħra barranin, tant li l-qarrej jista' jaħseb li huma testi tradotti. Mill-banda l-oħra, Dimech ġieli jitnebbaħ biss minn xi parti, karattru jew ambjentazzjoni li jkunu meħudin minn stejjer ta' kittieba oħra, iżda l-awtur xorta jirnexxilu jagħmilhom jidhru differenti u oriġinali.

### *L-Influwenza minn Rumanziera Varji*

Pereżempju, fil-ktieb *Ix-Xebba ta' Israel* l-awtur jgħid li ħa bosta informazzjoni mill-kittieb Rider Haggard kif ukoll mill-film l-*Għaxar Kmandamenti,* li fi żmien Dimech kien tassew popolari. Haggard (1856-1925), kien kittieb Ingliż li laħaq il-quċċata tal-popolarita` tiegħu bil-ħolqien ta' stejjer romantiċi u avventurużi. Kiteb bosta xogħlijiet, iżda *King Solomon's mines* (1885) kien wieħed mill-aktar xogħlijiet magħrufa tiegħu. Xi wħud mill-aktar temi li jikkaratterizzaw il-kitba ta' Haggard huma ż-żmien, il-mewt u l-arkeoloġija (Murray 1993: 180). Haggard, fil-ktieb epiku

tiegħu *Eric BrightEyes,* imur lura għall-perijodu tal-Vikingi fl-Iżlanda. Dimech jinqeda biż-żmien bħala perijodu għax imur lura fl-Istorja bħalma għamel Haggard bosta drabi. Barra minn hekk, bħal Haggard, Dimech iħaddan elementi gotiċi u għalhekk bilfors ried jitkellem jew isemmi atti koroh tal-mewt innifisha.

Murray jgħid li għalkemm l-istejjer ta' Haggard huma fittizji, l-awtur xorta waħda jirnexxilu jagħti lir-rakkont tiegħu aktar kredibbilita` u jirnexxilu wkoll iqajjem l-interess fil-passat. Dan l-artiklu dejjem fittex li jiskopri l-kultura tal-imgħoddi u Murray jispeċifika li għal Haggard anke l-personaġġi reali jidhru fittizji, tant li hu jistħajjilhom fossili li għad iridu jiġu skoperti. Barra minn hekk, Murray jissokta jgħid li "Haggard used the span of History to critique his own society" (Murray 1993: 181), u dan għax l-argumenti u l-kitbiet tiegħu ġew influwenzati mill-arkeoloġija u min-natura taż-żmien li dejjem qegħdin f'evoluzzjoni.

Dimech influwenza ruħu minn kittieba oħra barranin bħal Stanley John Weyman. Weyman (1855-1928) ħa l-fama tiegħu mill-kitbiet storiċi u romantiċi tas-seklu 19 u minn uħud huwa msejjaħ "The Prince of Romance." L-istess bħal Dimech, huwa jaqbad karattri storiċi li għexu tassew u jitfagħhom fil-kuntest tagħhom (Williams 1994). Pereżempju, fil-ktieb *From the Memoirs of a Minister of France* (1893), il-qarrej jiltaqa' mal-Kardinal Armand Jean du Plessis de Richelieu ta' Franza li kien jaqdi l-professjoni ta' qassis u ta' politiku, waqt li fil-ktieb *Under the Red Robe*

(1894), il-qarrej jiltaqa' ma' Louis XIII de Rémy Martin li għal ċertu żmien wettaq dmiru bħala r-Re ta' Franza u ta' Navarre bejn l-1610 u l-1643 (Tapie 1988).

Donna Dightman Rudin stqarret li Weyman kien wieħed minn tal-bidu li laqqam storja amoruża fi ħdan ġrajja storika (Rudin 2001). Infatti, fil-prefazju tal-komponiment ta' Weyman "The House of the Wolf", huwa jikkummenta li "The graves of our heroes--the real heroes--move us; the doors through which the famous dead have passed are sacred to us" (Weyman 1977). Dan il-kumment juri l-importanza u l-interess tiegħu fl-Istorja anke għaliex kien bis-saħħa ta' dawn il-personaġġi li hu seta' jikteb dwar l-Istorja.

Fil-ktieb *Il-Bojja tal-Kastell*, Dimech jinsisti li fil-fehma tiegħu Edgar Wallace (1875-1932) u Agatha Christie (1890-1976) huma awturi kbar li jiktbu l-aħjar kotba fil-ġeneru misterjuż u għalhekk ma setax jonqos li jirreferi għalihom. Fil-fatt, Christie kienet u għadha waħda mill-awturi ewlenin tas-seklu 20 u hi magħrufa għall-ġeneru investigattiv tagħha, tant li ġiet imlaqqma bħala "The queen of English Crime Writers" (Pedley 2010). Fl-ewwel ktieb tagħha, *The Mysterious Affair at Styles* (1920), l-awtriċi introduċiet il-famuż investigatur Belġjan Hercule Poirot li sar popolari ħafna mal-udjenza tant li l-avventuri tiegħu ġew introdotti bħala sensiliet fuq it-televiżjoni. Kreazzjoni oħra ta' Christie hi l-investigatriċi

popolari bl-isem ta' Miss Marple iżda, għalkemm il-qarrej iħoss ġibda kbira lejha, mhix investigatriċi kompleta daqs Poirot.

Eliot Singer, fl-artiklu "The Whodunit as Riddle: Block Elements in Agatha Christie", jikteb kif Christie tirrappreżenta l-mewt bi xbieha reali għall-aħħar. F'ħafna każijiet, il-qattiel ikun persuna familjari ħafna tal-vittma, bħall-omm, il-maħbub jew qraba oħra u dan għaliex il-qtil ikun immotivat mill-kilba għall-flus jew għall-poter jew inkella minn xewqa qawwija ta' vendetta (Singer 1984: 159). Dimech iħaddan l-istess strateġija f'ħafna każijiet. Għalih, il-mewt ma tingħatax għalxejn imma dejjem ikun hemm raġuni jew skop warajha. Il-qtil ġeneralment jitwettaq minn xi qraba jew *'ħbieb'* u rari jitwettaq minn xi ħadd barrani. Dan għaliex l-inkwiet u t-tiġrib dejjem ikun kollokat fi ħdan il-familja jew bejn individwi li b'xi mod huma relatati ma' xulxin. Il-motivazzjonijiet ewlenin li jwasslu għall-qtil huma l-kilba għall-akkwist tal-flus jew għall-poter jew inkella x-xewqa qawwija għal xi tfajla jew mara li jkunu jkunu diġa` marbutin ma' ħaddieħor.

Kultant jista' jinftiehem li l-pubblikazzjonijiet ta' Dimech huma kollha meħudin minn rakkonti barranin jew minn xi film ċinematografiku. Iżda jagħti l-każ li Dimech mhux dejjem segwa l-plott oriġinali. Mit-titlu tal-ktieb *Ħtija u Kastig*, wieħed jista' jikkonkludi li dan għandu x'jaqsam mar-rumanz *Crime and Punishment* ta' Dostoievsky. Iżda għalkemm it-titlu huwa identiku, ftit li xejn huwa meħud minnu. Pero`, jidher li Dimech kien

jaf b'dan ix-xogħol iżda ma segwihx kompletament. Bejn dawn iż-żewġ rumanzi m'hemm xejn komuni ħlief li l-protagonist għandu kilba kbira għall-flus. L-attentat ta' qtil u l-vittma, huma bil-wisq differenti minn kif jurihom Dimech. Lanqas il-karattri u l-ismijiet tagħhom ma jaqblu ma' dawk ta' Dostoievsky.

## *L-Influwenza taċ-Ċinema*

Il-letteratura u l-industrija tal-films minn dejjem kienu jinfluwixxu fuq xulxin. Iċ-ċinema hija wkoll forma ta' narrattiva fiha nnfisha. Fil-kitbiet ta' Dimech, l-influwenza taċ-ċinema hi pjuttost qawwija. Dan il-kittieb kien dilettant ħafna tal-films, u ħafna minn dak li kien jara kien iniżlu fuq il-karta jew inkella kien jagħmel xi tibdiliet biex jaddatta l-plott u l-karattri skont kif jidher lilu. Normalment, għalkemm l-istorja tista' tkun tixxiebah ħafna, it-teknika tar-rappreżentazzjoni tal-awtur letterarju jew ta' direttur ċinematografiku kienet tvarja ħafna.

L-istil ta' Dimech jixhed kif in-narratur jimxi pass pass ma' dak li qed jiġri, f'sekwenza kronoloġika. U dan jagħmlu l-aktar biex ma jgerfixx lill-qarrej. Pereżempju, fil-ktieb *Il-Katavru ta' Taħt Il-Ħarruba* l-awtur jinterferixxi fl-istorja biex jgħid "Inkunu nafu iktar il-quddiem biex ma nħawwadx moħħ il-qarrej." Minħabba din il-ħtieġa ta' rakkont kronoloġiku, ħaġa waħda wara l-oħra, l-awtur jikxef l-affarijiet mill-ewwel

u jonqos milli jżomm affarijiet mistura. Dimech jankra lill-qarrej fil-mument preċiż, meta tkun qed tiġri l-azzjoni. Meta jinqeda bl-analessi, huwa javża lill-qarrej li jkun ser jagħmel dan biex il-qarrej ma jitħawwadx. Dan iseħħ l-aktar meta l-awtur jerġa jibgħat  lill-qarrej lura għall-introduzzjoni. Minħabba li l-introduzzjoni sservi bħala prolessi, għax tikxef ftit minn dak li jkun ser jiġri, l-awtur imur lura għaliha ripetutament. L-effetti tal-prolessi u tal-analessi jidhru wkoll fil-films u kważi kważi jħallu l-istess effett fuq l-udjenza.

L-istejjer ta' Dimech jistgħu jidhru xi ftit jew wisq filmiċi. Hemm differenza bejn azzjoni f'rumanz u azzjoni f'film, iżda Dimech donnu jirnexxilu jaqbad l-azzjoni fi kliem. Anke ddeskrizzjoni jirrendiha filmika speċjalment meta jkun hemm xi qtil involut. Infatti, l-awtur iħaddem dan l-istil drammatiku u traġiku tant li l-qarrej jibda jimmaġina x-xena f'moħħu. Is-saħħa taċ-ċinema qegħda fl-istampa viżwali li turi u tagħti l-informazzjoni b'mod immedjat. Iżda mill-mod ta' kif jikteb Dimech, il-qarrej ikun qisu qed jara l-ġrajja sseħħ quddiem għajnejh.

Dimech ġie influwenzat mix-xogħol ta' Edgar Wallace, speċjalment min-novella *The Green Archer.* Għall-bidu din bdiet bħala storja iżda mbagħad ġiet addattata kemm għat-teatru kif ukoll għaċ-ċinema u kienet fost l-aħjar serje televiżiva f'nofs is-seklu 20, u għalhekk huwa probabbli li Dimech segwa din is-serje. Wallace huwa kittieb Ingliż u x-xogħlijiet tiegħu jittrattaw stejjer ta' kriminalita` u ta' investigazzjoni. Il-plott tar-rakkont *Il-*

*Bojja tal-Kastell* u l-plott tan-novella *The Green Archer* huma identiċi, apparti xi dettalji żgħar li forsi ma jaqblux. Bejn wieħed u ieħor, il-plott huwa l-istess, iżda l-karattri u s-sitwazzjonijiet ma jikkorrispondux perfettament. Għalkemm Wallace kien dak li ħoloq il-karattru tal-arċier l-aħdar, il-qarrej jista' jaħseb li din il-figura tista' tiġi assoċjata b'xi mod mal-figura medjevali ta' Robin Hood, l-aktar minn ilbiesu, għalkemm l-ambjentazzjoni hija kompletament differenti.

Il-fatturi li jinfluwenzaw lill-kittieb biex jikteb dak li jikteb huma: l-interessi tiegħu f'oqsma partikulari jew f'xi ħaġa li jħobb jikteb, jew inkella l-esperjenzi u t-tiġrib personali tiegħu. Mit-testi tal-awtur, il-qarrej għandu jinduna bil-preferenzi tematiċi tiegħu u dwar dak li l-aktar iħobb jistħarreġ. Apparti minn hekk, Dimech kien ispirat mir-rumanzi u kittieba klassiċi meta kien iżgħar fl-eta` u għalhekk ma setax ma jippruvax jimxi fuq il-passi tagħhom. M'hemmx dubju li l-kotba u l-films li kien jaqra u jara mmarkaw l-istil letterarju li Dimech jikteb bih.

## Għeluq

Ma setax jonqos li Dimech jiġi influwenzat mit-tendenzi letterarji ta' żmienu. Infatti, il-letteratura tal-ħamsinijiet u tas-sittinijiet ma setgħetx ma tkunx influwenzata mill-ġrajjiet ta' Malta. F'għajnejn ir-rumanzier, Malta kienet id-dinja tiegħu, u l-awtur kien jibbaża n-nisġa tiegħu fuq l-Istorja Maltija. Ir-rumanzier Malti ried iwassal lill-qarrej it-taqbida tal-Maltin mal-ħakkiema barranin, u ried ifakkar lill-qarrej fil-ġrajjiet kollha li għaddiet minnhom Malta. Minħabba li l-Maltin kienu bdew ifittxu t-triq għall-Indipendenza u għall-ħelsien ta' pajjiżhom ma setgħux ma jkunux patrijottiċi fil-kitbiet tagħhom.

Il-letteratura tat-tieni nofs tas-seklu 20 kienet bdiet tingħata bixra aktar realistika, iżda  bejn epoka u oħra m'hemmx qtugħ komplet għax hemm aspetti ta' kontinwita`. Wara l-Indipendenza, Malta bdiet miexja lejn it-triq tal-progress u, aktar 'il quddiem fl-Istorja tal-letteratura, ir-rumanz beda jieħu bixra differenti, aktar soċjali u aktar psikoloġika. Il-kurrenti li ġew minn pajjiżi barranin ġabu magħhom tendenzi u ideoloġiji ġodda. Ir-rumanz tat-tieni nofs tas-seklu 20 kien jeħtieġlu joħloq rabta bejn, is-soċjeta, il-letteratura u l-qarrej. Ma kellux jibqa' jirrifletti l-kuxjenza nazzjonali iżda minflok ried iwassal l-ansjetajiet ta' soċjeta` mimlija tensjoni u delużjonijiet.

Dimech kien kittieb storiku li mexa mal-mudell letterarju ta' żmienu u għalkemm iddevja xi ftit minn dak li s-soltu nistennew minn kittieb

b'għeruqu mniffda fir-rumanz storiku, xorta baqa' fidil lejn ix-xejriet tradizzjonali li hu beda jikteb bihom. L-għan edukattiv ta' Dimech intlaħaq tajjeb ħafna. Dan il-ġeneru kien l-aktar immirat lejn il-popolin, għaliex ried iwassal l-informazzjoni storika Maltija u barranija lill-oqsma l-inqas edukati. Il-ġeneru tiegħu ġie ppopolarizzat min-nies tant li l-kotba ta' Dimech kisbu suċċess mal-qarrejja. Għalih kien dmir li jgħallem u jqarreb l-Istorja ta' Malta u l-wirt storiku u kulturali tagħha lejn iċ-ċittadini. L-istil mexxej tiegħu juri li kitbietu huma idealizzati għall-qarrej. Dimech bena relazzjoni soċjali mal-qarrej u ma riedx biss jikteb, iżda ried ukoll jiddjaloga miegħu. Kollox ma' kollox, huwa rnexxielu tajjeb f'dan.

## Il-Xogħlijiet ta' Arturo Dimech

*Il-Ħajja Tiegħi fl-Iscouts.* Malta, 1951-1952. Manuskritt.

*Oscar jew Il-Qattiel ta' Martu*. Malta, Cumbo Press, 1954. Stampat.

*Id-Delitti ta' Wied iż-Żurrieq jew Imħabba Pura.* Malta*,* Cumbo Press, 1955. Stampat.

*Il-Misterji tal-Fantasma jew il-Vittmi tal-Baruni. b.p, 1955. Stampat.*

*Il-Bojja ta' l-Ordni jew l-Omm Misħuta*. Malta, St. Anthony Press, 1956. Stampat.

*Il-Katavru tat-Torri*. Malta, St. Anthony Press, 1956. Stampat.

*Delitt Misterjus jew Malta fi Żmien is-Saraċin.* Malta, St. Anthony Press, 1957. Stampat u Kasett.

*X'Taf Tagħmel l-Imħabba.* Malta*,* Las Vegas Press, 1957. Stampat.

Li S*pettru Misterjus jew Anna Bolena.* Malta, Las Vegas Press, 1958. Stampat.

*Ġenn ta' Assassin.* Malta, Las Vegas Press, 1959. Stampat.

*L-Ingwanta s-Sewda*. Malta, Las Vegas Press, 1959. Stampat.

*l-Istorja tal-Knisja Maltija.* b.p, 1959. Stampat.

*Il-Bojja tal-Kastell.* Malta, Las Vegas Press, 1960. Stampat u Kasett.

*Fil-Ħarem ta' Al Mansur.* Malta, Las Vegas Press, 1960. Stampat.

*L-Irdum ta' Bniedem Mejjet.* Malta, Las Vegas Press, 1961. Stampat.

*L-Ispjun u l-Ġurnalist*a. Malta, J. Magro, 1962. Stampat.

*Il-Raġel tal Mantell Iswed*. Malta, Las Vegas Press, 1962. Stampat.

*Ix-Xebba ta' Israel.* Malta, Las Vegas Press, 1962. Stampat.

*Ħtija u Kastig*. Malta, Las Vegas Press, 1963. Stampat

*L-Avventuri Ċelebri ta' Joe Mank.* Malta, Las Vegas Press, 1964. Stampat.

*Iben l'Ikkundannat.* Malta, Las Vegas Press, 1964. Stampat.

*Imħabba ta' Xebba Salvaġġa*. Malta, Lombardi Press, 1964. Stampat u Kasett.

*Is-Saħħar ta' Wied iż-Żurrieq. b.p,* 1965. Stampat u Kasett.

*Il-Ħalliel tal-Katavri jew Ali Ben Ħasan.* Malta, Lombardi Press, 1966. Stampat u Kasett.

*Imħabba Misruqa jew ix-Xirka tal-Lupu*. Malta, Lombardi Press, 1966. Stampat.

*Il-Katavru ta' Taht il-Ħarruba*. Malta, Las Vegas Press, 1966. Stampat.

*Imħabba Krudila jew id-Dnub Jiġġenera l-Mewt.* Malta, Las Vegas Press, 1967. Stampat.

*Il-Mostru Qattiel*. Malta, Las Vegas Press, 1968. Stampat.

*L-Avventuri Ċelebri tat-Tabib Armstrong*. Malta, Lombardi Press, b.d[1]. Stampat.

*Id-Delitti fil-Katakombi jew Li Ġgant tal-Leħja Ħamra.* b.d[2]. Stampat.

*Id-Delitti tal-Palazz l-Iswed*. Malta, Lombardi Press, b.d[3]. Stampat u Kasett.

*Filippo Deblay. b.p, b.d*[4]. Kasett.

*Il-Famiglia t-Traduta jew l'Eżiljat tas-Siberja*. Malta, Lombardi Press, b.d[5]. Stampat.

*Il-Fantasma tal-Maqluba. b.p, b.d*[6]. Stampat.

*Gezabel. b.p, b.d*[7]*. Stampat.*

*Ħajjet ta' Qaddisin*. b.p, b.d[8]. Stampat

*Il-Kbir Assedju ta' Malta ta' l-Aħħar Gwerra Dinjija.b.p, b.d*[9]. Stampat.

*Il-Mostru tal-palazz jew Imħabba u Mibegħda. b.p,* b.d[10] . Stampat.

*Il-Qawwa ta' l-Imħabba jew it-Tortura ta' Franza*. Malta, S. Pawl, b.d[11]. Stampat.

*Qtil Stramb u Misterjus. Malta, Las Vegas Press, b.d*[12]*.* Stampat

*Storja Politika ta' Malta. b.p, b.d*[13]. Stampat.

*Il Vendetta ta' l-lsiera jew id-Delitti ta' Ħaż-Żabbar*. Malta, Lombardi Press, b.d[14]. Stampat.

*Il-Wied tal-biża'*. Malta, Lombardi Press, b.d[15]. Stampat.

Il-Misterji ta' Venezja. Malta, Las Vegas Press, b.d[16]. Stampat.

L'Eroj tax-Xabla u ta' l'imħabba. Malta, Las Vegas Press, b.d[17]. Stampat.

## *Biblijografija*

Attard, Kenneth. *Giuseppe Cumbo u r-Rumanz tal-Faxxikli.* B.A (Unuri). Universita` ta' Malta, 1995. Tutur: Arnold Cassola. Teżina.

Attard, Noel. *Personaġġi Storiċi fir-Rumanz Storiku Malti*. M.A. Universita` ta' Malta, 1999. Tutur: Arnold Cassola. Teżi.

Bloom, Harold, and Janyce Marson. *Bloom's Modern Critical Views: Leo Tolstoy.* New York: Chelsea House Publishers, 2003. Stampat.

Bosworth C.E, Emeri Van Donzel, B.Lewis, Ch. Pellat. *The Encyclopedia of Islam.* Volume Vl. Leiden: E. J. Brill, 1987. Stampat

Briffa, Charles. *Ir-Rumanz Malti sa Nofs is-Seklu Għoxrin.* Malta, Pubblikazzjonijiet Indipendenza, 2003. Stampat.

Briffa, Charles. *Il-Letteratura Maltija: L-Istorja tan-Narrattiva.* Malta: Malta University Press, 2008. Stampat.

Butcher, Matt. "From Gothicism to Romanticism: The history of Gothic literature." *Helium: Arts & Humanities: Literature. Sit Elettroniku.* 02/07/2010. <http://www.helium.com/items/135576-from-gothicism-to-romanticism-the-history-of-gothic-literature>

Gregory , Horace. “The Collected Stories of William Faulkner.” *William Faulkner Critical Assessments.* Claridge, Henry. Mountfield: Helm Information Limited, 1999. Stampat

Currie, Gregory. "What is Fiction?" *The Journal of Aesthetics and Art Criticism.* Vol. 43, No. 3. Summer (1985): 385-392. JStor. Sit Elettroniku. 21/8/2010.

Currie, Gregory. “The Characters of Fiction.” *The Nature of Fiction*. Ontario: Cambridge University Press, 1990. Stampat.

Cuschieri, Marija. *L-Imħabba Fir-Rumanz Storiku Malti*. B.A (Unuri). Universita` ta’ Malta, 2006. Tutur: Arnold Cassola. Teżina.

Del Principe, David. *Rebellion, Death and Aesthetics in Italy: The Demons of Scapigliatura.* Cranbury, London and Ontario: Associated University Presses, 1996. Stampat.

De Vore, David. “The Gothic Novel.” *Connection to the Gothic Novel*. Sit Elettroniku. 02/07/ 2010. <http://cai.ucdavis.edu/waters-sites/gothicnovel/155breport.html>

Farrugia, Aleks. “200 sena minn ħajja tiżfen mal-mewt.” *It-Torċa*, 19 ta' Settembru, 2010: 31-32. Stampat.

Friggieri, Oliver. “L-Evoluzzjoni Storika tar-Rumanz Malti.” *Saġġi Kritiċi.* Malta*:* Aquilina & co 1979: 295-310. Stampat.

Friggieri, Oliver. *Storia Della Letteratura Maltese.* Milazzo: Edizioni Spes, 1986. Stampat.

Friggieri, Oliver. *Dizzjunarju ta' Termini Letterarji.* Malta: Publishers Enterprises Group Ltd, 2000. Stampat.

Griffith, Kelely. *Writing Assays about literature.* Boston: Michael Rosenburg, 2006. Stampat.

Harvey, William. *Character and the Novel.* London: Chatto & Windus Ltd, 1965. Stampat.

Hume, Robert. "Gothic versus Romantic: A Revaluation of the Gothic Novel." *PMLA.* Vol. 84, No. 2. March (1969): 282-290. Jstor. Sit Elettroniku. 24/09/2010.

Lanfranco, Guido. "Żmien il-Faxxikli." *Għaqda Mużikali San Ġorġ Martri.* Ġunju. 2002: 117-118. Stampat.

Lanfranco, Guido. "Żmien il-Faxxikli." *Sagħtar.* Novembru, 2002: 34-35. Stampat.

Mercieca, Felicienne. *Il-Kavallieri ta' San Ġwann fir-Rumanz Storiku Malti.* B. Ed (Hons). Universita` ta' Malta', 1999. Tutur: Arnold Cassola. Teżina.

Murray, Tim. "Archaeology and the Threat of the past: Sir Henry Rider Haggard and the Acquisition of Time." *World Archaeology.* October, (1993): 179-184. Jstor. Sit Elettroniku. 15/09/2010.

Norton, Rictor. *Gothic Readings: The First Wave, 1764 - 1890.* Cornwall: MPG Digital Solutions, 2006. Stampat.

Pedley, Brian. "In The Footsteps Of Agatha Christie" *The Malta Independent,* 18 ta' Marzu, 2007. Sit Elettroniku. 22/11/2010. <http://www.independent.com.mt/news.asp?newsitemid=48062>

Price, Anthony. *Love and Friendship in Plato and Aristotle.* New York: Oxford University Press, 2004. Stampat.

Punter, David and Glannis Byron. *The Gothic.* Oxford: Blackwell Publishing, 2004. Stampat.

Rudin, Donna Dightman. *STANLEY J. WEYMAN - "Prince of Romance".* Sit Elettroniku. 23/09/ 2010. <http://stanleyweyman.com/stanleyprince1.htm>

Schiavone, Michael. *Maltese Biographies of the Twentieth Century.* Malta: Pubblikazzjonijiet Indipendenza, 1997. Stampat.

Singer, Eliot. "The Whodunit as Riddle: Black Elements in Agatha Christie." *Western Folklor.* Vol. 43, No. 3. July (1984): 157-171. Jstor. Sit Elettroniku. 21/10/2010.

Smith, Andrew. "Gothic Histories." *Gothic Literature*. Edinburgh: Edinburgh University Press Ltd, 2007. Stampat.

Steinhauer, Harry. *Twelve German Novellas.* Berkeley: University of California Press, 1977. Stampat.

Stone, Lawrence. "Prosopography." *Journal of the American Academy of Arts and Sciences: Daedalus* (1971): 46-79. Jstor. Sit Elettroniku. 14/08/2010.

Tapie, Victor. *France in the age of Louis XIII and Richilieu*. Ontario: Cambrige University Press, 1988. Stampat.

Tarchetti, Ugo. *Racconti Fantastici.* Milano: E. Treves & C. Editori, 1869. Stampat.

Ward, Mary. *The Literature of Love.* Ontario: Cambridge University Press, 2009. Stampat.

Weyman, Stanley. *The House of the Wolf*. Sit Elettroniku. 23/12/2010. <http://www.stanleyweyman.com/GeneralPrefaceEssay.htm>

Williams, John. "Stanley John Weyman (1855-1928): Novelist and Man of Letters." *Transactions Of the Denbighshire Historical Society* (1994). Jstor. Sit Elettroniku. 24/09/2010

# *Indiċi*


**A**

*Aristophanes....................50*

*Arrigo, Charles.................23*

*Attard, Charles................97*

*Attard, Kenneth..............18, 71, 87*

**B**

Beardsley, Monroe..........85

*Belsay, Catherine...........49*

*Bonniċi, Lino...................20, 21*

*Bosworth et al................33*

*Briffa, Charles................9, 10, 14 33, 69, 70*

*Bucher, Matt..................34*

*Byron, Glannis...............31*

*Bloom,* Harold...............*99*

**C**

*Cachia, Joseph...............20*

*Camillieri, Victor...........16*

*Cardona, Guze`.............98*

*Caruana, Arturo............13*

*Castagnia......................24*

*Christie, Agatha............106, 107*

*Clews, Charlie......................24*

*Cumbo, Giuseppe............. 12, 13, 17, 18*

*Currie, Gregory....................41, 85*

*Cuschieri, Maria..................92*

**D**

*De Vore, David......................28*

*Del Principe, David................31*

*Dimech, Doris...................................20,22, 23, 24, 74*

Dostoievsky, Fiodor...............107

Doyle, Arthur Conan...............39

**F**

*Farrugia, Aleks.....................31, 39*

*Farrugia, Evangelista..............................20*

*Faulkner, William Cutbert....40, 41*

*Faure`, Giovanni......................13*

*Fiorini, Stanislaus....................24*

*Friggieri, Oliver............................33,34, 83, 84, 92,94*

### *G*

*Galea, Guze`..................24*

Griffith, Kelely................88

*Guillamier, Alfie.............11*

### *H*

*Haggard, Rider................104, 105*

*Harvey, William...............85*

*Hoffman, E. T. W ..............30, 31*

*Hume, Robert....................34*

### *L*

*Lanfranco, Guido...............7, 13, 14, 18*

*Lombardi, Emilio...............17*

*Lombardi, Ronnie..............17*

### *M*

*Marson,* Janyce*..................99*

*Mercieca, Felicienne..........................73*

*Micallef, Nikolo`................13, 17, 18*

*Murrey, Tim.......................104, 105*

### *N*

*Norton, Rictor.................29,30*

### *P*

*Pedley, Brian...................106*

*Platun.............................50, 96*

*Poe, Edgar Allan.............29, 31, 39, 45*

*Price, Anthony.................50*

*Punter, David...................31*

### *R*

*Radcliffe, Ann................29, 31, 38*

*Rudin, Donna Dightman.........................106*

### *S*

*Sammut, Domenico..........................18*

*Scalpello, Twanny.............18, 23*

*Schiavone, Michael............................22*

*Singer, Eliot.....................107*

*Steinhauer, Harry..............30*

*Stone, Lawrence...............95*

*Smith, Andrew....................40*

### *T*

*Tarchetti, Ugo....................31, 32, 33*

*Taylor, Rictor.....................33*

## *V*

*Vassallo, Alfred....................102*

## *W*

*Wallace, Edgar.....................106, 109, 110*

*Walpole, Horace............28, 29, 39*

*Ward, Mary....................49, 50*

*Weyman, Stanly John..............................105, 106*

*Williams, John.............105*

# *APPENDIĊI I*

0992949

FORMULA I
*FORM I*

REGISTRU PUBBLIKU
*PUBLIC REGISTRY*

Jiena, hawn taht iffirmat, b'dan niccertifika illi dan li gej huwa ESTRATT veru mir-registrazzjoni Nru. 3485 tas-sena 1907 fir-Registri ta' l-Istat Civili dwar Atti tat-twelid u r-Registru ta' Persuni Adottati mizmuma fl-Ufficcju tar-Registru Pubbliku, il-Belt, Valletta, Malta, skond id-dispozizzjonijiet tal-Kodici Civili (Kap. 16).

*I, the undersigned, do hereby certify that the following is a true EXTRACT from entry No.* 3485 *of the year* 1907 *in the Civil Status records relative to Acts of Birth and the Adopted Persons' Register kept in the Public Registry Office, Valletta, Malta, in accordance with the provisions of the Civil Code (Cap. 16).*

| Post tat-Twelid<br>*Place of Birth* | Data tat-Twelid<br>*Date of Birth* | Isem il-Wild<br>*Name of the Child* | Sess<br>*Sex* | Isem u Kunjom u post tat-twelid tal-Missier<br>*Name and Surname and place of birth of the Father* | Isem u Kunjom u post tat-twelid ta' l-Omm<br>*Name and Surname and place of birth of the Mother* |
|---|---|---|---|---|---|
| ZABBAR MALTA | Sat. 01 June 1907 | ARTURO | Male | GIUSEPPE DIMECH (ZABBAR MALTA) | CARMELA DIMECH BEZ' MIZZI WIFE OF THE SAID GIUSEPPE DIME-CH (SENGLEA MALTA) |

UFFICCJU TAR-REGISTRU PUBBLIKU-MALTA
PUBLIC REGISTRY OFFICE-MALTA

DIRETTUR
DIRECTOR

Date Mon. 21 June 2010

Dritt imhallas
*Fee Paid* EUR 2.33

Santwarju Madonna tal-Grazzja
PARROĊĊA ŻABBAR

# ĊERTIFIKAT TAL-MAGĦMUDIJA
## CERTIFICATE OF BAPTISM

Meħud mir-Reġistri tal-Parroċċa ta' Ħaż-Żabbar — Malta.
*From the records held at Zabbar Parish — Malta.*

Vol. XII Pg. 507

Isem / *Name*: Arthurus.

Ibén/Bint / *Son/daughter of*: Joseph Dimech

u / *and*: Maria-Carmela Mizzi

Post tat-Twelid / *Place of Birth*: Ħaż-Żabbar

Data tat-Twelid / *Date of Birth*: 1 ta' Ġunju 1907 06.30am

Data tal-Magħmudija / *Date of Baptism*: 3 ta' Ġunju 1907

Parrini / *God Parents*: Laurentuss u Maria-Anna Mizzi ukoll Michael

Ministru tal-Magħmudija / *Minister of Baptism*: Rev. Fr. Leopoldo Farrugia DD

18.06.2010
Data
*Date*

PAROCCIA B.M.V. GRATIARUM CIV. ŻABBAR

Kappillan
*Parish Priest*

0217735

FORMULA O
*FORM O*

REGISTRU PUBBLIKU
*PUBLIC REGISTRY*

Jiena, hawn taht iffirmat, b'dan niccertifika illi dan ta' hawn taht huwa ESTRATT veru mill-Att tal-Mewt Nru. 2555 / 1981 registrat fl-Ufficju tar-Registru Pubbliku, il-Belt, Valletta, Maltà, skond id-disposizzjonijiet tal-Kodici Civili (Kap. 23).

*I, the undersigned, do hereby certify that the following is a true EXTRACT from the Act of Death No.* 2555 / 1981 *registered in the Public Registry Office, Valletta, Malta, in accordance with the provisions of the Civil Code (Cap. 23).*

| Isem u kunjom tal-mejjet / *Name and surname of the deceased* | Jekk kien mizzewweg/mizzewga jew le, armel jew armla / *Whether married or unmarried, widower or widow* | Okkupazzjoni u eta' (snin) / *Occupation and age (years)* | Post tat-twelid / *Place of birth* | Isem u kunjom il-genituri / *Name and surname of parents* | Post u data tal-mewt / *Place and date of death* |
|---|---|---|---|---|---|
| ARTHUR DIMECH | BACHELOR | OLD AGE PENSIONER 74 | ZABBAR MALTA | JOSEPH DIMECH (DEAD)<br>CARMELA DIMECH NEE' MIKZI (DEAD) | ZURRIEQ MALTA Sat. 05 September 1981 |

UFFICCJU TAR-REGISTRU PUBBLIKU-MALTA
*PUBLIC REGISTRY OFFICE-MALTA*

DIRETTUR
DIRECTOR

Date Wed. 07 July 2010

Dritt imhallas
*Fee Paid* EUR 2.33

Cachia

# ĊERTIFIKAT TAL-MEWT

Mehud mill-Original tar-Reġistru tal-Mewt fil-Parroċċa taż-**Żurrieq**
From the Original Register of deaths in the Parish of **Żurrieq**,
MALTA.

Volum XII Paġna ........ Numru 49

Isem u Kunjom Arthurus Dimech
*Name and Surname*

Data tal-Mewt 5 ta' Settembru 1981
*Date of death*

Isem u Kunjom tal-Missier Joseph Dimech
*Name and Surname of father*

Isem u Kunjom ta' l-Omm Carmelae Mizzi
*Name and surname of mother*

Stat Maritali Ġuvni
*Marital State*

Fejn miet/ fejn mietet 'Margaret Hx', St Paul Street Zurrieq
*Place of death*

Post tad-difna San Leone - Zurrieq
*Place of burial*

*Niċċertifika li dan kollu jaqbel mas-sewwa.*
*I certify that the above is true and correct.*

Data 23/6/2010 F/ Arċipriet
Date

MALTA

# REGISTRU PUBBLIKU, MALTA – CERTIFIKAT TA' TESTMENTI

MS ROSEANNE FABRI
26, ANGELO MELLILLI STREET
ZEBBUG, MALTA. ZBG 2800.

Saret riċerka fl-Indicijiet tan-Noti ta' l-Insinwa mizmuma f'dan ir-Registru, inkluz dawk mibghuta mir-Registru Pubbliku, Ghawdex skond id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 29 ta' l-Att dwar ir-Registru Pubbliku, (Kap. 56), fuq -

**DIMECH ARTHUR OF JOSEPH AND CARMELA NEE MIZZI B. ZABBAR**

***Ghal perijodu li beda mill- 01/01/1920 sa 31/12/1981 it-tnejn inkluzi.***

**U niccertifika li instabu s-segwenti testmenti.**

**I 1981/1978**
**I 7719/1981**

**Kopja tan-Nota/i relativi hija/huma hawn annessi bhala parti integrali minn dan ic-Certifikat.**

***Nota – Testmenti sigrieti depozitati fis-Sekond'Awla m'humiex inkluzi.***

***Illum*** ***Direttur***

Date ordered: 07/07/2010 Order Number: 266626 Date issued: 09 Jul 2010

# *APPENDIĊI II*



*Dimech f'ritratt tal-1928 mal-għaqda taċ-ċirimelli ta' San Gwann Tuxa f'Bormla. Jidher fuq nett u f'idu qiegħed iżomm il-bandiera Maltija.*



Dimech waqt ħarġa fil-kampanja mal-iScouts ta’ Bormla fl-1940. Jidher fuq quddiem fuq in-naħa tal-lemin.



Dimech flimkien ma' Herry Harmour (EX Scout ta' Bormla) fuq il-bejt tad-dar tiegħu fiż-żurrieq fl-1977.



Dimech flimkien ma’ shabu fl-1977, jiċċelebraw is-sittin sena mit-twaqqif ta’ dan il-grupp ta’ Scouts fil-‘Head Quarters’ ta’ Bormla.

# *APPENDIĊI III*

Wasal biex joħroġ il-famuż romanz ġrajja il-Canada, L'Ingilterra u Franza.

# L'EROJ TAX-XABLA U TA' L'IMHABBA

Romanz li ftit dehru bħalu bil-Malti. U biex il-qarrej jifhem is sbuħija tiegħu se nġib ftit mill-kapitoli li fih.

Il-misterji u ntriċċi tal-Maġistrat. L'Intorn Young. Imħabba sakrifikata. Iż-żewġ rivali. Ġlieda feroċi. Imħabba li tibda mit-tfulija. F'idejn il-furbani. Tfajla xxurtjata. Is surġent li juri l-kartolini. Qalb is sajjieda, ġuvni supperv u l'ieħor umli. Omm żventurata. Missjoni diffikultuża ta' ġuvni eroj Ingliż. Lejliet il-battalja ta' Quebec. Eroiżmu li jġib Vittorja. Il-Franċiżi telliefa ma' l'Ingliżi, Il-għejb tat-traditur. Il-kbir general Wolfe. L'imħabba twitti kollox. Ir-raħal Ingliż ta' Sidmout u kapitoli oħra.

Dan ir-romanz sabiħ miktub minn A. DIMECH u ma jilħaqx aktar minn 90 faxxikolu.

Se jiġi stampat f'LAS VEGAS PRESS ta' N. MICALLEF, 36 TRIQ S. DUMINKU TAS-SLIEMA

A

# TAJBIN U HZIENA

Minn N. MICALLEF

F'ħanut tal kafè f'Ħall Tarxien kienu jpoġġu ...ixorbu u jlabalbu qabda rġiel u żgħażagħ. Kull ...ant kont tara wkoll lill Charlie ż-Żring li għal-...emm kien ftit twajjeb, dejjem taraħ jiżżattat. ...inn għaliħ li fir-raħal ma kienx hemm ġuvni ...ħjar minnu.

Dan Charlie tefa' għajnejh fuq xebba, iżda ...iex jiżżewwiġha kellu ta' bilfors ibiddel il pożizzjoni ...iegħu, għax fill post li kien jaħdem ma kellux paga ...i jista' jieħu l-istat tiegħu.

Għ ħsieb f'rasu li jibda xi negozju li bih ...aqla' flus aħjar. Allura ftiehem ma ħabib tiegħu ...ismu Ġużeppi biex ibigħu l-qastan.

Xtraw xkora qastan nej, u biex jirnexxilhom ...n-negozju riedu jneħħu l-ħażin biex jieħdu fama ...ajba.

Iżda ma abbużawx imorru jagħżluh id-dar ...ħax beżgħu li ħuthom jisirqulhom minnhom, ...llura ftehmu li jmorru u jagħżluh taħt iċ-ċint taċ-...imiterju.

Dan Charlie qabad li xkora u wara li tefagħha ...uq dahru erħewla lejn iċ-ċimiterju, iżda kif waslu, ...ieħor ġih ħsieb u qal bih lill ħabib tiegħu Charlie:

— Kieku flok noqgħodu hawn barra, mhux ...ħjar nidħlu fiċ-ċimiterju biex nagħżlu l-qastan, ...awn barra niġu s-sindikati min-nies.

— Ngħid għalija xorta waħda.

Allura Charlie tela' fuq iċ-ċint u l'ieħor new-...illu li xkora, iżda kif qabżu għall ġo ċ-ċimiterju ...eress li l-ixkora kienet imtaqqba waqgħulhom ...ewġ qastniet.

Charlie kien ġa lest biex jerġa jaqbeż iċ-ċint u ...nur iġibhom, il ħabib tiegħu qallu:

— Ħallihom, wara li ngħażlu li xkora kollha ...ngibuhom.

Allura bdew jagħżlu l-qastan.

Charlie — Din ħażina, nagħmluha mall ħżiena.

Ġużeppi — Dawn il ħamsa tajbin, inpoġġuhom mat-tajbin.

U baqgħu jagħżlu għall ħin twil.

Inżerta għaddej minn hemm dak it-tallab bel-għani li biex jitlob jgħid: Agħtini sitta... għatini sitta... ħi... U kif sama' minn ġo ċ-ċimiterju l-kelmiet "Din ħażina għall mall ħżiena u dawn tajba għall mat-tajbin" ħaseb li spiċċat id-dinja u qiegħed isir il ġudizzju. Allura t-tallab twerwer u telaq jiġri u jgħajjat:

— Spiċċat d-dinja. Fiċ-ċimiterju qiegħda jsir l-għażla.

Hawn semgħu Pawlu, wieħed minn dawk il keshin li ma jemmen b'xejn u biex jgħaddi ż-żmien bit-tallab, qallu:

— Ejja miegħi ħalli nara b'għajnejja dawn il ħmerijiet li qiegħed tgħid:

Meta waslu ħdejn iċ-ċint taċ-ċimiterju, Pawlu sama' wkoll il kelmiet "Din ħażina għall mall ħżiena u din tajba għall mat-tajbin" allura waqqaf widnejh biex jisma aħjar.

F'dak il ħin li xkora dbattlet għall kollox, allura qabeż Charlie u qal lill Ġużeppi.

— Issa ejja jmmorru għall dawk it-tnejn ta' taħt iċ-ċint "vuoldieri għaż-żewġ qastniet li waqgħulhom".

Kif Pawlu sama' l-kelmiet "Ejja jmmorru għall dawk it-tnejn ta' taħt iċ-ċint" emmen li qiegħed isir il ġudizzju u ħaseb li qiegħed igħid għalih u għat-tallab, allura telaq jiġri u ħalla lit-tallab jit-riġħed bil biża' taħt iċ-ċint taċ-ċimiterju.

T M I E M.



Ċ



D